

ĠUŻÈ AQUILINA

NUMRU SPEĊJALI ta'

# Leħen il-Malti

MAĦRUĠ MILL-GĦAQDA TAL-MALTI (UNIVERSITA')

1977

## IL-KUMITAT TA' L-GĦAQDA TAL-MALTI (Università) — 1976/77

*President:* Mons. Professur Dun Karm Sant, B.A., D.D., S.S.D.

*Viċi-President:* Rev. Edward Fenech, B.A. (Gen.), B.A. (Hons.), M.A., Ph.D. (Leeds).

*Segretarju:* Peter Paul Buttigieg.

*Kaxxier:* Ġorġ Mallia.

*P.R.O.:* Carmen Dalli.

*Membri:* Oliver Friggieri, B.A., M.A.
Catherine Mallia.
Ġorġ Cilia.

---

**Kronaka ta' l-Għaqda mill-aħħar ħarġa ta' l-Organu 'l hawn:**

| | |
|---|---|
| 21 ta' Ottubru, 1976: | Laqgħa Ġenerali Annwali li saret l-Università tal-Qroqq. Il-Professur Mons. Dun Karm Sant, aġent-kap tad-dipartiment tal-Malti, sar it-Tielet President wara r-riżenja tal-Professur Ġużè Aquilina, li kien ilu bħala President ta' l-Għaqda għal 36 sena, sewwa sew mit-23 ta' Jannar, 1940. |
| 10 ta' Diċembru, 1976: | L-Għaqda organizzat "Wine and Pizza Party" f'ġieh il-Professur Ġużè Aquilina, ex-President ta' l-Għaqda, li għadu kif spiċċa mill-kariga tiegħu ta' Professur u Kap tad-dipartiment tal-Malti. Dan sar fl-Arts Auditorium ta' l-Università. Saru xi preżentazzjonijiet: bukkett fjuri lis-sinjura Aquilina, fil-waqt li lill-Professur, dgħajsa żgħira tal-Fidda b'radd ta' ħajr u tifkira. L-inbid ingħata mid-ditta Coleiro Bros. tal-Marsa. |
| 3 ta' Jannar, 1977: | Ħareġ l-ewwel numru tan-"NIXXIEGĦA", għax-xahar ta' Jannar. L-għan ta' dan hu sabiex jingħata xi informazzjonijiet dwar l-attivitajiet ta' l-Għaqda, lill-membri tagħha stess — speċi ta' pont bejn il-kumitat u l-membri. |
| 3 ta' Frar, 1977: | Saret il-"Miġemgħa tal-Qarrejja". Laqgħa għall-membri w ħbieb, fejn dawk li jridu jaqraw xi xogħolijiet tagħhom, u wara ssir kritika fost dawk preżenti. |
| 7 ta' Frar, 1977: | It-tieni numru tan-"NIXXIEGĦA" għax-xahar ta' Frar. |
| 4 ta' Marzu, 1977: | Laqgħa oħra tal-"Miġemgħa tal-Qarrejja". |

# WERREJ


Editorjal ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 1

Aquilina: Il-Professur li Bena u Mexxa l-Katedra tal-Malti **E. Fenech** ... 3

Il-Professur Ġużè Aquilina: Kif Nafu Jien **Profs Ġużè Galea** ... ... ... 6

Aquilina u l-Lingwistika Maltija **Alb. Borg** ... ... ... ... ... 8

Tifkiriet ta' Aquilina **Paul Buttigieg** ... ... ... ... ... ... 12

L-Għaqda tal-Malti (Universita') u l-Membri Tagħha 1939 — 1945
**Profs. Mon. K. Sant** ... ... ... ... ... ... 15

Ġużè Aquilina: Kif Nafu Jien **Oliver Friggieri** ... ... ... ... ... 41

Ġużè Aquilina: Kif Nafu Jiena **M'Rose Gatt** ... ... ... ... ... 45

Kelmtejn fuq Aquilina **Dr. Joe Zammit Tabona** ... ... ... ... 49

Ħajja ta' Ħidma u Taqbid **Ġużè Cardona** ... ... ... ... ... 52

Il-Professur Ġużè Aquilina **Ġużè Delia S. J.** ... ... ... ... ... 55

Ir-ruħ u l-moħħ tal-Profesur Ġużè Aquilina
Tifkiriet ta' ex-kollega u ħabib **Profs. Renato Cirillo (Kanada)** 59

# IFFRANKA L-FLUS

## Ix-xarba favorita tiegħek issa fi flixkun KBIR

( 10oz BOTTLE )

KINNIE

L-AKTAR XARBA POPOLARI F'MALTA




PRODOTT TA' FARSONS

# LEĦEN IL-MALTI

IS-XLVI SENA 1977 GHADD 21

**BORD EDITORJALI**

*Editur:* Mons. Professur Dun Karm Sant, B.A., D.D., S.S.D.

*Assistent Editur:* Oliver Friggieri, B.A., M.A.

*Membri:* Peter Paul Buttigieg.
Ġorġ Mallia.
Albert Borg, B.A. (Hons.), D.Litt.

## EDITORJAL

*Leħen il-Malti rabat ismu ma' l-aħjar persunaġġi letterarji tal-gżira. Qabel xejn, għaliex hu marbut mill-qrib mal-ħajja tal-lingwa u tal-letteratura fl-Università, u mbagħad għaliex hu xiehda tal-ġrajja tal-kultura bil-Malti minn żmien it-twaqqif tal-Katedra tal-Malti sal-lum. L-isem li jmur lura lejn is-snin tletin u erbgħin, imqallbin bil-polemika u ħajja minħabba ċ-ċaqliq tal-gżira, hu l-istess isem li ntrabat ma' Leħen il-Malti għal erbgħin sena sħaħ: Ġużè Aquilina, il-professur li ta lill-istudju ta' Isienna d-dinjità li għandu llum u li ġabar madwaru lill-aħjar kittieba u lil bosta oħrajn biex ilkoll flimkien igħaqqdu s-setgħat tagħhom u jsemmgħu leħen magħqud u deċiż b'riżq il-qawmien letterarju.*

*Jiġifieri l-organu ta' l-Għaqda tal-Malti ta' l-Università jinsab fid-dmir li jsellem lill-professur Ġużè Aquilina fi tmiem il-karriera tiegħu ta' kap tad-Dipartiment tal-Malti, jurih l-apprezzament serju tiegħu għall-ħidma għammiela li seħħlu jagħmel tul perijodu twil, imżewwaq u divers daqskemm interessanti u marbut mal-mumenti l-iżjed "storiċi" tal-mixja tal-Malti. Bħalma bosta kittieba Maltin ħarsu lejn Aquilina bħala l-missier tal-grupp letterarju lokali, l-organu jibqa' jħares lejh bħala persunaġġ ewlieni li ta lill-Malti l-kwalità li kien jeħtieġ u li għadu jeħtieġ: id-dinjità biex jieħu postu fil-qasam wiesa' ta' l-istudju f'Malta u barra.*

*Id-dinjità, kif Aquilina fehem minn kmieni, ma tiġix biss jew l-aktar bir-rieda tajba, iżda bis-serjetà u bid-dedikazzjoni ta' min iħares 'il*

*quddiem u jfittex li jaħdem bla ma jitgħażżen, ifittex mingħajr ma jitfixkel, jiġġieled mingħajr ma jkun polemiku bla ħtieġa. Mirja ta' dan wieħed isib kemm irid fil-ħajja kulturali twila ta' Aquilina kif, ftit jew wisq, se jixhdu l-kitbiet tal-ħbieb li jafuh u li qegħdin jiddokumentaw b'isimhom f'din il-ħarġa speċjali.*

*Lil Aquilina trid tieħdu fil-kumpless storiku, bħalma trid tieħu lil kull leħen ieħor fil-ġrajja kulturali, iżda trid tieħdu wkoll fl-aspett fundamentali ta' pijunier, ta' bennej li jqiegħed is-sisien biex ħaddieħor jibni miegħu. Hemm, madankollu, bennejja li jibnu mingħajr ma jagħtu lok għal theżhir ġejjieni. U Aquilina qiegħed dawn is-sisien bil-għaqal u bid-determinazzjoni, mela l-vojt ta' żmienu u fetaħ it-triq għal ta' warajh li jridu jissoktaw fejn ħalla hu. Ismu hu punt ta' riferiment ewlieni fil-ġrajja kulturali kollha ta' Malta, u hu monument fl-istorja partikulari tal-Malti.*


COINTREAU

*an Elegant Way of Relaxing*




A Saccone & Speed Agency

# AQUILINA:

# IL-PROFESSUR LI BENA U MEXXA L-KATEDRA TAL-MALTI

EDWARD FENECH

L-avviż għall-post ta' Professur tal-Malti u Ilsna Orjentali deher fil-Gazzetta tal-Gvern, fil-ħarġa tas-26 ta' Frar 1937. L-applikanti kellhom żmien biss sa nofs in-nhar tal-Ħamis, 4 ta' Marzu ta' l-istess sena. Dik il-ħabta Ġużè Aquilina kien qiegħed fl-aħħar sena tal-kors tal-Liġi. Għal dak li hu tagħlim hu kellu esperjenza ta' sena li fiha kien igħallem fl-Għasri fi skola primarja li nfetħet b'inizjattiva ta' Dun Ġorġ Saliba, mir-Rabat t'Għawdex. Dan kien qabel ma beda l-kors tal-Liġi. Għal dik li hi kitba, hu kien ħa sehem mal-Professur P.P. Saydon fil-ġbir tal-antoloġiji *Ward ta' Qari Malti,* u kien ukoll kiteb ir-rumanz *Taħt Tliet Saltniet* li bih rebaħ l-ewwel premju fil-konkors tal-Gvern. Flimkien ma' Aquilina applikaw nies li, bil-kriterji ta' dak iż-żmien, kienu kbar ukoll. Hekk kienu Ninu Cremona, Dr. Ġużè Micallef, E.B. Vella u r-Rev. John Theuma-Relf li fl-stess sena ntagħżel bħala professur tal-Patroloġija.

Minkejja li Aquilina kien għad għandu sitta u għoxrin sena, imma x'aktarx minħabba s-sens ta' maturità u bilanċ kbir fil-kriterji u l-ġudizzji tiegħu, hu ngħata l-Katedra tal-Malti u Ilsna Orjentali, skond l-ittra tat-2 ta' Ottubru 1937. Din l-istess nomina ġiet konfermata wara li Aquilina kiseb il-Ph.D. fl-Istudji Semitiċi Komparattivi mill-Università ta' Londra b'avviż li deher fil-Gazzetta tal-Gvern fit-2 ta' April 1940, bin-Notifikazzjoni Nru 122.

Ma hemmx għalfejn ngħidu li fl-1940, meta beda jgħallem il-Professur Ġużè Aquilina, ma kienx hemm fl-Università tagħna professuri 'full-time', anqas ma hemm għalfejn infissru li s-salarji kienu miżerja. Għalhekk, il-Professur Aquilina kien ikollu jaqsam il-ħin tiegħu biċċa fit-tagħlim hawn Malta, u biċċa fil-ħidma tiegħu bħala avukat ġewwa Għawdex. Mhux b'daqshekk kien jinsa l-Malti meta kien ikun medhi fuq xogħol ieħor. Ħallih jiġbor il-vokabolarju ġdid li kien jisma mingħand il-klijenti tiegħu, jieħu nota ta' l-idjomi u l-proverbji li kienu jużaw, u jistudja l-pronunzji differenti tagħhom. Fl-intervalli, imbagħad, kien ikun f'kuntatt ma' l-istudenti tiegħu hawn Malta, u ħallih jiddettalhom l-ittri ħalli bħala studenti jaqbżu għall-Malti u għall-ġieħ li kien jistħoqqlu. B'ħidma bħal din, per eżempju, l-ismijiet tat-toroq bdew jinkitbu bil-Malti kif inhu xieraq.

Il-Professur Aquilina reġa' lura minn Londra fit-8 ta' Jannar 1940 (1) u beda jgħallem il-Malti bħala suġġett obbligatorju fl-ewwel sena tal-Kors Intermedjarju tal-Fakoltà tal-Letteratura. Din il-Fakoltà kellha tliet korsijiet: tnejn minnhom kellhom l-iskop li jwasslu lill-istudenti biex jikkwalifikaw għad-dħul fil-Fakoltà tal-Liġi u f'dik tat-Teoloġija, u l-kors l-ieħor kien wieħed akkademiku li jwassal għall-grad tat-Teoloġja, u l-kors l-ieħor kien wieħed akkademiku li jwassal għall-grad ta' B.A. Min ried, seta wkoll jagħżel il-Malti bħala wieħed mis-suġġetti fakultattivi fit-tieni sena, imma ħadd ma seta' jieħdu bħala suġġett ewlieni tal-B.A. Fl-stess żmien, il-Malti kien obbligatorju wkoll għal sena għall-istudenti tal-Fakoltà tax-Xjenza. (2)

Fl-1940, Aquilina ħa ħsieb jirriforma l-eżami tal-Matrikola li kien beda fl-1935 bħala "test" bil-miktub biex jeżamina l-ortografija tal-kandidati li jersqu għall-eżami. Fis-sillabu għas-sena akkademika 1937-38 kienet ġa saret bidla għall-aħjar,

b'mod li min kien jersaq għall-eżami tal-Matrikola fil-Malti kellu jistudja l-ġabra *Ward ta' Qari Malti*, l-ewwel ktieb, miġbur mill-Professur Pietru Pawl Saydon u Ġużè Aquilina, jikteb bl-ortografija ta' l-Għaqda silta li kienet tkun iddettata waqt l-eżami, jagħmel traduzzjoni mill-Ingliż għall-Malti u oħra mill-Malti għall-Ingliż, u fl-aħħarnett jikteb parafrasi u jwieġeb mistoqsijiet dwar l-elementi lessikali u grammatikali tas-silta mogħtija. (3) Imma fl-1940-41, l-eżami tal-Matrikola tal-Malti ħa tifsila ġdida b'mod li flok karta waħda, saru żewġ karti ta' tliet sigħat kull waħda; l-ewwel karta kienet teżamina l-lingwa, u tinkludi anki komponiment, u t-tieni karta kienet dedikata għal-letteratura. (4)

Fl-istess sena akkademika 1940-41, Aquilina intensifika s-Sillabu tal-Malti fil-Kors Intermedjarju billi minn banda daħħal l-istudji filoloġiċi, fonoloġiċi u storiċi fuq bażi komparattiva, u billi min-naħa l-oħra żied il-kotba tal-letteratura, b'mod li kellhom jittieħdu siltiet mill-*Ward ta' Qari Malti*, it-tielet ktieb, kif ukoll *Il-Fidwa tal-Bdiewa* ta' Ninu Cremona, it-tnejn għal studju dettaljat, minbarra siltiet minn *Il-Għana ta' Dun Karm*, it-tielet ktieb, il-*Metrika Maltija* ta' Karmenu Vassallo, u r-rumanz *Helsien* ta' Ġużè Bonniċi għal studju inqas dettaljat.

Billi minn Ġunju tas-sena 1940 meta l-Italja ddikjarat gwerra kontra l-Ingilterra u l-Alleati, sa Novembru 1945 meta ċeda l-Ġappun, Malta kienet imħabbta mill-effetti kollha li ġiebet il-gwerra, inklużi l-bumbardamenti mill-ajru u l-għaks u l-ġuħ li kellna nbatu, ġara li ħafna "lectures" kellhom ikunu mfixkla. Il-Professur Aquilina stess kellu d-dar tiegħu tal-Birgu bbumbardjata u mġarrfa. Darb'oħra wkoll hu ħelisha ħafif meta kien ġej minn Għawdex fuq dgħajsa tal-latini bil-passiġġieri mgħottijin b'kanvas u ajruplan Ġermaniż kien tant fil-baxx li Aquilina u sħabu setgħu jaraw lill-pilota ta' li Stuka. Imma dan l-għadu nzerta qalbu tajba u ħalliehom sejrin bi kwiethom.

Minħabba żminijiet imħawda bħal dawn u l-problema li l-Malti kellu jiġġieled biex jilħaq "status" għoli taħt l-aspett lingwistiku u letterarju, Aquilina kellu jistenna sa l-1948 biex irnexxielu jdaħħal il-Malti bħala wieħed mis-suġġetti ewlenin għall-grad tal-B.A. (General), u bħala s-suġġett ewlieni għall-grad tal-B.A. (Honours). Madankollu, l-ewwel student li daħal għall-B.A. (Honours) fil-Malti kien fl-1953, u dan l-istudent, Emmanuel Ellul, illum "master" fl-Iskola Sekondarja għolja ħa l-grad fl-1955. Minn dak iż-żmien sal-lum baqa' dejjem ikun hemm studenti tal-B.A. (General) fil-Malti, kif ukoll, kważi kull sena, studenti tal-B.A. (Honours). Bil-ħidma tal-Professur Aquilina u ta' xi ħbieb tiegħu, l-Università fetħet diversi korsijiet akkademiċi fil-għaxija, l-iktar bħala opportunità għall-għalliema u servizz għall-kommunità Maltija. Wieħed minn dawn il-korsijiet kien dak tal-Baċillerat fl-Edukazzjoni, u fetaħ fl-1948. Il-Malti kien obbligatorju, u l-istudenti kellhom jiktbu teżi minbarra li jagħmlu l-eżamijiet. Il-kors l-ieħor kien dak tal-B.A. (General), u l-Malti kien suġġett ewlieni fakultattiv, u l-istudenti kellhom jiktbu teżi wkoll. L-ewwel ma sar kien fl-1960, u wara fl-1968.

Progress ieħor mil-lat akkademiku sar ukoll fil-Malti meta l-Università fl-1964 waqqfet il-grad ta' M.A., u l-Professur Aquilina kellu l-ewwel student għal dan il-kors. Dan kien is-Sur Ġużè Cardona, li kiseb il-grad ta' M.A. fl-1967. Sentejn warajh jien ħadt l-istess grad. U dan qed ngħidu b'sens ta' rikonoxxenza billi l-Professur Aquilina kien dejjem iħeġġiġni biex inkompli nistudja għall-ġid tiegħi u tad-Dipartiment tiegħu. Kien l-istess Professur Aquilina li fl-1972 bagħatni l-Ingilterra fejn wara tliet snin ksibt il-grad tal-Ph.D. fl-Istudji Semitiċi, u ta' dan jien inħossni obbligat li nirringrazzjah pubblikament.

Fis-sena 1972 wkoll, is-Sur Ġużè Cardona daħal għall-Ph. D. fl-Università tagħna b'suġġett fil-Malti, u hekk fi żmienu, il-Professur Aquilina rnexxielu jibni l-gradi akkademiċi kollha li normalment jinsabu f'universitajiet oħra. Sa ftit wara li rtira,

l-istess Professur kien għadu superviżur tat-teżi tal-Ph.D. ta' wieħed mill-membri ta' l-Istaff tad-Dipartiment tal-Malti u ta' Studji Semitiċi kif ukoll superviżur ta' tmien teżijiet ta' l-M.A. fil-Malti.

Minbarra l-ħidma tiegħu amministrattiva u skolastika, il-Professur Aquilina ta wkoll kontribut kbir biex daħħal il-Malti fid-dinja ta' l-għorrief u l-istudjużi barranin u Maltin. Hu ta sehmu bil-kitba ta' xogħlijiet kreattivi bħal ma huma d-drammi, in-novelli, l-essays, il-poeżiji, is-salmi u r-rumanz tiegħu *Taħt Tliet Saltniet* li hu l-muftieħ għat-tagħlim soċjo-kulturali tiegħu. Aquilina ta wkoll sehem kbir għall-ġurnaliżmu Malti u kiteb fuq diversi suġġetti. Hadem ukoll ħafna għall-edukazzjoni tal-kotra bil-mezzi kollha tal-kommunikazzjoni soċjali għal bosta u bosta snin. Imma l-Malti kompla għollieh iżjed bl-istudji lingwistiċi, filoloġiċi u komparattivi tiegħu bħal ma deher fil-*Papers in Maltese Linguistics, The Structure of Maltese, Maltese Linguistic Surveys* u d-dizzjunarju *A Comparative Dictionary of Maltese Proverbs*. Hu ġibed ukoll l-attenzjoni ta' l-istudjużi barranin b'rivisti li hu ppubblika bħala editur. Fost dawn insemmu *Leħen il-Malti*, il-*Journal of the Faculty of Arts* u xi ħaġa iżjed bil-*Journal of Maltese Studies* li fih dejjem ippubblika mhux biss kitbiet ta' Maltin, imma wkoll studji ta' barranin magħrufa mad-dinja ta' l-istudju. Hu xandar ukoll studji tiegħu nnifsu f'rivisti kbar oħra, kemm lokali u kemm barranin bħal ma huma l-*Orbis*, il-*Lingua*, il-*Journal of Semitic Studies*, ix-*Scientia* u oħrajn.

Aquilina fetaħ ukoll kuntatti ma' diversi universitajiet barranin. Hekk, per eżempju, fl-1964 għamel ftehim ma' l-Università ta' Leeds, li permezz tiegħu l-Università ta' Malta u dik ta' Leeds waqqfu l-*Malta Leeds Dialect Survey*, u issa waslu biex jippubblikaw flimkien it-tiftix u l-osservazzjonijiet tagħhom. Il-ħidma tal-Professur Aquilina ħalliet l-effett tagħha f'nazzjonijiet oħra minbarra f'Malta, il-Belġju, l-Ingilterra u l-Italja. Hekk insibu, per eżempju, lil Haim Blanc f'Israel, lil David Cohen fi Franza, lil William Cowan fil-Kanada, minbarra ħafna oħrajn, ilkoll jikkwotaw lil Aquilina u jistudjaw elementi diversi tal-lingwistika Maltija. Biex jirnexxilu jagħmel dan, Ġużè Aquilina ħadem bla heda mhux biss bil-kitba tiegħu hawn Malta u barra minn Malta, imma wkoll billi dar tista' tgħid mad-dinja kollha u ħa sehem f'ħafna kungressi li fihom qara studji li hu kien għamel fuq il-Malti. Anki hawn Malta, hu rnexxielu jagħmel kungressi internazzjonali. Suċċess kbir kienu kemm it-Tielet Kungress ta' l-*Atlante Linguistico Mediterraneo* (1969) u kemm l-*Ewwel Kungress dwar Hidmiet l-Għarab u l-Berberi fil-Mediterran* (1972) u t-*Tieni Kungress Internazzjonali Dwar il-Kulturi ta' Ġnus il-Baħar Nofsani fil-Punent* (1976). B'rikonoxximent għall-istatura tal-Professur Aquilina bħala studjuż magħruf hemm il-fatt li għal darbtejn fuq xulxin kien magħżul President ta' l-Assoċjazzjoni Internazzjonali Għall-Istudji taċ-Ċiviltajiet tal-Mediterran, li hi rikonoxxuta mill-UNESCO.

Il-Professur Aquilina, mhux biss bena u mexxa bil-għaqal il-Katedra tal-Malti, imma wkoll ta lill-ilsien Malti dimensjonijiet internazzjonali. Dan kollu rnexxielu jagħmlu bil-ħila tiegħu, mingħajr ma maqdar u kasbar lil min kien ħadem qablu u fi żmienu għall-ġid tal-Malti. Hu bena fil-veru sens il-Katedra tal-Malti fuq sisien sammi bil-għaqal tiegħu u mexxieha bl-imħabba u bl-irġulija tiegħu.

1. Mary Rose Gatt, *It-Tagħlim tal-Malti*, teżi preżentata fid-Dipartiment tal-Malti, fl-1964, u tinsab fil-*Melitensia* ta' l-Università ta' Malta, p. 101.
2. R. U. M. Calendar 1939-40, Regulations, Section I, p. 257 ss. Ara wkoll Gatt, *op. cit.*, pp. 103-4.
3. R. U. M. Calendar 1937-38, Matriculation Syllabus, p. 125; Gatt, *op. cit.*, *p. 100.*
4. R. U. M. Calendar 1940-41, Syllabus for Matriculation, p. 132; Gatt, *op. cit.*, p. 104-5.

# IL-PROFESSUR ĠUŻÈ AQUILINA KIF NAFU JIEN

**Prof. ĠUŻE' GALEA**

Lil Ġużè Aquilina ili nafu għomor ta' bniedem; iltqajt miegħu l-ewwel darba xi ħamsin sena ilu meta kien għadu student ġej u sejjer mill-Birgu għall-Belt billanċa tal-pass; sirna ħbieb u bqajna bla ma qatt iġġelidna jew infridna.

Inzertajna naqblu fil-fehma tagħna u fl-ideali: minn dejjem xtaqna naraw l-ilsien Malti jgħaddi 'l quddiem u jilħaq il-post li jistħoqqlu fil-ħajja kulturali, soċjali u amministrattiva tal-pajjiż.

B'din il-fehma sħiħa, aħna t-tnejn seffaqna wiċċna, tħabatna u ħabrikna fit-triq tal-ħajja li hu u jien għażilna. Is-sejħa tiegħu kienet tiġbed lejn l-istudju u l-kitba, hekk hu kellu l-wisa' li jaħdem u jixxiegħel bil-qalb u bil-ħrara kollha fil-kamp għażiż għalih. Jien qbadt triq oħra imma bqajt miġbud lejn il-Malti, hekk baqgħet sħiħa r-rabta ta' bejni u bejn Ġużè Aquilina. Ġarrabna niket meta rajna l-Malti mżeblaħ u mġenneb, fraħna bir-rebħiet tiegħu; konna niltaqgħu u ndumu s-sigħat nitkellmu u nitbaqbqu fuq il-qagħda tal-Malti u fuq il-mezzi biex intejbuha; ġie li ma qbilniex, ġie li kellna xi ngħidu, imma qatt ma ġġelidna jew ħallejna l-għadab jikfes il-ħbiberija tagħna.

Għax il-Professur Aquilina la darba ssir tafu u tifhmu, ma tistax tiksirha miegħu. Imma trid ftit taż-żmien sakemm tidrah billi n-natural tiegħu hu ta' bniedem aktarx magħluq u l-karattru mhux ta' wieħed imtajjar. Hu ma jorbotx fuq dak li jisma u anqas joqgħod fuq dak li jgħidulu, imma jqis u jiżen kollox qabel jifforma l-opinjoni tiegħu.

Għalhekk forsi x'uħud bħal jitfantstu għax jaraw lil Aquilina donnu ma jagħtix widen għal dak li jgħidulu, fil-waqt li hu jkun jixtar dak li sama', jew iberren fuq dak li qalulu. Imma, imbagħad kultant, ma nafx kif! hu jemmen b'għajnejh magħluqa, bħal tifel innoċenti, dak li jmorru jsefsfulu nies għal xi tir ta' moħħhom. Dan hu fenomenu li josservaw f'nies għorrief u mogħtijin għall-istudju. Mhux ħaġa ħafifa tfisser għax jiġri hekk: forsi jinzerta mument psikoloġiku meta l-konċentrazzjoni tkun tant imxaqilba fuq suġġett wieħed li ma tħallix il-ħsieb jimraħ fuq ħwejjeġ oħra.

Madankollu l-karattru ta' Ġużè Aquilina mhux tant egoċentriku li jifirdu mill-kotra tal-bnedmin, anqas hu tant entrovert li ma jindunax bit-tajjeb ta' ħaddieħor. Hu jammira l-merti ta' l-oħrajn, imma mhux biex jibqa' jistagħġeb bihom mill-bogħod; hu għandu dehen biżżejjed biex ma jċekkenx lilu nnifsu u jintrema b'dannu għall-kawża tiegħu, imma jaf u għandu ħabta kif, jaqbad ir-riedni f'idejh u juri ħiltu u għerfu u jintefa' 'l quddiem biex iqabbes il-merti tiegħu.

Jekk f'Malta għandna ftit nies mogħnija b'ħafna merti Ġużè Aquilina hu wieħed minnhom; il-ġenju tiegħu jħaddan bosta frieghi tal-għerf tal-ħajja, u t-talent tiegħu jimraħ fost is-setgħat tal-ħolqien. Hu mżejjen b'doni speċjali biex jagħraf u jifhem is-sedqa, il-ġmiel u s-seher ta' l-arti, u għandu xejra versatili biex jiddistingwi ruħu f'kull xorta ta' espressjoni artistika: hu għamel isem fost l-ewlenin bħala poeta, novelist, dramatist, essayist u kritiku, jogħla fil-quċċata bħala studjuż u skultur tal-lingwistika, tant li llum il-kelma tiegħu hi meqjusa bħala sentenza ta' min jorbot fuqha mhux biss f'pajjiżna imma wkoll barra minn Malta; il-fehma

tiegħu wieħed isibha msemmija f'ċentri għoljin ta' koltura u mniżżla f'testi fuq il-lingwistika f'diversi lingwi.

Imma jiena nammira lil Ġużè Aquilina wisq ukoll bħala riċerkatur, u ngħoddu bħala wieħed mill-ftit li iddistingwew ruħhom f'dan ix-xogħol ta' reqqa u sabar li llum ħa sura ta' xjenza.

Ix-xogħlijiet ta' studju li ippublika Aquilina, kotba, kbar u żgħar, kontribuzzjonijiet, kommenti f'rivisti speċjali, huma kollha l-frott mhux biss ta' ħsieb, imma wkoll ta' riċerki. It-tnejn huma midmumin flimkien, għax fil-għamla ta' xogħol bħal dan, l-idea li tiġi lill-awtur jeħtieġlu jirfidha b'dokumenti, b'xhieda jew b'għajdut li qalu oħrajn ta' min jorbot fuqhom. Minn naħa l-oħra, il-materjal li hu jsib jew jiġbor fir-riċerki tiegħu jeħtieġ il-ħsieb u l-għerf ta' l-awtur biex jieħu sura xierqa.

Aquilina hu metikoluż wisq fir-riċerki tiegħu. Naf li ġie li ikkonsulta għadd kbir ta' kotba biex isib il-għerq ta' kelma waħda biss. Hu ma jikkontentax bl-ewwel tagħrif li jiltaqa' miegħu, jew b'tagħrif mhux fis-sod, imma jdum ħafna jraqqaq biex jasal sa ras il-għajn, jew iqabbel dokument ma' ieħor, jew għajdut ma' oħrajn, biex jara r-rabta li hemm bejniethom hix sħiħa ta' min jafda fuqha.

Il-Professur isegwi sistema ta' loġika spekulativa fil-għażla tas-sisien li fuqhom jibni u jagħti sura lill-fehmiet tiegħu. Hu jdum ħafna jnaqqi u jifli tagħrif mogħti minn awturi oħrajn jew imħolli minn kittieba antiki, janalizza r-riżorsi tagħhom, kif waslu għall-konklużjonijiet li laħqu, u jara kif jifhem ir-raġuni li kellhom.

Minn hekk ġej li xi drabi Aquilina joħroġ b'idejiet jew jagħti tifsiriet differenti minn dawk li taw skulari u mgħallmin tal-lingwistika li kitbu qablu; madankollu fejn ma jaqbelx magħhom, hu jmerihom imma qatt ma jmaqdarhom jew iċekkinhom. Il-metodu tiegħu hu ekletiku pożitiv: jagħżel l-aħjar u bil-provi; imma jagħder lil min ma wasalx bħalu jew laħaq daqsu. Hu għandu ħabta mhix komuni biex jaqra bis-sens il-kitba li tiġih quddiemu u jinduna bl-iżbalji, imma qatt ma jinqeda b'din il-ħila biex għakkes jew iriegħex; l-iskop tiegħu hu li jinduna bl-iżbalji biex jagħmel il-korrezzjonijiet; dan hu ta' sodisfazzjon għalih, u dan jixhed il-qalb tajba u ħanina li għandu l-Professur Aquilina. Jiena dan nista' nwettqu għax illi snin naqra karti tal-eżamijiet miegħu.

Minn dan li ktibna, naraw li Ġużè Aquilina hu xempju perfett ta' professur, skular, għaref, mehdi fuq l-istudju tant li ħafna drabi donnu ma jkunx jagħti widen għal dak li jisma' jew jinsa dak li jgħidulu jew jidher mhux ikompli ma' min ikun. Din hi drawwa tan-nies għorrief li moħħhom dejjem iredden fuq teoriji, prinċipji, temi, riċerki. Mhux darba jew tnejn il-Professur Aquilina sab ruħu f'xi praspura minħabba hekk. Niftakar fi żmien il-gwerra, meta hu kien jiġi minn Għawdex biex jagħti l-lezzjonijiet fl-Università, konna niltaqgħu r-Rabat fuq is-Saqqajja. Darba waqt "air raid" inżilna fix-xelter, kelna lil Ninu Cremona magħna. Kif konna mgezzin ma' ħafna nies għall-kenn, waqt it-twerdin ta' l-ajruplani, it-tfaqqigħ tal-bombi u t-tregħid ta' l-art, Ninu u Ġużè qabdu jiddiskutu fuq id-deklinazzjonijiet fil-lingwa Tedeska. Kien hemm xi erbgħa min-nies li ma ħarsux ikrah bil-ftit lejna, meta semgħuhom jitkelmu fuq deklinazzjonijiet u Tedeski waqt li dik il-ħerba nieżla mill-ajru!

# AQUILINA U L-LINGWISTIKA MALTIJA

**ALBERT BORG**

Fil-mixja taż-żmien huwa tajjeb li wieħed jieqaf kultant biex jeżamina x'sar u ma sarx f'qasam jew ieħor u b'hekk jiċċara l-idea tiegħu dwar id-direzzjoni li l-affarijiet ikunu qabdu. Fil-każ tal-lingwistika Maltija, matul is-snin inbniet letteratura teknika ġmielha u qed joħorġu xogħolijiet interessanti tista' tgħid kull sena, kemm minn Maltin u kemm minn barranin. Hawnhekk se nagħti daqqa t'għajn fuq fuq lejn il-kontribut ta' Aquilina f'dan il-qasam. Fl-investigazzjoni tagħna se neżaminaw xi xogħolijiet speċifiċi ta' Aquilina.

Waħda mill-kontribuzzjonijiet l-iżjed importanti ta' Aquilina hija bla dubju ta' xejn il-mod kif organizza d-distinzjoni bejn l-element Semitiku u l-element Romanz fil-Malti b'mod sistematiku. Dan it-trattament rigoruż narawh fit-teżi tiegħu *The Structure of Maltese* li ppreżenta fl-Università ta' Londra fis-sessjoni ta' bejn is-snin 1939-1940 u li ppublika Malta fl-1959. F'dan ix-xogħol l-ewwel ma jagħmel jistudja l-fonoloġija tal-Malti Semitiku. Jaqbad il-vokali waħda waħda, jeżamina kif huma qosra jew twal u jistudjahom fil-pożizzjonijiet kollha tagħhom. Ngħidu aħna fil-Malti Semitiku l-vokali *e* hija dejjem qasira f'kull pożizzjoni minbarra meta tiġi fl-aħħar fil-monosillaba *le* u l-esklamazzjoni *e!* Fil-Malti Romanz minn naħa l-oħra, il-vokali *e* tista' tkun twila jew qasira. Hija twila meta għandha l-aċċent u hemm konsonanti waħda warajha, eż, *velu* (l-e hija twila) u *ċens* (l-e hija qasira). Barra minn hekk jistudja wkoll il-vokali kif jinsabu f'sekwenzi, ngħidu aħna fil-kliem *qaleb* u *ħabel* is-sekwenza vokalika hija *a-e* imma fil-kliem *beka* u *meta* is-sekwenza hija *e-a*. Dan il-proċess kollu jerġa' japplikah għall-konsonanti. Minn dan il-istudju toħroġ idea ċara tal-istruttura fonoloġika tal-Malti Semitiku. Minn hawn il-pass li jmiss huwa karatterizzazzjoni tal-istruttura tal-Malti mhux Semitiku. Aquilina jagħti wkoll kriterji li permezz tagħhom wieħed ikun jista' jiddetermina jekk kelma fil-lessiku Malti hijiex Semitika jew le, eż. is-sekwenzi konsonontali fil-bidu tal-kelma *vġ, vg* u *vl* huma sinjal li l-kliem *vġili, Fgura* (ippronunzjata *vgura)* u *vleġġa* m'humiex Semitiċi. Hawnhekk m'huwiex il-każ li wieħed jeżamina dawn il-kriterji b'mod dettaljat. Wieħed jista' jgħid biss li l-kriterju ovvju tad-derivazzjoni etimoloġika jitħalla barra bħala kriterju formali għalkemm fil-prattika jitħaddem mill-awtur kontinwament.

Wara li Aquilina jistabbilixxi x'inhu l-element Semitiku u dak Romanz fil-Malti jgħaddi biex jeżamina l-istruttura morfoloġika taż-żewġ elementi. Hawnhekk jiġu studjati l-iskemi nominali u verbali kif ukoll dawk l-elementi grammatikali li ma jinbidlux, bħalma huma l-pronomi u l-prepożizzjonijiet. Ngħidu aħna l-iskema QeTL tista' sservi għal nom derivat minn verb, eż. *ferħ, serq;* jew għal verb eż. *seħħ, mess;* jew għal nomi primarji li m'humiex derivati, eż. *kelb, belt.*

Fir-raba' u l-aħħar parti tal-ktieb *The Structure of Maltese* l-awtur jistudja kif dawn l-elementi kollha kemm Semitiċi kif ukoll Romanzi, jingħaqdu flimkien f'kostruzzjonijiet sintattiċi u sentenzi sħaħ, eż. l-istruttura b'aġġettiv ripetut isservi biex tagħti tifsira ta' intensità lill-azzjoni mfissra mill-verb: *niżel ħelu ħelu, telaq malajr malajr.* Hawnhekk l-awtur jagħti attenzjoni kbira għar-relazzjonijiet li hemm bejn il-livell formali tal-ilsien, jiġifieri l-mod li bih elementi varji jingħaqdu flimkien f'sekwenzi, u l-livell semantiku, jiġifieri t-tifsir li joħroġ mill-għaqda ta' dawn l-elementi f'sekwenzi.

Dan l-istudju dettaljat Aquilina ippreżentah b'mod iżjed popolari kif ukoll bi skop iżjed prattiku fix-xogħol tiegħu *Teach Yourself Maltese* li ħareġ fl-1965. Għal dik li hi preżentazzjoni tal-ortografija kif ukoll tal-fonoloġija tal-Malti dan ix-xogħol għandu jkun ta' siwi kbir għal kull min huwa interessat li jitgħallem il-Malti bħala lsien ġdid. Imma mbagħad bilkemm hemm trattament tar-regoli sintattiċi u dan l-iżjed minħabba li s-sintassi Maltija għad trid tiġi studjata ħafna iżjed. B'dan kollu għall min juża dan il-ktieb, l-eżerċizzi kotrana li jagħti Aquilina għandhom jagħtu almenu idea żgħira tal-kostruzzjonijiet sintattiċi Maltin.

Barra minn dawn iż-żewġ xogħoljiet Aquilina kiteb numru sabiħ ta' artikli li wħud minnhom ġabarhom fil-ktieb tiegħu *Papers in Maltese Linguistics* (1961) u oħrajn miġbura fi ktieb li se jkun ippubblikat dalwaqt jismu *Maltese Linguistic Surveys*. Hawnhekk l-interess tal-awtur huwa prinċipalment storiku-soċjali. Jipprova jistabbilixxi r-relazzjoni bejn l-ilsien u s-soċjetà matul iż-żminijiet fis-sens li jipprova jara, sa fejn hu possibli, kull fażi storika li minnha għaddiet is-soċjetà Maltija x'impronta ħalliet fuq il-lessiku Malti u fuq l-ilsien in ġenerali. Dan jagħmlu f'artikli bħal "Race and Language in Malta", "Maltese Toponymic Stratification", "L-Arabo a Malta", "The Berber Element in Maltese", "L'Elemento Lessicale Italiano Antico e Moderno nel Maltese" u oħrajn. Biex wieħed jista' jasal għal konklużjonijiet ta' ċertu valur f'dan l-istudju storiku, għandu jitħaddem il-metodu etimoloġiku b'mod rigoruż. Mhux biżżejjed għal dan l-iskop tgħid jekk kelma hiex ta' nisel Semitiku jew Romanz. Din hija distinzjoni ġenerali wisq. Fl-artiklu tiegħu "The Berber Element in Maltese" (*Maltese Linguistic Surveys*) Aquilina jipprova jidentifika numru ta' kliem li la hu ta' nisel Romanz u lanqas Għarbi, imma li aktarx ġej mill-Berberu, ngħidu aħna l-kliem *farfett, gendus* u *serduq*. L-implikazzjoni storiko-soċjali hija li hawnhekk għandna xi fdalijiet kulturali tal-okkupazzjoni Għarbja mill-armata li ġiet mill-Afrika ta' fuq u li fiha kien hemm preżenti element kulturali Berberu ta' ċerta importanza. Hekk ukoll fil-każ tal-element Romanz mhux il-lessiku Taljan-Sqalli kollu daħal fil-Malti fl-istess ħin. Fl-artiklu "L'Elemento Lessicale Italiano Antico e Moderno nel Maltese" (*Maltese Linguistic Surveys*) Aquilina jipprova jidentifika dawk il-kliem li daħlu mit-Taljan kmieni ħafna bħal *balla* minn *palla* u *qassata* minn *cassata* fejn hemm tibdil notevoli ta' konsonanti, u oħrajn li daħlu ħafna aktar tard bħal *virtù*. Eżempju interessanti huwa l-par *bandal* u *pendlu*, it-tnejn ġejjin mill-istess għajn Sqallija iżda fi żminijiet differenti kif jixhed it-tibdil fonoloġiku differenti.

Minn dan l-istudju etimoloġiku wieħed joħroġ ċerti kriterji ta' korrispondenzi bejn ħoss u ieħor fil-passaġġ ta' kelma minn ilsien għall-ieħor. Dawn il-korrispondenzi Aquilina jiġborhom flimkien b'mod organizzat fl-artiklu "Some Historical Phonetic Changes of Maltese" (*Papers in Maltese Linguistics*). Hawnhekk jeżamina l-ħsejjes li jiffurmaw is-sistema fonoloġika tal-Malti u jara kif din ġiet imnissla mis-sistema fonoloġika Għarbija. Id-differenzi li hemm bejn dawn iż-żewġ sistemi huma importanti. Hemm ħsejjes Għarab li intilfu fil-Malti u hemm ħsejjes Maltin li ma jinstabux fl-Għarbi. Għal dawn tal-aħħar, Aquilina jistudja kif tnisslu mill-Isqalli u minn għejjun Romanzi oħra.

Karatterstika oħra ta' Aquilina fl-istudju lingwistiku hija l-interess fil-kuntest soċjali tal-ilsien. Huwa ma rrestrinġiex ruħu biss għad-deskrizzjoni strettament grammatikali imma ipprova jiddeskrivi wkoll il-formoli popolari bħalma huma l-proverbji u frażijiet oħra f'ħalq il-poplu li jirriflettu l-esperjenza kulturali tas-soċjetà Maltija. Jiġri s-soltu li dawn il-formoli jgħaddu mill-missier għall-iben permezz tat-traduzzjoni orali imma fi żmien meta l-mezzi tal-kommunikazzjoni jwas-

slulna kurrenti kulturali qawwija oħra li joħonqu dawn l-espressjonijiet popolari, huwa importanti li wieħed jiġborhom bil-għaqal u b'hekk jippreservahom. Dan hu eżattament dak li għamel Aquilina fil-ġabra importanti *A Comparative Dictionary of Maltese Proverbs*, ippubblikat fl-1972. Din hija ġabra ta' 'l fuq minn 4500 proverbju ikklassifikati f'45 taqsima. Kull proverbju huwa tradott u mfisser bl-Ingliż u fejn jeżistu proverbji li jixtiebħu f'ilsna oħra, dawn huma mogħtija wkoll.

F'żewġ artikli ppublikati reċentement fl-aħħar ħarġa tal-*Journal of Maltese Studies* Aquilina ddeskriva għadd ta' espressjonijiet idjomatiċi li jixħtu dawl fuq is-soċjetà li tuża l-Malti bħala mezz ta' kommunikazzjoni. Dawn huma "A Study in Violent Language" u "Popular Witty Retorts". F'artiklu ieħor jismu "A Comparative Study in Lexical Material Relating to Nicknames and Surnames" (*Maltese Linguistic Surveys*) jidher ukoll l-interess tal-awtur fis-semantika u l-implikazzjonijiet kulturali tal-laqmijiet.

Imma x-xogħol l-iżjed importanti tiegħu, Aquilina għadu qiegħed jaħdem fuqu. Dan huwa x-xogħol fuq id-dizzjunarju tal-Malti. Diġà f'artiklu jismu "Maltese Lexicography" (*Papers in Maltese Linguistics*) Aquilina kien studja d-dizzjunarji Maltin li għandna s'issa u wera fejn setgħu kienu aħjar. Id-dizzjunarju tiegħu se jinkorpora dawn is-suġġermenti kollha u oħrajn ukoll li wieħed jinduna bihom waqt li jkun qed jaħdem. Il-kliem li jibda bl-ewwel ftit ittri tal-alfabet diġà lesti u minn dawn wieħed jista' jara x-xogħol x'forma se jieħu. L-ewwelnett il-kliem kollu huwa mdaħħal b'mod alfabetiku biex b'hekk min qed ifittex kelma għat-tifsir prinċipali tagħha jista' jsibha malajr mingħajr ma jkollu joqgħod ifittixha taħt l-għeruq tagħha. Imma jekk il-kelma hija derivata, ikun hemm riferenza għall-għeruq tagħha, fejn wieħed jista' jsib trattament komplet tagħha. Fil-każ ta' verbi semitiċi, l-ewwel tingħata informazzjoni grammatikali bħallma huma l-għeruq, il-verb hux transittiv jew intransittiv, u l-Imperfett kif isir bil-vokali tiegħu, ngħidu aħna l-verb *beża'*: [BŻGĦ], v.i. (*i-a*). Imbagħad tingħata t-tifsira tal-ewwel forma b'eżempji li jkomplu juru t-tifsir: "To fear, be afraid (— *jmur waħdu*, he was afraid to go alone); u jingħataw kostruzzjonijiet idjomatiċi fejn il-kelma tidher b'sens li wieħed ma jobsrux faċilment mit-tifsira primarja li tkun ingħatat qabel: "*beża' għal*, he cared for, looked after the interests of, was careful in handling (*ibża' għall-kotba*, handle books with care). Jekk ikun hemm xi tifsiriet sekondarji dawn jingħataw ukoll b'iżjed eżempji: "2. To apprehend, have an uneasy feeling that (*nibża' li ma llaħħaqx*, I am afraid I won't do it in time)". Wara dan jingħataw in-nomi u l-aġġettivi li huma derivati mill-verb tal-ewwel forma bit-tifsira tagħhom: "*Biża'* *1*. Fear, fright... 2. Apprehension of danger, anxiety, etc... *Beżżiegħ* n. & a. ag. (f. *-a*) Easily frightened or demoralized, unenterprising". Imbagħad jingħataw ukoll fejn jinstabu, il-forom l-oħra tal-verb: "II. *Beżża'* v.t. (p.p m-) *1*. To frighten, to terrify, to alarm... 2. To cause apprehension, mistrust... V. *Tbeżża'*, v.i. *I*. To hesitate, to show signs of timidity... *Beżgħan*, a.m. (f. *-a*, pl. *-in)* Afraid, discouraged..." Fl-aħħar tingħata l-etimoloġija tal-kelma.

Fil-każ tal-kliem Romanz jew dak li daħal mill-Ingliż u ma ħax sura semitika, fl-ispjega prinċipali, minflok l-għeruq, tingħata dik il-parti tal-kelma li ma tinbidilx fid-derivazzjonijiet kollha tagħha: "*Beat/ifikazzjoni*, n.f. [eccl.] Beatification... *-ifiku*, a.m. (f. *ifika*, pl. *-ifiċi*) Beatific... *itudni*, n.f. & pl. Beatitude, heavenly bliss". wara tingħata wkoll l-etimoloġija tal-kelma. B'hekk l-element Semitiku u dak Romanz huma mogħtija trattament kemm jista' jkun unitarju.

Wara din il-ħarsa ħafifa, x'konklużjonijiet jista' wieħed jiġbed għall-futur? Issa li għandna deskrizzjoni bażika tal-Malti bis-saħħa tax-xogħol ta' Aquilina, wieħed jittama li lingwisti oħra kemm Maltin kif ukoll barranin ikomplu jistudjaw il-Malti

minn aspetti teoretiċi ġodda. Għal dik li hi lingwistika storika, Aquilina irnexxielu jintraċċa l-livelli kronoloġici prinċipali fl-iżvilupp tal-Malti, imma għad baqa' ħafna x'isir biex dawn id-distinzjonijiet joħorġu b'mod iżjed ċar u artikolat. Għal dak li hu l-kuntest soċjali tal-ilsien dan l-aħħar saru żviluppi importanti fis-soċjolingwistika li permezz tagħhom nistgħu nsaqsu mistoqsijiet ġodda u nippruvaw insibu tweġiba li allmenu parti minnha nistgħu nibbażawha fuq ix-xogħol ta' Aquilina f'dan il-qasam.

*Riferenzi għal xogħolijiet ta' Aquilina kkwotati f'dan l-istudju:*

*The Structure of Maltese. A Study in Mixed Grammar and Vocabulary,* Malta, The Royal University of Malta, 1959.

*Papers in Maltese Linguistics,* Malta, The Royal University of Malta, 1961.

*Teach Yourself Maltese,* London, The English Universities Press Ltd., 1965.

*A Comparative Dictionary of Maltese Proverbs,* Malta The Royal University of Malta, 1972.

"A Study in Violent Language" u "Popular Witty Retorts" *Journal of Maltese Studies* 10 (1975) 29-54, 65-79.

*Maltese Linguistic Surveys* (ħiereġ dalwaqt).

*Nota:* Nirringrazzja lil E. Mifsud, Research Assistant mal-Professur Ġ. Aquilina, tal-informazzjoni li tani dwar ix-xogħol tad-dizzjunarju, u lil M. Borg, segretarja fid-Dipartiment tal-Malti fl-Università talli ħejjiet it-test ta' dan l-istudju għall-pubblikazzjoni.

ALKA-SELTZER

GĦAT-TAQLIB FL-ISTONKU JEW UĠIEGĦ TA' RAS

ALKA-SELTZER

Minn għand l-Ispiżjara kollha.

AGENTI:

LOUIS VELLA LTD.
168/170, TRIQ BRITANNIA
VALLETTA

# TIFKIRIET TA' AQUILINA

**PETER PAUL BUTTIGIEG**

Kull bniedem huwa individwali. Għandu l-karatteristiċi tiegħu partikulari, kemm fiżikament kif ukoll moralment — mil-lat ta' karattru — li lkoll flimkien jagħżluh mill-oħrajn u jagħmluh din jew dik il-persuna b'kuntrast ma' oħrajn ta' madwaru. Barra din ir-realtà oġġettiva tal-eżistenza ta' persuna, hemm dik ir-realtà soġġettiva, li għalija tfisser; l-eżistenza ta' persuna fil-kunċett ta' persuni oħra — jiġifieri, kif dawn jarawha mill-esperjenzi tagħhom magħha, mill-ġudizzji ta' oħrajn dwarha, u xi drabi, mhux dejjem, mix-xogħolijiet tagħha — speċjalment dawk letterarji u soċjal-kulturali.

Għalhekk, għalkemm hemm realtà waħda oġġettiva, din ir-realtà tinqasam f'ħafna biċċiet żgħar u kbar il jiddependu mir-relazzjoni tal-persuna konċernata fis-soċjetà ma' persuni oħra — li tista' tgħid, jaraw lil l-istess persuna minn aspetti w f'livelli differenti. Hekk ma jaqblux dwar l-istess ħaġa, li jirriżulta f'opinjonijiet differenti.

Dan nistgħu napplikawh għal Profs. Ġużè Aquilina li ismu huwa marbut mal-istudju xjentifiku tal-Ilsien Malti; kif ukoll mal-letteratura Maltija għax ikkontribwixxa ħafna għall-iżvilupp tagħha permezz ta' xogħolijiet u studji kritiċi li għamel. Lil Aquilina narawh minn aspetti differenti fl-artikli li dehru fil-ktieb "AQUILINA W IL-MALTI" miġbur minn Ġużè Cassar Pullicino. (1) Dawn l-artikli nkitbu minn ħbieb kbar tiegħu u minn studenti li huwa stess għallem. (2) Ilkoll jirrakkontaw xi tifkiriet jew xi inċident li, huwa għadda minnu ... bħal eżempju dak li jirrakkonta Ġużè Cardona meta Aquilina kien qala daqqa ta' ponn f'nofs dahru bi żball. (3)

Bdejt insir familjari mal-isem ta' Ġużè Aquilina meta kont l-iskola Sekondarja, fejn bdejt nidħol iżjed fil-fond fl-istudju tal-Malti sakemm wasalt biex għamilt l-ewwel eżami tal-Matrikola f'dan is-suġġett. Għall-bidu dan l-isem ma kien ifisser xejn speċjali għalija iżjed minn ismijiet oħra bħal ta' Temi Zammit, Dun Karm, Rużar Briffa, Ġorġ Pisani, u ħafna oħrajn, li x-xogħolijiet tagħhom kellna nistudjawhom bil-fors ... u ħafna drabi nitgħallmuhom bl-amment — l-aktar ħaġa li kienet iddejjaqni. Għax ma kontx nara (jew aħjar, nifhem!) ir-raġuni għala kellna nitgħallmu l-poeżiji bħal pappagal, imbagħad x'ħin ikun imissek tqum bil-wieqfa quddiem il-klassi kollha u tibda l-istess kantaliena — li tkun xbajt tismagħha mingħand sħabek — mingħajr ma taf x'qed tgħid ... Tista' tkun qiegħed tgħid l-akbar ħmerija, għalik xorta, (kull ma jagħmel l-għalliem kien kollu tajjeb? — lanqas biss għandek għax taħseb li mhux hekk, kont nemmnu b'għajnejja magħluqa!) l-aqwa li tkun kissirt moħħok biex iddaħħal dawk l-erba' versi li jkollok x'titgħallem, ħalli imbagħad tieħu l-"PROSIT" mingħand il-għalliem. U hekk tħossok kburi li wettaqt dmirek sewwa ... 'ħadt punti massimi'. Iżda, għal grazzja t'Alla, dak iż-żmien għadda malajr, u fir-raba' sena t-tagħlim bl-amment spiċċa, u aktar bdejna 'nippruvaw' nifhmu l-Poeżija w napprezzaw (... jekk konna nafu sew?) il-kontenut u l-mod ħelu kif inhu ppreżentat — kien 'mod ħelu' veru, għax il-poeżiji kienu tal-widna ħafna u r-ritmu ħafif bħal xi għanja.

Sa hawn Aquilina kien għadu 'l bogħod minna wisq, għax ismu konna nisimgħuh xi darba mingħand l-għalliem, jew, inkella narawh fuq xi faċċata ta' xi ktieb bħal "WARD TA' QARI MALTI" jew "ANTOLOĠIJA — DUN KARM" u oħrajn; xejn iżjed. Ngħid għalija qatt ma kien jinteressani l-awtur tal-ktieb. Kont biss inħares lejn dik il-biċċa li kien ikollna naqraw id-dar, u dan għax ta' bl-fors, inkella kont

inlaqqat xi ċanfira jew kastig; il-bqija daqshekk għax ma kienx jimpurtani. Il-kastigi jdejjquni għalhekk dejjem kont nevitahom kemm jista' jkun.

Iżda din l-attitudni nbidlet fija fl-aħħar sentejn meta konna bdejna nippreparaw għal dak l-imbierek ta' eżami. X'ġab it-tibdil ma nafx ngħid is-sewwa iżda kulma niftakar hu li isem Aquilina sar komuni ħafna għalija, għax fis-sillabu kellna bosta xogħolijiet tiegħu — fost dawk li niftakar sew għax kienu laqtuni huma, "FIT-TEATRU" u "MADWAR IL-ĦAJJA". Ta' student li kont lil Aquilina, bħal kull awtur jew kittieb ieħor li jistampa x-xogħolijiet tiegħu, kont inqisu bħal l-għalliem tiegħi ... li hu dejjem fit-tajjeb, għax jaf kollox!!! Iżda kont nieħu pjaċir ħafna naqra l-'essays' tiegħu, u nitgħaġġeb bil-ħila kif jippreżenta l-argumenti kollha msejjsa b'eżempji prattiċi mill-ħajja ta' kuljum.

Kont inħoss li l-protesta soċjali tiegħu (illum ngħidilha hekk, u mhux dak inhar!) li tressaq lejn ir-riforma kontra l-inġustizzji, mhux għaliex kont vera nifhem sewwa dan kollu, iżda kont biss naqbel ma dak kollu li kont naqra. Din id-distinzjoni ma kinitx ċara daqs kemm forsi naraha llum: iżda l-effett fuqi kien hemm żgur, għalkemm kellhom jgħaddu xi sena jew tnejn oħra biex bdejt nirrealizza u —forsi? — niġġustifika dak li qabel kont inħoss mingħajr ma nirreaġixxi intelletwalment.

Barra dan lil Aquilina kont sikwit nismgħu fuq ir-Rediffusion — illum 'Cable Radio l' imexxi xi diskussjoni ta' interess ġenerali, jew iwieġeb mistoqsijiet tas-semmiegħa dwar il-Ilsien Malti. Kont nipprova nistħajlu quddiemi permezz tal-fantasija, mibnija fuq dak li kont smajt dwaru, u l-effett ta' leħnu — ħaġa li tiġri ta' spiss, l-aktar meta tkun qiegħed tisma' ir-radju. Għalija, Aquilina u l-Malti kienu qed isiru entità waħda, li ma jistgħux jinfirdu minn xulxin ... kull meta jissemma l-Malti, Aquilina ma kienx jonqos. Tant hu hekk li l-maġġoranza tal-kotba fis-sillabu tal-Malti kienu tiegħu. Kelli xewqa kbira li xi darba niltaqa' miegħu personalment iżda kont inħoss li qed nixtieq l-impossibli. Imma min kellu jgħidli, li mhux biss kelli niltaqa' miegħu, iżda naħdem id f'id miegħu fil-'Għaqda tal-Malti' (Università).

Kien fis-sena 1972/73 li ltqajt għall-ewwel darba ma' Aquilina, sewwa sew fil-Laqgħa Ġenerali Annwali tal-"Għaqda tal-Malti" (Università), nhar is-7 ta' Diċembru, li kienet saret fit-Teatru tal-Università il-Belt.

Dik is-sena kont dħalt il-Junior College biex inkompli l-istudji tiegħi avvanzati fi tliet lingwi, Malti, Ingliż, u Taljan. L-istudenti li kienu qegħdin jistudjaw hemm, kellhom żewġ rappreżentanti fil-Kumitat tal-'Għaqda tal-Malti' (Università): wieħed jirrappreżenta lil dawk ta' l-ewwel sena, u l-ieħor lil tat-tieni sena. Is-sinjorina M'Rose Gatt — il-kap tad-dipartiment tal-Malti fil-Junior College — kienet ħajjritni nidħol bħala rappreżentant f'din l-Għaqda. Jien aċċettajt u għalhekk fil-Laqgħa Ġenerali ntgħażilt wieħed mill-membri tal-kumitat il-ġdid, li bħala president kien hemm il-Professur Ġużè Aquilina.

Għadni niftakar sewwa l-ewwel kelmtejn lil xulxin. Wara li spiċċat il-Laqgħa Ġenerali ntgħażilt wieħed mill-membri tal-kumitat il-ġdid, li bħala president kien ħaddtu w nifirħu lil xulxin. Billi kont għadni ġdid, ħassejtni stramb qalb dawk l-istudenti Unversitajri lkoll jiċċajtaw mal-professur tagħhom. Għalhekk bdejt insibha diffiċli kif ser naqbad nintroduċi ruħi mal-President. Iżda kif kont qiegħed nara lil oħrajn bil-kunfidenza kollha ipaċpċu miegħu jien ersaqt lejh u ma nafx kif, għidtlu:

"Jien Għawdxi, Profs."

"Ehe! Jien ukoll Għawdxi," qalli, "Hemm twelidt u trabbajt, fil-Munxar." U bħal donnu biex iwitti t-triq, saqsieni:

"Jismgħek?"

"Pietru Pawl Buttiġieġ." Kont pront weġibtu.

"Min-Nadur, mela! Ta' San Pietru u San Pawl." Reġa' qalli. Insomma il-bidu kien tajjeb u hekk bqajna nitkellmu dwar Għawdex!

Bdejt niltaqgħa miegħu ta' spiss fil-laqgħa tal-kumitat, fejn bdejt nitgħallem ħafna mill-esperjenza kbira tiegħu f'kull qasam soċjali u kulturali tal-gżejjer tagħna, u anke f'pajjiżi oħra. Fl-1974 sirt student tiegħu fl-Università, barra li kont ukoll fil-kumitat tal-'Għaqda tal-Malti' (Università) għat-tielet darba. Għalhekk ir-relazzjonijiet tagħna kienu fuq żewġ binarji — wieħed, bħala student tiegħu, u l-ieħor bħala membru tal-kumitat fl-istess Għaqda, naħdmu flimkien.

L-aħħar sena li għamel bħala President tal-Għaqda jiġifieri s-sena 1975/76 qabel ma rriżenja mill-kariga tiegħu ta' Professur-Kap tad-Dipartiment tal-Malti fl-Università, jiena kont segretarju. Kienu f'dawn il-aħħar snin, li bdejt nara lil Aquilina aktar mill-qrib: dejjem lest biex jagħti l-għajnuna tiegħu, filwaqt li jinkoraġġini fix-xogħol tiegħi. Kull meta kont immur għandu b'xi ħaġa dwar l-Għaqda, kien jieħu pjaċir ħafna, u f'għajnejh kont nara t-tifkiriet ta' meta hu kien attiv bħala student f'din l-istess Għaqda li għal bosta snin kien President tagħha.

Mingħajr ma rrid, kont inħoss ċertu inċentiv fija li jimbuttani 'l quddiem għax-xogħol. Kull meta kelli bżonn dejjem sibtu lest biex jgħinni, avolja huwa stess kien il-ħin kollu impenjat minn ħaġa għall-oħra mingħajr waqfien.

L-ammirazzjoni tiegħi hija lejn l-enerġija tiegħu fix-xogħol li jżommu sejjer bla heda: Minn laqgħa għall-oħra, Programmi fuq il-mezzi tax-Xandir, Kumitati, Studji Xjentifiċi — bħad-Dizzjunarju li qed jipprepara, Seminars, u ħafna oħrajn li jeħtieġu rieda qawwija u konvinzjoni personali. Il-problemi qatt ma qatgħulu qalbu, u hekk kompla jaqdef kontra l-mewġ — xi kultant waħdu — sakemm wasal għal dak li xtaq.

Ħaġa tgħallimt minngħand Aquilina u qatt ma ninsiha, għax verament impressjonatni: Dejjem għandna nkunu attivi u nieħdu nteress f'dak kollu li jiġri madwarna. L-ambjent ta' madwarna ma nistgħu qatt nifirduh minna, għax dan huwa parti integrali minna — għalhekk, jekk naraw xi ħaġa mhix f'postha nippruvaw nirranġawha u jekk hemm bżonn niġġieldu sabiex ngħelbu l-inġustizzja. Hemm ħafna affarijiet u persuni stess li jimpressjonaw lil oħrajn, u jħallu l-marka tagħhom, għalkemm mhux dejjem tidher. Naħseb li Aqulina kien wieħed minn dawk li ħalla effett fuqi ... u ta' dan ma jiddispjaċinix.

(1) Ġ. Cassar Pullicino, G. "*AQUILINA U L-MALTI*" Klabb Kotba Maltin, N.39/40. Malta. 1974.

(2) Ibid. 'Tifkiriet ta' Ħbieb u Studenti' Pp.188-216.

(3) Ibid. Pp. 212-215.


SHIPPING TRAVEL INSURANCE

Contact:

**SULLIVAN, SULLIVAN LTD.**
**150, ST. LUCIA STREET,**
**VALLETTA**
**Tel: 625946, 624715**

# L-GHAQDA TAL-MALTI (UNIVERSITÀ) U L-MEMBRI TAGHHA 1939 - 1945

Prof. Mons. KARM SANT

Sas-sena 1939 il-Malti fl-Università uffiċjalment ma kienx jeżisti: il-Kattedra tal-Malti mbagħad biddlet kollox. Sa dak in-nhar il-Malti kien preżenti bis-saħħa ta' l-*Għaqda tal-Malti (Università)*. Kienet hi li daħħlet u rawmet l--interess fil-Malti fost l-għalliema u l-istudenti. Il-Fundaturi tagħha kienu it-tabib Rużar Briffa u t-tabib Ġużè Bonniċi; għal disa' snin kienu mmexxija minn Dun P.P. Saydon li kien għadu kif laħaq Professur fl-1931. L-istorja tagħha għall-ewwel għaxar snin insibuha mfassla minn Saydon stess f'diskors li kien għamel minn fuq ir-Rediffusion fi Frar 1941 (1); dik mill-1941 sallum taħt id-direzzjoni tal-Professur Ġ. Aquilina għad trid tinkiteb.

F'dan l-artiklu bi ħsiebni nikteb x'għamlet l-Għaqda u minn xiex għaddiet fis-snin tal-Gwerra, 1939-1945. Fin-nuqqas ta' dokumenti 'uffiċjali' ta' l-Għaqda, sa nibni fuq it-tifkriet tiegħi personali, korrispondenza privata stampata f'tarf dan l-artiklu u kitba fil-*Leħen il-Malti* 1939-1945.

## Il-Qawmien ta' l-Għaqda

Il-Professur Ġużè Aquilina reġa' lura minn Londra f'Novembru ta' l-1939, u beda igħallem f'Jannar 1940 (2). Aħna konna għadna kif bdejna il-korsijiet preparatorji għall-Korsijiet professjonali f'Ottubru 1939, sewwa sew xahar wara li bdiet il-gwerra fil-Polonja. Lilna ma laqtitniex mill-ewwel, għax l-Italja baqgħet bi kwietha. Sa mill-ewwel jiem tagħna fl-Università konna diġà ngħbarna fi grupp lesti biex naħmdu għall-Malti. L-ismijiet li jiġuni f'rasi bħalissa huma Ġużè Cassar Pullicino, Kelinu Busuttil, Salvinu Boffa, ilkoll konna studenti ta' Ninu Cremona il-Liċeo. Niftakar li meta l-Prof. Aquilna wasal morna nsellmulu il-Birgu fid-dar tiegħu ta' ħdejn is-Sagrestija ta' San Lawrenz, li aktar tard ġarrbet il-qilla tal-bumbardamenti mill-ajru. Hemmhekk għamilna ħbieb personali — għidt ħbieb personali għaliex jien ġieli li kont ktibtlu meta kien għadu Londra, għalkemm kont għadni nafu minn kitbietu biss.

Din il-laqgħa swiet biex kebbisna fina l-ewwel xrara biex inqajmu l-Għaqda mill-ġdid. Għaliex għalkemm kienet immexxija mill-Professur P.P. Saydon, fin-nuqqas ta' Ġużè Aquilina, il-ħidmiet tagħha kienu naqsu kważi għal kollox. Il-*Leħen il-Malti* baqa' joħroġ bħas-soltu, iżda attivitajiet oħra ftit li xejn. Għallinqas fil-*Leħen il-Malti* ma tissemma ebda ħidma.

F'Jannar ta' l-1940 il-Professur Aquilina ġie fostna; minkejja l-pożizzjoni tiegħu konna nqisuh wieħed minna stess; ken għadu kif kien student bħalna u d-differenza fl-età ma kenitx kbira wisq. Mill-ewwel dħalna għax-xogħol b'ħeġġa ta żgħażagħ li konna; fit-23 ta' Jannar, 1940 — jum twelidi — saret l-ewwel laqgħa ġenerali li fiha nħatar il-kumitat għas-snin 1940/41, iffurmat minn: President, il-Professur Ġużè Aquilina; Viċi-President, Ġużè Cassar Pullicino; Segretarju, K. Sant; Kaxxier: H. Copperstone; A/Kaxxiera, Hilda Boffa; Propaganda, Salvinu Boffa; Editur ta' *Leħen il-Malti*, A. Calleja (3).

### Laqgħat Letterarji

Il-Kumitat il-ġdid medd għonqu għax-xogħol minnufih; bejn it-8 ta' Frar u t-3 ta' Mejju 1940 saru mhux anqas minn ħames laqgħat fil-Club ta' l-istudenti biswit l-Università (4). F'dawn il-laqgħat konna naqraw il-kitbiet tagħna l-istudenti u awturi li kienu diġà għamlu isem bħal Dun Karm Psaila, Ninu Cremona, Anton Buttigieg, Ġużè Galea; fost l-istudenti nsibu l-ismijiet ta' Ġ. Cassar Pullicino, G.P. Xuereb, K. Sant, F. Grech, V. Borg Grech, H.C. Copperstone, A. Calleja, M. Mizzi, A. Sciberras Trigona, J.J. Cremona, A. Attard, L. Portelli, G. Desira Vella, K. Busuttil, R. Cirillo. F'dan iż-żmien kellna wkoll żewġ dibattiti: wieħed fuq il-mozzjoni: *Il-Ħakma tal-Kavallieri ma kinetx ta' ġid għal Malta,* u ieħor fuq: *In-nisa ma għandhomx ikollhom l-istess jeddijiet ta' l-irġiel.*

Ħafna mill-kitbiet li nqraw insibuhom stampati fil-*Leħen il-Malti* u llum f'antoloġiji u kotba oħra.

Dawn il-laqgħat ma stajniex nagħmluhom aktar minħabba li bid-dħul ta' l-Italja fil-gwerra nhar l-10 ta' Ġunju 1940 il-gwerra daħlet f'darna. Fil-*Leħen il-Malti* ta' Marzu 1941 jien kont ktibt: "Minħabba ż-żmenijiet li aħna fihom sibna ħafna tfixkil biex nagħmlu l-laqgħat, għalhekk din is-sena saret laqgħa waħda biss li fiha ngħażel dan il-Kumitat." L-ismijiet ġodda f'dan il-Kumitat kienu: A. Agius Ferrante, A. Attard-Borg, u M. Mizzi (5). Fil-kumitat ta' wara nsibu l-ismijiet ta' H.W. Harding, A. Azzopardi, G. Rizzo, Marija Demajo, W. Ph. Gulia (6).

### Il-Malti minn fuq ir-Radju

Fl-istess numru ta' *Leħen il-Malti* jien kont ktibt ukoll: "F'lok il-laqgħat l-*Għaqda* ndaħlet għal biċċa xogħol oħra. Fis--sajf li għadda konna ktibna lill-awtoritajiet biex nikbsu il-permessi meħtieġa biex inxandru programmi letterarji bil-Malti minn fuq ir-*Rediffusion*" (7). Sa dak n-nhar qatt ma kienu għadhom ixxandru programmi bħal dawn.

Dawn il-programmi bdew fil-Milied ta' l-1940 bi programm addattat għall-okkażjoni. Programm ieħor importanti kien dak tat-23 ta' Frar b'tifkira ta' egħluq il-għaxar sena mit-twelid ta' l-Għaqda. Ħadu sehem: il-Professur P.P. Saydon, S. Boffa, K. Vassallo, A. Cremona, Ġ. Cassar Pullicino u s-Surmast A. Muscat Azzopardi. Dawn il-programmi baqgħu sejrin regolarment għal ħafna żmien.

Malli l-Italja daħlet fil-gwerra, ir-RAI bdiet ixxandar aħbarijiet bil-Malti. Niftakar jien kont ktibt ittra fit-*Times of Malta* fejn tlabt li tibda ssir xi ħaġa bħalhom minn Londra. Il-BBC tħajret, u bdew ix-xandiret bil-Malti fl-10 ta' Awwissu 1940 u baqgħu sejrin sallum. L-ewwel xandiriet kenu jsiru minn G. Sultana, Surmast Għawdxi li kien jistudja Londra. Aħna bgħatna nifirħulhom u ssuġġerejnilhom programmi kulturali; tajniehom ukoll tagħrif mnejn jistgħu jsibu l-kotba meħtieġa f'Londra. Ma ninsewx li dik il-ħabta l-komunikazzjonijiet ma' barra kienu kważi impossibili (8).

### Korrispondenza mal-Gvern

Malli niżlu l-ewwel bombi Taljani fuq Malta, il-Gvern qatagħha li jbiddel l-ismijiet tat-toroq tal-Belt. Dawn kienu bit-Taljan u f'leħħa ta' berqa saru bl-Ingliż biss, biex ma ngħidux ukoll li xi ismijiet ta' familji, ittraduċewhom wkoll u oħrajn ittraduċewhom ħażin. Aħna ipprotestajna u tlabna li jsiru bil-Malti wkoll u ssuġġerejna kumitat ta' esperti fil-Malti u l-Istorja ta' Malta (9). Dan il-kumitat kien sar u l-Għaqda kienet mistiedna biex tagħti l-pariri tagħha.

Korrispondenza oħra mal-gvern kienet dwar l-użu tal-Malti fil-kors tal-Liġi, bir-riżultat li l-Professur Aquilina beda jagħti xi lectures fuq it-terminoloġija legali bil-Malti (10).

### Il-Leħen il-Malti

L-ikbar kontribut li l-għaqda tat għat-trawwim tal-Malti kien — u għandu jibqa' — *Leħen il-Malti*. Malli ħadna l-Għaqda f'idejna, l-ewwel ma ħsibna kien li nkomplu nippublikawh u nqajmu l-interess ta' l-istudenti fih.

Sa Diċembru 1939 kien jieħu ħsiebu il-Professur P.P. Saydon bil-għajnuna ta' Ġużè Chetcuti, minn Jannar 'il quddiem ħadu f'idejh il-Professur Ġużè Aquilina bil-għajnuna tagħna.

Sakemm konna fil-kwiet konna sejrin tajjeb, iżda malli sibna ruħna fiż-żifna tal-gwerra mill-ewwel inqala' l-għawġ. Għad għandi l-provi tan-numru ta' Mejju/Ġunju 1940 li baqa' ma ħariġx; biex mbagħad ħareġ in-numru Mejju/Diċembru 1940. Minkejja kollox f'dawn is-sitt snin ħriġna għoxrin numru bir-rata ta' wieħed kull tliet xhur minkejja l-bumbardamenti, il-ġuħ u l-epidemja tal-ħakk u l-isfrattu tagħna stess.

L-importanti tar-rivista kien li ħafna kittieba, żgħar u kbar, kienu jsibu fejn ixandru l-kitba tagħhom. Biżżejjed tagħti daqqa ta' għajn lill-indiċi ta' dawn is-snin biex tintebaħ b'dan. Insibu l-ismijiet ta' Ġ. Aquilina, Dun Karm Psaila, M. Biancardi, A. Buttiġieġ, A. Calleja, Ġ. Cassar Pullicino, K. Fenech, K. Sant, P.P. Saydon, P.P. Tabone, F. Camilleri, K. Vassallo, E. Serracino Inglott, M. Mizzi u oħrajn.

Ħafna minn kitbiethom sabet postha fl-antoloġija ta' proża u poeżija. Permezz ta' *Leħen il-Malti* ħafna minna trawwimna fil-kitba tal-Malti u ħriġna minn qoxortna.

### Il-Kwadru ta' Dun Karm*(11)*

Fit-2 ta' Ottubru 1945 l-Università tat il-Grad ta' D.Litt. (Hon. Causa) lil Dun Karm Psaila. L-*Għaqda* ħadet sehem sewwa f'din il-festa. Dak in-nhar stess ipprezentat lill-Università ritratt taż-żejt ta' Dun Karm, xogħol tal-Kavallier E. Caruana Dingli.

L-ewwel ideja ta' dan ir-ritratt kienet tal-Professur Aquilina. Fl-1941 inħatret kummissjoni mill-Għaqda iffurmata minn A. Agius Ferrante, Ġ. Cassar Pulliċino u Rev. K. Sant. Dun Karm laqa' bil-ferħa l-istedina u l-Kav. Caruana Dingli aċċetta li jagħmlu. Għaqdiet oħra kienu mistiedna li jibgħatu rappreżentanti fil-Kummissjoni; l-Għaqda tat-Tarzna li bagħtet lil M. Agius.

Il-flus inġabru bit-tħabrik ta' A. Agius Ferrante mill-għaqdiet tal-Malti u ħafna ħbieb oħra.

### Żmenijiet Koroh

Din id-deskrizzjoni tal-ħidma ta' l-Għaqda f'dawn is-snin ma tagħtix kwadru sħiħ tal-ġrajja kollha. Biex napprezzawha rridu nġibu quddiem għajnejna l-kondizzjonijiet li konna qegħdin fihom (12).

Sa Ġunju 1940 kollox kien miexi ħarir; imma ma' dħul l-Italja fil-gwerra kollox inqaleb ta' taħt fuq. Il-ħajja ta' l-Università tħarbtet għal kollox. L-eżamijiet ta' Ġunju tħassru. Flok għall-eżamijiet morna għal-lezzjonijiet ta' l-Ewwel Għajnuna ta' Emerġenza. Aħna flimkien mal-familji tagħna sibna ruħna mxerrda ma' Malta kollha; jien sibt ruħi Ħal Qormi; l-Għawdxin marru lejn Għawdex. Fil-ġenn li qabadna ħadd ma kien jaf x'qiegħed jagħmel.

F'Settembru 1940 l-affarijiet bdew jikkwitaw xi ftit; għamilna l-eżamijiet fuq l-oqbra tal-kripta ta' San Duminku l-Belt. Niftakar darba kelli noħroġ mill-eżami biex inwieġeb telegramm urġenti mill-BBC dwar il-programm bil-Malti mill-Londra, u kelli xi ngħid mas-supervisor. F'Ottubru erġajna bdejna l-lectures il-Belt. Domna bi kwietna, għalkemm dejjem bit-taqtigħ il-qalb, sa Jannar 1941, meta t-Tedeski sferraw l-attakki tagħhom fuq l-aircraft carrier "Illustrious" u erġajna lura lejn djarna. Barra dan fl-istess żmien bdiet isseħħ il-liġi tal-lieva. Ilkoll konna msejħa għas-servizz militari.

Għall-ewwel kulħadd kellu sitt xhur leave sa Ġunju, biex nilħqu nagħmlu l-eżamijiet, u mbagħad għas-sajf għat-taħriġ militari r-Ricasoli u xi perijodi oħra twal fuq il-batteriji bir-rank ta' fizzjali. Aħna tat-Teoloġija konna eżenti minn dan kollu, iżda kellna nidħlu s-Seminarju f'Novembru ta' l-1941 (13).

Jien kelli nirriżenja mill-*Għaqda*, u daħal floki H.P. Copperstone. Għad għandi l-ittra ta' apprezzament u ringrazzjament minn għand il-Professur Aquilina. Is-Seminarju domna bi kwietna sal-Milied, għax fil-vaganzi l-bombi Tedeski farrku kull ma kien hemm u aħna s-Seminaristi erġajna lura lejn id-dar u bqajna barra sa Frar 1944.

Fl-1942 u 1943 rajna l-bombi, ġuħ u mard ta' kull xorta. Madankollu l-lectures u l-eżamijiet, mod jew ieħor, baqgħu sejrin. l-Università l-Belt tfarrket fl-1942, u bdejna niġġerrew 'l hawn u 'l hinn; sa kellna lezzjonijiet il-Headquarters ta' li Scouts il-Furjana u saħansitra tlajna l-Kunvent tad-Dumnikani ir-Rabat għall-eżamijiet. Meta bdejna t-Teoloġija fl-1942 kellna l-lezzjonijiet fl-Istitut ta' San Ġużepp, il-Ħamrun. Kullimkien konna mmorru bil-mixi, għax it-trasport publiku kien jaħdem biss fil-ħinijiet tax-xogħol filgħodu kmieni u wara nofs in-nhar biss. Mill-bqija kulħadd idabbar rasu kif jista'. Toħroġ filgħodu u ma tafx fejn tispiċċa jekk hux iċ-ċimiterju, l-isptar jew id-dar. Il-Bumbardamenti lejn u nhar, ma jaqtgħu xejn; ljieli u jiem sħaħ nistkennu fil-blat, djarna mġarrfa — id-dar tagħna ġġarrfet it-Tnejn is-6 ta' April 1942 u sibna ruħna għand il-ġirien u qrabatna. Tista' taħseb x'moħħ kellna nistudjaw u naħdmu; madankollu ix-xogħol baqa' sejjer xorta waħda. Min jaf kemm-il darba kellna nieqfu minn xi Xandira minn fuq ir-Rediffusion biex Effie Ciantar jagħti l-allarm. X'jibqa' fik?

Din is-sitwazzjoni baqgħet sal-bidu 1943, għax mbagħad il-gwerra tbegħdet minn artna, u bdejna nieħdu r-ruħ u bil-mod il-mod kollox beda ġej għan-normal, ma ngħidx kif kien qabel għax dan qatt ma seta' jseħħ wara esperjenza bħal dik li qaċċtitna minn egħruqna u ġagħlitna nħarsu lejn il-ħajja b'lenti għal kollox xorta oħra minn dik ta' qabel.

Kienu żmenijiet koroh, iżda meta toqgħod tħares lura u tara x'irnexxilna nagħmlu, inħossu sodisfazzjon u nostalġija. L-Għaqda switilna biex tħabbibna bejnietna — anki meta ma qbilniex, tlewwimna, u erġajna paċi — qawwitilna l-karattru, ħarġitna minn ġo qoxritna, u għamlitna kapaċi nieqfu fuq riġlejna. Stajna għamilna aktar, iżda ma nafx stajniex nieħdu aktar u l-frott ta' dan kollu deher aktar 'il quddiem l-karriera tagħna: ħafna minna baqgħu jiktbu u jieħdu nteress fil-Malti, laħqu pożizzjonijiet ta' responsabiltà u għamlu isem fl-oqsma tagħhom.

Ngħid għalija fl-Għaqda kont sibt skola ta' taħriġ u formazzjoni ta' karattru u żvilupp ta' idejat u idejali li baqgħu fija sallum. Meta għaddejt għall-kors tat-Teoloġija hemm iltqajt mal-Professur P.P. Saydon — kont diġà sirt midħla tiegħu fl-Għaqda stess — li kompla saħħaħni fl-idejal li kont fassalt u qabbadni t-triq li bqajt fiha s'issa. Kienet preparazzjoni għal sitwazzjoni li jien stess qatt ma kont noħlomha. Bis-saħħa ta' l-Għaqda bdejt nikteb u tħejjejt għar-responsabiltajiet tal-

Knisja, fl-oqsma ta' l-istudju u t-traduzzjoni tal-Bibbja u l-Liturġija, u l-pastorali fl-ambjenti kulturali.

Il-qari tal-kotba, l-attendenza għal-lectures, is-suċċess fl-eżamijiet, mhumiex biżżejjed biex jippreparaw l-istudent għar-responsabiltajiet soċjali meta joħroġ minn bejn il-ħitan ta' l-Università.

Ir-ruħ ta' l-Għaqda kien il-Professur Aquilina; aktar minn Professur tagħna, għalina kien ħuna l-kbir; dejjem lest bil-pariri u l-kelma ta' nkuraġġiment, anki meta kien Għawex. Min jaf kemm telefonati għaddew bejnietna biex inkomplu l-ħidma ta' l-Għaqda.

Għaddew dawn is-snin kollha, iżda l-ġrajja u l-esperjenza ta' dik il-ħabta għadom ħajja sallum.

## NOTI

(1) L[eħen il]-M[alti], 11 (1941-121/122) 1-4.
(2) Ġ. Cassar Pullicino, *Aquilina u l-Malti*, KKM 39/40, Malta 1974.
(3) LM 10 (1940-109/110) 23. A. Calleja ħa l-lawrja ta' Avukat f'Ottubru 1946. Miet fit-28 ta' Marzu 1976 wara tletin sena ta' ħidma professjonali u kulturali f'pajjiżu Għawdex.
(4) LM 10 (1940-109/110) 23; 10 (1940-118) 71. Tnejn fi Frar, waħda f'Marzu, April u Mejju.
(5) LM 11 (1941-121/122) 23.
(6) LM 12 (1943-143/148) 92.
(7) LM 11 (1921-121/122) 23.
(8) ibid. p. 24.
(9) ibid. p. 24.
(10) LM 11 (1941) 74.
(11) LM 15 (1945) 104-121.
(12) Ch. Boffa, *The Second Great Siege: Malta 1940-1943*, Malta 1970.
(13) LM 11 (1941-42/128-132) 82.

## Dokumentazzjoni

**Din id-dokumentazzjoni tikkonsisti f'ittri li rċevejt mingħand sħabi f'dan iż-żmien u li għadni ngħożż u nħares. Jisgħobbini li l-ittri li kont bgħatt jien ma kontx żammejt kopji tagħhom, għalhekk ma nafx intilfux jew le. Għandu mnejn xi ħaddieħor għamel bħali u żamm xi waħdiet minnhom; nieħu pjaċir jekk jiġu f'idejja. Jien ħallejthom kif waslu għandi; ma missejt u ma biddilt xejn minnhom; imqar fejn l-lingwaġġ kien realistiku. B'hekk jista' wieħed jara x'konna nġarrbu, naħsbu u nixtiequ. Jalla ma weġġa' ħadd, u kulħadd jagħdirna ta' studenti li konna.**

**Dun Karm Sant**

## (1)
## DUN KARM PSAILA LIL K. SANT

*"Dar-is-Sliem"*
*Sliema*
*L-Ewwel ta' Frar 1940*

*Għażiż Segretarju,*

*Bil-qalb kollha kont nilqa' l-istedina li fl-isem tal-Kumitat, għamiltli għal nhar il-Ħamis, it-8 ta' dan, biex nieħu sehem fil-laqgħa ta' l-imseħbin kollha fl-"Għaqda tal-Malti (Università)"; imma jisgħobbija ngħidlek illi dak in-nhar f'siegħa waħda ma' dik tal-laqgħa tagħkom irtbat mas-Superjura ta' l-Orsolini ta' Tas-Sliema li*

*naghmel diskors lil xi novizzi minn taghhom li sa jiehdu l-libsa jew jaghmlu l-professjoni sollenni tal-voti.*

*Bit-tama li nistghu niltaqghu xi darba, iżjed il-quddiem, nibqa' dejjem tieghek.*

*Mons. K. Psaila*

## (2)

## C.L. DESSOULAVAY LIL K. SANT

*171, Fentiman Road,*
*S.W.8.*
*TEL. REL. 1706.*
*18.2.40*

*Dear Mr. Sant,*

*I thank you for your letter. I had heard that you were going to translate my R.Sh. article and naturally I was interested, wondering rather how such a very technical paper would lend itself to translation into Maltese. It is always instructive to read in Maltese a translation of one's own work, and to observe how phrases have to be wrested and cut to a Semitic measure. There are a certain number of misprints, e.g. on p. 128 the names should be Virolleaud, Dhorme, and Bauer (Dhorme was already misspelt in the Journal). He was the Dominican, who, since I wrote my article for the Journal (which was held up in Malta for several years!), left the Dominicans and married. He is now a lecturer in Paris. I quite agree with your re-arrangement of the matter, in fact your arrangement was the one I had in view myself, and should have used had I had access to the printers. By the way, on p. 127 I note you write Latakja. Possibly that may be right, but in the Tobacco trade here in England, we speak of Latakia tobacco, pronouncing it Latakîya, but that proves nothing, for trade names are often wrong, and I have never as it happens put into that little port, so I don't know myself which is correct. I was rather amused at the Semi ta' Nofs in-nhar, for South Semitic. "Semitic" in Egypt is "Sâmy", which would give in Maltese, I think, Siemi. I am speaking of course, only of the word as used among modern Egyptian scholars but that word is open to serious objections, from several directions. At any rate I am not sorry you have got away from the Preca word "Xemi" (as in the "Xirka Xemija").*

*I am sorry,, but I have not a photo in the wide world to send you. I wonder what lies behind your family-name. I suspect a place-name origin from Sanat.*

*With my kindest wishes,*

*Yours*
*C.L. Dessoulavy.*

## (3)

## DUN KARM PSAILA LIL K. SANT

*Dar-is-Sliem*
*Sliema*
*27 ta' Mejju, 1940*

*Ghażiż Karmenu Sant,*

*Aktarx imwahhra t-tweġiba tieghi ghall-ittra tieghek ta' l-10 ta' dan, li maghha ghalaqtli t-traduzzjoni fl-Ingliż tal-poeżija maltija tieghi "Non Omnis Moriar".*

*Imma kelli x'nagħmel bla tarf u biex ngħidlek kollox minn qalbi dawn l-aħħar ftit ġranet l-ittra tiegħek għabet minn għajnejja, u inti taf "għajn ma tara..."*

*Jiena nizżik ħajr minn kollox, mill-erba' kelmiet ta' qabel, mhux għax fihom it-tifħir tiegħi, iżda għax fihom il-qalb tiegħek. Niżżik ħajr mis-sabar u x-xogħol li ħadt biex qlibt fl-Ingliż il-versi tiegħi, mhux għax il-versi tiegħi iżda għax eżerċizzju u xogħol tajjeb tiegħek.*

*Lil Aquilina urejthielu? Nixtieq inkellmek xi darba fuqha.*

*Fuq il-"back-numbers" ta' il-Malti ma nistax ingħidlek "iva"; l-ewwel għax irrid nara lis-Segretarju, biex nara x'hemm; it-tieni, biex nara jekk humiex meħtieġa għall-Għaqda.*

*Saħħa u Sliem*
*Dun Karm*

## (4)

A. CALLEJA LIL K. SANT

*18 Xuxa Street,*
*Kerċem, Gozo.*
*10 - VI - 40.*

*Dear Carmel,*

*I wonder how things are getting on at Malta. I myself have been unable to cross over because I am now laid up in bed with fever; you may see from my handwriting. Prof. Aquilina is now staying here; my father met him the other day, but I have not seen him since when I was with you.*

*Has the 'Leħen' been already published? I hope I have not given you much trouble; thank you for your pains. And what about the Sundial?*

*Karm, I have sent in my fees only this morning; but I think I shall not be able to sit for the annual exams. I know nothing, just nothing, about what is going on. Are they going to form any corps or no? and, are you going to sit for all subjects or what? I am at a loss what to do. Perhaps the best thing would be to wait till September.*

*Please write to me as soon as possible.*

*Cheerio!*

*Yours faithfully,*
*Anthony Calleja.*

## (5)

Ġ. AQUILINA LIL K. SANT

*60 Munxar*
*Sannat — Gozo*
*26/6/'40*

*Ħabib Sant,*

*Sa issa bgħattlek żewġ ittri mbarra din li hi qasira għax ħiereġ. Waħda bl-indirizz ta' Ħal Tarxien u l-oħra bl-indirizz ħażin ta' Ħal-Qormi. Waslulek? Hawn ltqajt ma' Borg Grech u Cirillo, is-seminarist, u Cassar.*

*Illum ġurnata mirjieħa mill-aktar. L-ibdiewa Ibieraħ ħasbu li ser iġorrilhom l-imniezel wil-kemmun.*

*Calleja sikwit jitla' r-Rabat li hu l-milqa ta' l-Għawdxin meta joħorġu minn raħalhom.*

*Aquilina*

## (6)

## A. CALLEJA LIL K. SANT

*18 Xuxa Street*
*Kerċem, Gozo.*
*4th July 1940.*

*Għażiż ħabib,*

*Il-bieraħ waslitli lura ittra li jiena kont bgħattlek qabel ma kont naf l-indirizz tiegħek il-ġdid. Hekk sirt naf li inti, minn tiegħi ma rċevejtx ħlief ittra waħda; jisgħob bija tassew u nitolbok taħfirli.*

*Intant, Karm, kif aħna sejrin? Anħa hawnekk donna ma nafu b'xejn: bażal xi erbgħa biss għadhom waqgħu hawn, u ħsara ma għamlu xejn. Malta! Rajt Karm, x'għamlulna 'i nostri fratelli d'oltre mare'; kemm tefgħu 'fiori e cicculata di Perugia'. Iżda fl-aħħar għad inħallsuhom; kollox għad jerġa jiġi f'loku u ma nibqgħux ngħixu aktar 'in this time of shattered dreams' kif isejjaħlu Prof. Aquilina.*

*Hawnhekk hawn ħafna rifuġjati maltin; għandek tgħid il-ksuħat li kien hemm Malta kollha ġew Għawdex, u naħseb li xi erbgħa quislings ġewna wkoll. Ċirillo hawn qiegħed, kuljum naraħ x'ħin nitla' r-Rabat nisma' l-aħbarijiet, u l-bieraħ ġie passiġġata sa' raħlu. Jien dħalt S.C. (Sur Ċ).*

*Nittama li tiktibli maddumx.*

*B'xewqat ta' hena u saħħa,*

*Dejjem tiegħek,*
*Anton Calleja*

## (7)

## Ġ. AQUILINA LIL K. SANT

*60 Munxar*
*Sannat — Gozo*
*4/7/'40*

*Ħabibi Karmenu,*

*Jien minn hawn qiegħed dejjem naħseb fil-hemm li ġara lil Malta; imma qalbi qawwija li l-aħħar rebħa tkun tagħna. Jien ma naħsibx li l-ħidma ta' M.A. Vassalli tista' tisfa' fix-xejn f'daqqa waħda. U l-ġirien tagħna s'issa aktar nebħu milli rebħu; milli jidher il-qawwa fil-baħar u fl-ajru u fl-art mhix bħalma kienu jiftaħru. Għenilli li qalu kemm-il darba li Malta kollha titħarbat taħt id-daqqiet tagħhom f'qasir żmien; u sa issa l-ħabtiet tagħhom mill-ajru ħattew xi djar ħerba u qatlu xi nies imma rebħa militari xejn. U jalla ma jkollhomx!*

*U Int? nistħajlek tgħix fit-taqtigħ il-qalb; ibża' għal rasek billi tħares lilek innifsek minn perikli mhux neċessari ħalli 'kk Alla jrid għad nerġgħu niltaqgħu u nibdew ix-xogħol tagħna minn fejn tlaqna.*

*Hawn, sa issa, il-ħajja baqgħet li kienet; kwieta, l-irjieħ joħorġu minn ġos-sħab*

*abjad għal fuq l-egħlieqi u għal ġod-djar. Inqatta' ż-żmien billi fil-għodu nitla' sar-Rabat jew ninżel sax-Xlendi, u wara nofs in-nhar, noqgħod fejn id-dar bejn bieb u ieħor fil-fewġa friska li taħjini. Imma l-ibdiewa ftit ferħu bir-riħ li kellna dan l-aħħar għax il-qamħ fuq l-andar ma jiitqaxlefx wid-dris ikun qisu stiq fl-ilma.*

*Il-ħajja nistħajjilha għolíet Malta. Hawn aktra orħos. Da l-aħħar kien hawn ħawħ il-ġmiel tiegħu, 2½ ir-ratal u issa beda l-għajnbaqar. In-natura li ħalaq Alla, sa kemm il-bniedem ma jħażżinhiex, xorta toktor u tkattar u timla l-matmura; dnub, ħasra kiefra li aħna l-bnedmin, ma noqogħdux għall-liġi tal-ħolqien? Kif għanna Dun Karm, il-bniedem biss jaf x'inhi l-imħabba imma hu biss jiċħadha.*

*Ma dejjaqtikx, hux, b'din l-ittra? Hawn* air-raids *ma sarux u ma naħsibx li ma tifraħx iżjed tisma' xi ġrajja ċkejkna ta' kif għadha tingħax il-ħajja hawn Għawdex qalb l-egħlieqi. Jalla tiġi l-paċi bir-rebħa! u 'kk Alla jrid tiġi.*

*Saħħiet!*

*Ġużè*

## (8)
## M. MIZZI LIL K. SANT

*13 Sda Biblioteca,*
*Victoria, Għawdex.*
***15 ta' Lulju 40.***

*Sur Sant,*

*Anton Calleja qalli niktiblek u tani l-indirizz tiegħek u jien smajt minnu u sa niktiblek.*

*Mussolini ilu fuq xahar jitħabat magħna u jħabbatna. Għall-ewwel ir-raids kienu jaqtgħuni u ma kien baqagħli moħħ nagħmel xejn ħlief niġri barra biex nisma' aħbarijiet fuq Malta. Issa drajtha ġmieli dix-xorta ta' ħajja. Ngħidlek f'Għawdex ma rajna xejn.*

*U dan il-kwiet ma aħniex ingawduh waħedna. Ilqajna ħafna rifuġjati (jew kif mara ta' bla skola smajtha tgħid illum, b'malapropism, "flaġellati") Maltin. Ġew ħafna li setgħu jikru. Ġew oħrajn fl-iskejjel tal-Gvern dawk li baqgħu bla dar. Hawn ukoll Borg Grech, Ellul tax-Xjenza, Zammit, fir-4 sena Xjenza, Edgar Mizzi, Cirillo u seminarist ieħor ma nafx x'jismu. Għandu jkun fir-raba' sena, twil, irqiq, bin-nuċċali u jimxi "stiff" u rasu l-isfel. Hawn ukoll J.J. Cremona u forsi hawn iżjed minn dawn li nafuhom ukoll.*

*Kotba għandi aptit naqra imma mhux ta' l-iskola. Taqra xejn? Tikteb xi ħaġa? Jien xejn.*

*Għallum daqshekk.*

*Nixtiqlek "the best spirit" u mbagħad saħħa u hena.*

*Saħħa.*

*Tiegħek*

*Marcel Mizzi*

## (9)

M. MIZZI LIL K. SANT

*13 Sda Biblioteca,*
*Victoria, Għawdex.*
*24 ta' Lulju, 40.*

*Sur Sant,*

*Bħalissa l-air raids ma humiex f'xulxin wisq bħal ma kienu qabel. Naħseb li tistgħu tieħdu ftit tan-nifs iżjed. Il-baħar qisek għadek ma mort qatt. Naħseb li l-quddiem tkun tista' taħrab xi ħarba.*

*Il-Belt ilek ma tmur? Igħidu li qegħda tarġa tieħu ftit tal-ħajja ta' qabel.*

*Leħen il-Malti spiċċa? Dak l-istudju s-Sur Nin messu stampah għalih kif tlesta mit-tipi.*

*Frank Zammit joqgħod ta' Sannat u r-Rabat qatt ma jitla'. Ilni ma narah żmien. Meta narah nitolbu l-indirizz.*

*Lil Profs Aquilina ma tiktiblu xejn? Jien l-indirizz tiegħu ma nafux, imma jekk tindirizzalu xi ittra 'l Munxar, Għawdex naħseb li tasallu. Għall-ewwel tal-gwerra ma' Mussolini, l-Profs kien jitla' r-Rabat fil-għodu w filgħaxija. Issa ma tantx narah. Naħseb li l-kotba jarawh l-iżjed.*

*Habibek*
*Marcel Mizzi*

## (10)

Ġ. AQUILINA LIL K. SANT

*60 Munxar*
*Sannat*
*Gozo*
*28/7/40*

*Habib Sant,*

*Sa nwieġeb fil-qasir, għax m'aħniex; ilni xi ġranet fis-sodda b'riħ mill-baħar.*

*Dwar il-ħlas tal-Leħen, strictly speaking, l'Empire Press, ma jistax jippretendi ħlas għax skond il-liġi kuntratt jitkompla sħiħ kif miftiehem wil-forza maggiore taqa' għax manuskritt baqa' fl-istamperija. Imma għal fejn inħaqquha m'għandniex.*

*Imħabba n-nofs aħna, nofs Ninu, għidli kemm jonqsok għan-nofs tagħna ħa nibgħatlek il-bqija mill-fond li baqa' għandna.*

*L-ittri tiegħek qatt ma kienu iċċensurati. Erfajthom. Ikteb oħrajn. Għajjejt.*

*Ġ. Aquilina*

*P.S. Copperstone u l-oħrajn għandhom xi flus f'idejhom? Jekk tista' żomm kollox f'idejk.*

## (11)

M. MIZZI LIL K. SANT

*13 Sda Biblioteca,*
*Victoria, Għawdex.*
*11 ta' Awwissu, '40*

*Habib Għażiż,*

*Il-bieraħ smajna l-ewwel News-letter bil-Malti mill-B.B.C. Kellu jkun Għawdxi l-ewwel li jitħaddet. Hadt gost wisq. Kullħadd feraħ u kullħadd qed isemmih.*

*Is-Sunday Times qalet erba' kelmiet fuq it-taħdita u erba' kelmiet meħudin minnha. Għoġobha ssejħilna lilna l-Għawdxin "Scots of Malta".*

*Iva bilħaqq, int kont li issuġġerejt fit-Times biex isiru dawn it-taħditiet. Haqqek prosit tassew. L-affari rnexxiet minn kull naħa.*

*Il-poża u l-aċċent tas-Sur Sultana kienu "worthy of the B.B.C." Il-Malti li tkellem imbagħad? Ir-Rediffusion għandhom ħafna x'jitgħallmu minnu sew f'dak li hu aċċent u sew f'dak li hu Malti; għad li hemm qabża kbira bejn bulletin tal-aħbarijiet u diskors ta' dix-xorta.*

*Insomma l-Għawdxin "went about it". Mhux biss għaliex is-Sur Sultana Għawdxi. Naħseb li l-Maltin ukoll ħadu gost.*

*Prosit Saħħa.* *Marcel Mizzi*

## (12)

### A. CALLEJA LIL K. SANT

*18 Xuxa Street,*
*Kerċem, Gozo.*
*August 19, 1940.*

*Dear Carmel,*

*I think that by now you know already what a bad correspondent I am; I beg your excuse for not writing to you for such a long time.*

*First of all, I wish to congratulate you for your suggestion that news in Maltese should be transmitted by the B.B.C. It was quite a bright idea; I have been mightily pleased with the two we have got as yet. "The laurels have once more fallen to a Gozitan". How does that please you Karm. Very nice, isn't it? Do you still remember how you used to tell me that the Gozitans are the scotch of Malta!*

*Professor Aquilina has been sick for quite a long time now. I have been to see him last Sunday. He is quite well now and I think that by this week he will be out of bed. He told me that you write to him every now and then and he too was pleased with your suggestion. Perhaps you know already that Mr Portelli is an officer with the Royal Engineers.*

*I hope that, God willing, we shall be together again by November I don't know what to do with the exams. I can't bring myself to study, even here in Gozo. And then I don't know what to do when I shall come to Malta. I shall have to find new lodgings as the Hotel where I used to stay stands in an evacuated area. But any way I am not going to trouble till trouble troubles me.*

*Meanwhile we had better keep our spirits up and trust in God to give us an early victory over Hitler and over our dear friend Mr Musso.*

*Yours truly*
*Anthony Calleja*

## (13)

### ĠUŻÈ CASSAR PULLICINO LIL K. SANT

*Police Station,*
*Għaxaq.*
*27th Aug. 1940.*

*Għażiż Habib,*

*Naħseb li ftit wara li tasallek din l-ittra nkunu flimkien għax ma ndumx ma niġi jiena wkoll Hall-Tarxien.*

*Ħal Tarxien raġa' mtela ġmielu bin-nies u xi ftit reġgħu lura r-Raħal Ġdid ukoll. In-nies qeda tifhem li ma jistax ikun li tibqa' tgħix f'dak id-djuq kollu, barra minn darha, ma' nies oħra. Bħal Ħal Tarxien ħafna bnadi oħra ta' Malta li qabel ġew imbattlin min-nies qed jerġgħew jimtlew bħal ma hija tas-Sliema u l-Belt. "Home, sweet home". Imkien m'hawn isbaħ minn darek.*

*Karm, meta niġi r-Raħal, niltaqgħu u ngħaddu siegħa nitkellmu sew. Għandna xi ngħidu mhux ftit, l-iktar fuq dik l-affari tal-Malti li kont ktibtli fuqha inti u xi darba naslu uasla s'għand Saydon ukoll għax nixtiek inkun nafu sew.*

*Sa nħallik għax għandi x'nagħmel ħafna.*

*Inselli għalikom*
*Ġ. Cassar Pullicino*

*P.S. Jekk trid tiktibli ibgħatha 3c Old Church Street B'Kara biex tasal żgur.*

## (14)

K. SANT LIL DUN KARM PSAILA

*8, Trieq Sta Marija*
*Tarxien*
*29/X/40*

*Għażiż Dun Karm,*

*Flimkien ma' din l-ittra qed nibgħatlek xi kitba minn tiegħi li nixtieqek taqra qabel nistampha. Din il-kitba tiegħi hi fuq "X'hemm moħbi fil-"Jien" u lilhinn minnu ta' Dun Karm". Ma noqgħodx ninħeba wara subajja u nistqarr b'idi fuq qalbi li din il-biċċa xogħol sibtha daqsxejn tqila, ħaġa li stennejtha mill-ewwel. Imma ma qtajtx qalbi għax ftakart f'dak li qalilna Sasse: "Aħdem bħallikieku taf kollox, itlob qisek ma taf tagħmel xejn".*

*Nistħajlek tgħidli x'ħajrek tindaħal għal din il-biċċa xogħol? Ngħidlek is-sewwa Mons., żewġ ħwejjeġ ħajruni u ħeġġuni: it-tagħlim għoli li għoġbok u għaraft tiġbor ġo din il-poeżija u l-Imħabba lejn il-Poeżija Maltija li għalkemm għadha fi tfulitha jew aħjar f'żugħżitha (għax kemm se ddum fi tfulitha) ġa kibret u stagħniet b'xogħlijiet mill-isbaħ. Għalkemm swietli xogħol mhux ftit, madankollu ħadt pjaċir biha u tgħaxxaqt meta bdejt nara il-versi tiegħek jinfetħu u jikxfu ġmielhom bħal warda li tiftaħ biex in-naħla tarda' l-ħlewwa ta' ġo fiha. Għoġbitni is-sengħa li għalkemm ma stajtx nitħaddet fuqha għax kont niġbed fit-tul wisq, bi ħsiebni nitħaddet fuqha ma ndumx. Għoġobni it-tagħlim fuq Dinna u fuq ħsieb il-bniedem, li tħabat ħafna u qatt ma sab serħan ħlief meta ħaddan it-twemmin nisrani. Tgħaxxaqt bit-tixbihat maqlugħa u ħajja, bħal xi biċċa skultura imma l-aktar bi xbihat omm il-poeta li fiha ma nistax ma nilmaħx l-omm Maltija qatt ma tgħejja trabbi 'l uliedha b'dehen u b'sabar ta' l-għaġeb. Dan kollu mela ħajjarni għal dan ix-xogħol.*

*Biex inkun għidtlek kullma nixtieq, nixtieq tfittex taqraha malli tkun tista' biex inxandruha fl-ewwel ħarġa tal-"Leħen il-Malti" li bi ħsiebna noħorġu ma ndumux. Bilħaqq, Mons., tista' jekk jogħġbok tibgħatilna il-poeżija tiegħek Imħabba li kont qrajt f'laqgħa minn tagħna biex nistampawha fil-Leħen.*

*Niżżik ħajr bil-quddiem.*

*Dejjem tiegħek*
*inselli għalik*
*Kar. Sant*

## (15)

### DUN KARM PSAILA LIL K. SANT

*250 High Street, Żebbuġ*
*4 ta' Novembru, 1940*

*Għażiż Karmenu Sant,*

*Jiena qrajt — mill-aħjar li stajt — ix-xogħol tiegħek fuq il-"Jien etc" tiegħi. Jidhirli li inti dħalt ġmielek fil-ħsebjiet tiegħi u naħseb illi din il-biċċa xogħol tiegħek tkun ta' fejda għal dawk kollha li jħobbu l-poeżija Maltija, l-aktar dawk li jridu jitħejjew għal xi eżami.*

*Fil-paġna ħdax (11) ittikkjajtlek xi ftit versi li dehruli, lhawn u lhinn, xi ftit skuri. Inti arġa aqrahom, u jekk jidhirlek, itfa' xi ftit dawl iżjed.*

*Lhawn u lhinn messejtlek xi kelma li deheritli miktuba ħażin, aktarx imħabba fil-għaġla.*

*Hares: dik il-poeżija "Nħobbok" li kont qrajtilkom f'xi laqgħa tagħkom ma naħsebx li għandha tidher, mingħajr daqsxejn ta' daħla li tkun tista' tfisser sewwa x'kien il-ħsieb tiegħi meta ktibtha. Jarġa ma hix qiegħda hawn Ħaż-Żebbuġ, imma Tas-Sliema.*

*Nixtieqlek saħħa u riżq u nagħtik il-barka tiegħi.*

*Mons. Dun Karm Psaila*

## (16)

### K. VASSALLO LIL K. SANT

*Musarum Aedes*
*Siġġiewi,*
*9 ta' Diċ. 1940.*

*Għażiż ħabibi Sant,*

*Il-bieraħ, b'kumbinazzjoni, rajt ir-"review" li int (jew xi ħaddieħor?) għoġbok tikteb fuq il-ktieb tiegħi "Metrika Maltija".*

*Jisgħobbija ngħarrfek li mhux talli ma nħossx li għandi nižžik ħajr għaliha, imma talli jidhirli li għandi nlumek u nħaqqaqha miegħek għax, fil-fehma tiegħi, jekk dik ir-"review" tidher fil-"Leħen" tkun qed tagħmel għajb lill-"Għaqda" tagħkom, għajb ikbar lill-Profs. Aquilina li kitibli l-"Kelmtejn Qabel", għajb bla tarf lili n-nifsi, u għajb bla isem lil min ħażżiżha u kien hekk wiċċu sfiq li jasal biex jagħtiha għat-titbigħ. Ma tistħux titbgħu fil-"Leħen" għarukażijiet bħal dawk?!?*

*Jekk int, bla ma naf jien, għandek forsi x'taqsam miegħi, allura tibża' xejn minni: ibgħat għidli ċar u tond; jew fittixni u ltaqa' miegħi u ilgħabhieli fuq geddumi. Imma jekk bejni u bejnek m'hemm xejn (kif tassew nittama), allura kun hekk għaqli u jekk jogħġbok bħala* Segretarju *tal-"Għaqda tal-Malti — Università", fittex u agħmel minn kollox biex dik ir-review li hi għal kollox "arida" u "insipida" kemm tista' tkun, ma tidher xejn f'"Leħen il-Malti".*

*Jekk tagħmel hekk nibqa' nafulek u nbierkek wisq iżjed.*

*Nifraħ ukoll jekk kullma ktibtlek hawnhekk jogħġbok tagħtih jaqrah lill-Profs. Aquilina.*

*Tiegħek,*
*K. Vassallo*

## (17)

### KARMENU VASSALLO LIL K. SANT

*Musarum Aedes*
*Siġġiewi*
*11 ta' Diċembru 1940*

*Għażiż K. Sant,*

*Għadha kemm waslitli l-ittra tiegħek (kien imissni ngħid iż-żewġ ittri tiegħek) li mlietni minn banda bil-ferħ għax rajt fik qalb ta' ħabib u banda oħra bil-għadab — għax rajt u fhimt li dak li għedtli dwar* "standard għoli" *hu għal kollox bla bażi. U ngħidlek għaliex jekk inti twiegħdni li ma teħodhiex b'tgħajjira jew b'offiża għalik. L-ewwelnett jien il-ktieb bgħattu lilek u r-reċensjoni stennejtha minn għandek għax inti s-Segretarju tal-"Leħen" u, wara l-Editur, inti responsabbli għal dak li jidher fih. Kieku kien Segretarju ħaddieħor minn flokok, jien forsi ma kont nibgħatlu xejn. Emminni. Jien lilek naf, u l-ħajr u t-tmaqdir stennejtu minn għandek biss. Għandix raġun jew le tgħidlix. Jien hekk nifhimha. U hekk hu.*

*Nistħajlek tgħid: "Imma dan x'għandu x'jaqsam ma'* "standard għoli"*? Tajjeb wisq. Bħalissa m'iniex nagħmel paneġierku studjat jew nikteb xi lirika klassika jew inħażżeż xi artiklu kritku-letterarju. Din hi ittra ta' ħabib mibgħuta lil ħabib ieħor.*

*Iżda biex .... jitħares bil-qies u fis-sewwa li "standard għoli" li semmejt int, jeħtieġ .... (issa, emminni, m'iniex ngħid għalik; għax inti safejn naf jien, tingħażel minn ħafna oħrajn) ikun irid jikkritika jew jikseb xi ħaġa oħra b'dak li "standard"; ikun jaf x'jiġifieri, "standard għoli" hu n-nifsu; ikollu "standard għoli" hu n-nifsu; u jkun jaf xinhuma u safejn iwasslu u ma jwasslux il-limiti tiegħu. Hadd, jidhirli jiena, m'għandu l-ħila jgħallem jekk qabel ma jitgħallimx hu n-nifsu. Hadd, minn għalija jien, ma jista' jasal biex ifiehem lil ħaddieħor dak li hu n-nifsu ma jkunx fehem kif kellu jifhem. Fl-aħħar mill-aħħar liema student għaref kemm hu għaref, dment li għadu student u terġa' fil-bidu ta' Kors Akkademiku, jista' jindaħal fil-merti tal-Professur tiegħu jew ta' min ikun qiegħed igħallmu?!? U jekk min ħażżeż dik l-*"ardità" *u dik l-*"insipidezza" *ta' kritika fuq il-ktieb tiegħi "Metrika Maltija" hu mġiegħel jistudja dak il-ktieb u jitgħallem minnu ħwejjeġ li żgur għadu ma jafx, kif sata' qatt dan jasal biex jikkritikah bi "standard għoli"?!? Kif jista' wieħed jikkritika (u jikkritika wkoll — minn fuq!!! — bi "standard għoli") ħaġa li hu jkun għad irid jitgħallem fuqha u jistudjaha mhux b'gost jew b'delizzju, imma bħala wieħed mis-suġġetti skolastiċi obbligatorji li jkollu?!? Imbagħad int ħabibi Sant, x'jaħseb li jkun laħaq .... ikun għadu kemm rifes .... L-akbar għorrief .... Grazzi!*

*K. Vassallo*

## (18)

### A. CALLEJA LIL K. SANT

*18, Xuxa Street,*
*Kerċem, Gozo.*
*4 ta' Jannar 1941.*

*Għażiż ħabib,*

*Dalgħodu rajt lil Prof. Aquilina u qalli biex niktiblek biex tgħarraf lil Dun Karm, Saydon, Delia, is-sur Nin u lil Carm. Mifsud Bonnici (il-gross) biex ikunu hemm għall-ewwel laqgħa tal-kumitat.*

*Nittama li naraw lil xulxin ma ndumux.*

*Dejjem tiegħek,*
*Anton Calleja*

## (19)

H.P. COPPERSTONE LIL K. SANT

*21 Misraħ San Duminku*
*Rabat. 28/1/41.*

*Għażiż ħabib,*

*Billi għandna ħafna ħwejjeġ x'naraw, rajt li jkun aħjar niktiblek żewġ kelmiet milli nċempillek.*

*Fuq il-programm ma għandi xi ngħid xejn, biss jien jidhirli li twil wisq. Nafu biżżejjed kemm iħobb jgħid is-Sur Nin Cremona u nissopponi li is-siegħa u nofs li għandna, joħodhom hu waħdu. Insomma dak għamel int u nhar il-ġimgħa,* jekk Alla irid *(għax qed nibża wisq), niltaqgħu.*

*Issa jekk tiġi qabel it-tlieta issibni id-dar żgur, f'Misraħ San Duminku 21. Jekk nara li sa l-erbgħa ma ġejtx, allura ninżel is-Saqqajja nistennik mal-karrozzi ta' l-4.30, li jaslu ir-Rabat ftit qabel il-Hamsa. Mela naħseb li ftiehmna u jekk tiġi ma ta' l-4.30, dak il-ħin issoltu nkunu mat-tf——a, imma billi ġej int ninżel nistennik, tieħux ħsieb.*

*Tinsiex iġġibli it-"Talk to English Hearers" u t-"tieni Rebħa tagħna".*

*Dejjem tiegħek*
*H. Copperstone*

*N.B. Nhar il-Hamis ġibduni xhud biex niddefendi wieħed minn dawk il-'Conspirators'.*

*H.P.C.*

## (20)

Ġ. AQUILINA LIL K. SANT

*60 Munxar*
*Sannat — Gozo*
*4/2/'41*

*Sant,*

*Qrajt il-kitba tiegħek. Tajba ħafna.*

*Hares, ikteb lil: Commissioner for Gozo — Victoria, Gozo, fejn titolbu biex il-laqgħat letterarji tal-*Għaqda *jibdew jinstemgħu bir-Rediffusion fejn il-*Power House *ma taħdimx ħlief bil-lejl u bi nhar meta ssir talba.*

*Qaluli li l-aħħar qari fuq ir-Rediffusion mar tajjeb.*

*Jien aktarx niġi Malta fil-għodu l-Università nhar il-Hamis li ġej.*

*Ġ. Aquilina*

## (21)

P.P. SAYDON LIL K. SANT

*5 ta' Frar 1941*
*49 Curchill Sq.*
*Żurrieq.*

*Sant*

*Nixtieq niġi nhar il-Hadd, u kont għamilt il-ħsieb li niġi u rabbejt il-ħila li noħroġ mid-dar. Imma wara l-ġrajja tal-bieraħ il-ftit tal-ħila li kelli marritli. L-aktar*

*li jbeżżgħuni mhux il-Belt, imma t-triq, u l-aktar mill-Imqabba sa Ħal Luqa. Bejn l-Imqabba u l-Qrendi l-bieraħ ġiet xi balla, u qabel kienet ġiet oħra. Jekk tkun fit-triq waqt raid bħal dak tiġġennen. Għalhekk naqta' qalbi li niġi.*

*Ġimgħa oħra sa nibdew l-iskola għas-Senior Courses. It-Teoloġija ħadnieha l-Ħamrun. Ma nafx kif sa nagħmel. L-għefieret ta' Hitler mhux ta' min jittarraf magħhom.*

*Saħħa*
*P. P. Saydon*

## (22)

### K. VASSALLO LIL K. SANT

*Musarum Aedes,*
*Siġġiewi,*
*10. 2. 41.*

*Għażiż Sur K. Sant,*

*Niżżik ħajr talli nhar il-Ħadd li għadda, 9 ta' dan, għoġobkom taqraw żewġ poeżijiet minn tiegħi. Isgħobbija ħafna meta jien bqajt b'xiber imnieħer, billi malli bdiet tinqara "Leħen il-Malti" tiegħi, ir-Rediffusion qaleb għall-Aħbarijiet tal-B.B.C. u ma nstema' xejn iżjed mill-Programm Letterarju tagħkom.*

*Nhar il-Ħadd li ġej, jekk ma jwaqqfuniex f'nofs triq l-*air raids, *jien niġi naqraha l-poeżija "Ħbiebi".*

*Fuq id-dramm li semmejtli jisgħobbija ngħarrfek li la għandi żmien w anqas moħħ nagħmlu — għallinqas għalissa. Mit-traġedja li kont qed inħażżeż kelli nieqaf ukoll.*

*Bit-tislijiet u l-ħajr*
*ta' Karmenu Vassallo*

## (23)

### Ġ. AQUILINA LIL K. SANT

*Munxar — Għawdex*
*25/2/41*

*Habib,*

*Dan hu l-kliem tat-telegramm; magħhom 5s. Jekk mhux biżżejjed għarrafni.*
*Suggest readings from* Ward *Qari Malti Saydon Aquilina obtainable School Oriental Studies London University.*
*erbatax-il kelma bit-3½d għandhom iservu.*

*Aquilina*

*P.S. Dwar il-programm li se jinqara nhar il-Ħadd li ġej għidu lil Major Ellis biex jinstema' Malta wkoll.*

*J.A.*

## (24)

### P. TABONE LIL K. SANT

*Sant'Antnin*
*Mġarr — Għawdex*
*25 ta' Marzu '41.*

*Sur Segretarju,*

*Jiddispjaċini ngħidlek li ma nħossnix imħajjar niġi Malta f'dawn il-jiem ta' "raids" qalila; inzertajt nibża'. Għalhekk nitlob biex dak l-artiklu jew jaqrah xi ħadd minkom jew jitħalla għal darb'oħra meta ż-żminijiet jitjiebu.*

*Inselli għalik u għoddni*
*Dejjem Ħabibek*
*P. Pawl Tabone o.f.m.*

## (25)

### DUN K. PSAILA LIL K. SANT

*264 High Street, Żebbuġ*
*L-Ewwel ta' April, 1941.*

*Għażiż Karmenu,*

*Waslitli l-kopja ta' "L-Jien u lilhinn minnu" kif fissirtu int u kif deher f'"Leħen il-Malti" 118-120 miġbur issa fi ktieb wieħed. Nizzik ħajr b'qalbi kollha, u nixtieqlek saħħa u għomor twil imżejnin it-tnejn bl-mħabba t'Alla u bil-għajnuna tiegħu, biex tkun tista' timxi 'l quddiem bil-ħeffa fit-triq li int għażilt f'ħajtek u tkun ta' fejda lil ħutek il-Maltin sewwa fit-tagħlim ta' Isienna u sewwa b'dawk il-prinċipji reliġjużi sodi li inti wrejt fit-tifsir tal-Poeżija tiegħi.*

*Mill-ġdid nixtieqlek kull ġid u nagħtik il-barka tiegħi.*

*Dun Karm*

## (26)

### K. VASSALLO LIL K. SANT

*Malta, 5 ta' April 1941.*
*Musarum Aedes*
*Siġġiewi*

*Għażiż ħabibi Sant,*

*Il-ktejjeb li għoġbok tibgħatli wasalli, u jiena lqajtu bil-ferħa kollha.*

*Domt ftit ma weġibtek; domt daqsxejn ma bgħatt niżżikħajr għall-ewwel ġawhra letterarja tiegħek: u ta' dan it-tnikkir nitolbok tagħdirni u taħfirli. Ma ktibtlekx fuqu qabel għax deherli li aħjar noqgħod naqrah, niflih u nixtarru bil-għaqal u s-sabar kollu: mhux ktejjeb li fuqu jista' jew għandu wieħed jikteb qabel ma jkun qrah u għarblu sewwa.*

*Issa l-ktejjeb tiegħek qrajtu u jidhirli li flejtu kif kien imissni. Fih biċċa studju bl-għaqal! Għandek fih biċċa* analisi *kritiko-letterarja li, fil-fehma tiegħi, tagħmel l-akbar ġieħ lil veru student universitarju Malti! L-istudju komparativ li int irnex-*

*xielek tagħmel bejn il-ħsieb tal-poeta-awtur ta' "I Sepolcri" u l-ħsieb tal-poeta-awtur tal-"Jien u Lilhinn Minnu" fih biċċa xogħol ta' wieħed mgħallem: kollox imqassam u minsuġ bis-sengħa; kollox għandek marbut ħaġa ma' l-oħra b'reqqa kbira; kollox għandek mibni u msejjes tajjeb u bil-għaqal. Fil-ktejjeb sabiħ tiegħek il-morali u d-dommatka nisranija jinsabu id f'id u annuna mal-filosofija u .... li wieħed għandu jisthajjilhom u jqishom .... aħwa tewmin. Haġ'oħra li lili laqtitni u għoġbitni sħiħ fil-ktejjeb tiegħek huma l-ħafna "quotation" u "references" li għandek ta' poeti, kitteba u filosfi kbar barranin. Imma, ngħid u nistaqsi jiena, ma kinetx tkun ħaġa xierka u aktar siewja għal dik li hija Letteratura Nazzjonali tagħna kieku inti, flimkien mas-siltiet xebbieħa jew qabbiela li int għażilt minn kitbiet ta' awturi barranin, daħħalt ukoll xi siltiet ta' kitba oħra Maltija li, 'l hawn u 'l hinn, għandhom x'jaqsmu mas-suġġett li fuqu inti tħadditt u ktibt b'daqshekk ħila u sengħa?!? Fil-ktejjeb tiegħek, mill-bidu sat-tmiem, l-ebda isem ieħor Malti ħlief dak ta' Dun Karm ma jissemma: Dun Karm tiela' u Dun Karm nieżel! Nistħajjlek tistaqsini: "U jiena mhux fuq Dun Karm u l-poema tiegħu "L-Jien u Lilhinn Minnu" ktibt? Tajjeb wisq: għandek mitt elf raġun: u jien miniex inlumek u anqas ma nista' nlumek fuq hekk. Biss jidhirli li la darba ħsilt qbadt il-pinna biex nibgħatlek l-fehma kritiko-letterarja tiegħi dwar xogħlok, għandi l-jedd nurik dak kollu li nħoss f'qalbi u nifhem b'moħħi dwar dan: fi kliem ieħor, jidhirli li jekk għal dak li għoġobni u saħħarni fil-ktejjeb tiegħek kelli nfaħħrek — kif tabilħaqq għamilt — hekk ukoll għal dak li jien deherli li int stajt tagħmel u ma għamiltux għandi nnebbħek bih: mhux għax dan hu xi difett jew nuqqas, le; imma għax jien jidhirli u nħoss u nifhem li dil-ħaġa kienet tissokta, tkabbar, tgħolli u ssebbaħ xogħlok.*

*Nerġa' niżżikħajr, nifraħlek minn qiegħ qalbi u nixtieqlek "Ad Altiora!"*

*Tiegħek Dejjem,*
*K. Vassallo*

## (27)

A. CALLEJA LIL K. SANT

*18, Xuxa St.*
*Kerċem, Gozo.*
*July 1st. 1941.*

*Għażiż ħabib,*

*Qed nibgħatlek l-iskritti tal-Latin; grazzi ħafna. Il-provi tal-Leħen kont tajthom lil-prof. Aquilina imma billi dan l-aħħar kont imħabbat bi sħiħ ma nafx jekk għadhomx għandu jew jekk ħadhom Malta meta ġie dan l-aħħar. Il-lejla nistaqsih; jekk għadhom għandu nibgħathomlok mill-aktar fis. Kellimtu fuq dik il-biċċa ta' Ġorġ Chetcuti u qalli li bagħtlu ittra fuq għira u mhux għira etc. Karm, il-prof. qalli li dak m'għandu l-ebda dritt li jaqra jew li jinqraw bċejjeċ minn tiegħu fuq ir-Rediffusion. Qalli wkoll biex ma nġibulux kullma jrid fil-Leħen.*

*Karm, dawn l-aħħar erbgħat' ijiem kont imħabbat wisq għax ir-rettur (ċ) fettillu li ma jħallinhiex ngħamlu eżami. Nhar il-ġimgħa ġejt u għajjartu kif ġie ġie: ħabat kien sa jeħla, imma mbagħad sħabi l-oħra għamlu petizzjoni lil-Gvernatur u billi dan ma laqax it-talba tagħna, allura lanqas ħalla lili ngħamlu. Paċenzja trid*

*ma bdabat bħal-dawn, Karm. 'His Excellency is not prepared to intervene'. Għalleva kien raġel! Insomma Karm, xi trid tagħmel: Viva San Filep la ....*
*Filwaqt li nixtieqlek eżami tajjeb, u inselli għalik,*

*Dejjem Tiegħek,*
*Anton Calleja*

## (28)
## A. CALLEJA LIL K. SANT

*18. Xuxa St.,*
*Kerċem, Gozo.*
*10th July, 1941.*

*Għażiż Habib,*

*Il-bieraħ kont Malta u qabel tlaqt lhawn deherli li lmaħtek dieħel il-Belt. Xtaqt inkellmek imma il-ħin kien għamel ħafna u assolutament ma stajtx. Insomma, Karm kif aħna sejrin ma l-eżamijiet? Inti dalwaqt teħles u tistrieħ, jiena grazie għal magnifico Rettore se jkolli noqgħod nitħabat fis-sajf ukoll. Qabel kont kollni ħrara għax-xogħol u ma kontx qtajt qalbi li rrid inlaħħaq għal żewġ eżamijiet: issa marritli kull ħeġġa u flok żewġ eżamijiet ma jien sa nagħmel xejn: dal tutto al nulla. Bħal issa qed ngħaddija naqra l-kotba tal-Papini, meta jkollok żmien aqra minn tiegħu, Karm; bħalissa għalija Alla ħares ma kienux il-Papini u l-baħar.*

*Naħseb li lil Profs. Aquilina kellimtu int, Karm, fuq Leħen il-Malti. Lili qalli li ma riedx joħorġu qabel ir-risultati tal-Matric. għalavolja għedtlu li dan in-numru kien ta' Mejju-Ġunju u li messu ħareġ xi xahar ilu.*

*Marcel qed itiha għall-filosofija: Papini, San Tumas, Allers etc. etc. Dawn ilbolli li ssib hawn ġew qed jibagħthomlok hu biex tibgħatlu l-Broad View ta' Serre. Karm, tista' terħi ftit żmien ieħor biex imbagħad tibagħtli l-karti tal-eżamijiet ukoll, jew aħjar imħabba Marcel għax forsi jridu f'idejh ibgħatli l-karti tal-Ingliż biss.*

*U fuq kollox forsi sa Settembru inkun bl-azzarin biex iktar taqgħad l-affari. Hemm bilħaqq jien smajt li f'dawn l-aħħar manuvri li saru Malta intom sirtu Ġermaniżi, prosit Karm: għara ma tmurx timlili xi karta heil heil taf. Fuq il-gwerra aħjar li ma ngħidu xejn: ma nafx kif sa tispiċċa u lanqas kif sa nispiċċaw aħna. Issena l-oħra bħal-lum il-gwerra kienet għadha bħal ħaġa ġdida, niftakar dawk l-ittri li kont tiktibli mimlijin ħeġġa u ħajja: illum il-gwerra għalija saret bħal ħaġa ta' ġenn, tilfet il-glamour kollu u minn ġod-demm donni qtajt qalbi li noħorġu msoffijien. Naħseb li dil-gwerra sa tgħaddi minn fuqna hekk, li sa naraw l-ikrah u sa nġarrbu it-tbatijiet kollha tagħha mingħajr ma nieħdu xejn mit-tajjeb. Għaliex għad li nitħaddtu kemm nitħaddtu bil-Patrijottismu etc. etc. jiena nħoss li din il-gwerra mhix il-gwerra tagħna: qedin niġġielduha għax bil-fors. U xħin noqogħod naħseb ftit inħoss li s-soluzzjoni tagħna hi li ningħaqdu mad-dinja Latina, li nidħlu f'heritage ta' koltura kbira; jista' jkun li għal xi żmien inbagħtu imma dik tgħaddi u maż-żmien inkunu aħjar. Karm, dawn kollha ħsiebijiet li jgewgu ġewwa moħħi hekk: mill-banda l-oħra xħin naqra l-Chesterton jew nisma' xi ħaġa minn Cardinal Hinsley jarġa kollox jitqalleb u noħss li qabel jinqered Hitler u l-faxxismu fid-dinja ma jistax ikun hawn Paċi.*

*Inselli għalik fil-waqt li nixtieqlek eżami tajjeb.*

*Dejjem Tiegħek,*
*A. Calleja*

## (29)
A. ATTARD LIL K. SANT

*16, Trieq il-Wied,*
*B'Kara.*
*28.7.41.*

*Għażiż Karmenu,*

*Kif ġa għarraftek, jiena kelli nibgħatlek xi xogħolijiet ta' kitba, li jiena ġa qrajt xi waħda mill-laqat tagħna fil-Union.*

*Għalhekk jiena sejjer nibagħtlek l-apprezzament tal-"Qawwa ta' l-imħabba" u l-istudju fuq żewġ poeżiji "Biki ta' Omm" u "Affetti di una madre". Jiena inħalli f'idejk dwar l-għażla ta' wieħed minn dawn ix-xogħolijiet.*

*Nhar il-Ġimgħa (1/8/41) aħna għandna niltaqgħu l-Union għax sejrin nagħmlu l-għażla ta' xena minn "Razju Vidal" fl-imkien mas-Sur Saraċin.*

*Ix-xandir il-bieraħ mar tajjeb ħafna. Naħseb li smajtu int u għalhekk tista' tgħid inti kif morna.*

*Nitolbok tgħarrafni dwar l-għażla tal-kotba. Ngħarfek ukoll li għandi xi xogħol ieħor f'idejja. Kif inlestih jien nibagħtulek.*

*Inselli għalik ħafna.*

*A. Attard*

## (30)
A. BUTTIĠIEĠ LIL K. SANT

*18. viii. 41*
*266 Triq San Gejtanu*
*Ħamrun.*

*Karm,*

*Jumejn qabel Santa Marija ltqajt mal-Prof. Aquilina u ħajjarni biex nistampa l-poeżiji tiegħi, u qalli li l-Għaqda tistampahom. Jiena tħajjart, u għamilt tlitt ijiem naħdem bla nifs, nikkopja, nraqqa', nsewwi u nagħmel mill-ġdid. Għandi issa għalhekk sittin (60) poeżija lesti għat-titbigħ.*

*Il-Prof. Aquilina qalli biex nibgħathom lilek: kif niftehmu li nibgħathomlok jew fejn inħallihomlok?*

*Inselli ħafna għalik u għall-familja tiegħek u nitolbok tgħoddni*

*dejjem tiegħek*
*Anton Buttigieg*

## (31)
H.P. COPPERSTONE LIL K. SANT

*21 St. Dominic Sq.*
*Rabat*
*22nd August, 41.*

*Għażiż ħabib*

*Jisgħobbija ħafna li ma ktibtx, għax taf int li fil-15 ta' Settembru għandi kollox x'nagħmel. Dwar il-"Fdiwa" nixtieq ngħidlek li ħsibt fiha sewwa u qassamt dawn*

*il-karattri mill-aħjar li stajt. Il-parti ta' PIETRU dejjem kienet għalija u Boffa jaf biżżejjed li kont sejjer nagħmilha jien, mela għidlu jaħseb għal parti oħra, naħseb li 'Don Carlos' tajjeb ħafna għalih. Dwar din il-biċċa irrid inkellmek rasi u rasek ....*

*Miss T. Manara, ħabiba tiegħi, ħadet ħafna paċenzja biha biex ngħallimha l-"Razju Vidal", issa tajba ħafna u bi ħsiebha tiġi għal-'Fidwa', għalhekk bħala l-ewwel tfajla li ħadmet magħna tajta l-parti ewlenija. Halli f'idejja u nagħllimha l-parti tagħha sewwa. Kopja tal-'Fidwa' għandi waħda. Illum irċevejt ittra minn għand il-Kors Akkademiku tal-Liġi. Dina l-ittra hi kopja ta' 'Petition' li bagħtu lill-'General Council', biex il-lectures fil-kors tal-Liġi jiġu mogħtija bil-Malti u mhux bl-Ingliż. Għalhekk nixtieq ħafna li narak u nkellmek sewwa. Karm, ħu paċenzja asal wasla sar-Rediffusion nhar il-Hadd (Razju Vidal). (24th August).*

*dejjem tiegħek*
*Henry P. Copperstone*

## (32)
## H.P. COPPERSTONE LIL K. SANT

*21 St. Dominic Sq.*
*Rabat.*
*25/8/41*

*Għażiż ħabib,*

*Illum qbadt naqra dik il-karta li tajtni il-bieraħ u sibt li kienet ittra li bagħat lilek Anton Agius. Wieħed mill-punti li kien hemm kien hekk:-*

*"Jekk inti ma tistax tieħu l-kariga ta' segretarju jien irrid noħodha biss nibqa kaxxier u wara l-eżamijiet Copperstone ma jerġax isir segretarju." ....*

*Karm, b'dan il-kliem jien ikkonfermajt dak il-ħafna kliem li għadda minn widnejja. Naf biżżejjed illi kemm* Int, *kemm* Boffa *u kemm* Agius *m'intomx tieħdu gost illi jien qiegħed segretarju. Naf biżżejjed kemm għadda kliem bejnek u bejn Boffa, illi jien* fanfarun *u nħobb nuri ruħi. Jekk jien qiegħed segretarju, qiegħed għax kelli voti biżżejjed fl-elezzjoni. Bil-Malti kapaċi nikteb daqs min jippretendiha u ma niktibx għax ma għandix ħin u mhux għax ma għandix il-ħila bħal Boffa. Jien bi ħsiebni nieħu passi serji fuq din il-biċċa. La Agius bagħatlek dik l-ittra sinjal li semmejtlu xi ħaġa qabel int u jekk taf il-liġijiet ta' Kumitat, taf ukoll illi dan huwa insult personali. Jien ma rridx nirriżenja biex ma jieħdux gost iżda bi ħsiebni nagħmel ħwejjeġ illi l-kumitat ikeċċi lill min għandu jkeċċi.*

*Segretarju*
*Henry P. Copperstone*

## (33)
## K. VASSALLO LIL K. SANT

*Musarum Aedes,*
*Siġġiewi,*
*10.2.41.*

*Għażiż Sur K. Sant,*

*Nifżik ħajr talli nhar il-Hadd li għadda, 9 ta' dan, għoġobkom taqraw żewġ poeiżjiet minn tiegħi. Isgħobbija ħafna meta jien bqajt b'xiber imnieħer, billi malli*

*bdiet tinqara "Leħen il-Malti" tiegħi, ir-Rediffusion qaleb għall-Aħbarijiet tal-B.B.C. u ma nstema' xejn iżjed mill-Programm Letterarju tagħkom.*

*Nhar il-Ħadd li ġej, jekk ma jwaqqfunix f'nofs triq l-air raids, jien niġi naqraha l-poeżija "Ħbiebi".*

*Fuq id-dramm li semmejtli jisgħobbija ngħarrfek li la għandi żmien w anqas moħħ nagħmlu — għallinqas għalissa. Mit-traġedja li kont qed inħażżeż kelli nieqaf ukoll.*

*Bit-tislijiet u l-ħajr*
*ta' Karmenu Vassallo*

## (34)

R. CIRILLO LIL K. SANT

*15, Church Sq.*
*Sannat,*
*Gozo.*
*26th Aug. 1941*

*Dear Karmenu,*

*You know perhaps that all the deities have forced me to sit for the September Session.*

*Well I am in a death and life struggle with time and I don't hope to issue any special communiquè announcing some great victory of mine for many days to come. I still have a good part of the syllabus to study.*

*Some weeks ago Prof. Aquilina told me that he had given you something about his lectures on the Maltese Language delivered at the British Council and he told me to do my best to get them. So I decided to write to you. Would you kindly help me in that direction. You are perhaps smiling just now, remarking: "The fellow has remembered me in* his *hour of need".*

*Well, dear Sant, you don't know perhaps that I had news about you regularly from Prof. Aquilina and from our comrades. If I did not write you, it was just due to procrastination, one of the most tragical and humorous vices that I carry with my sinful nature. This is not an apology, you know; it is barely an explanation.*

*I hope that you are enjoying the best of health especially now that you have returned to your deserted village!*

*Millions of good wishes!*

*Yours v. sincerely*
*Renato Cirillo*

## (35)

H.P. COPPERSTONE LIL K. SANT

*21 St. Dominic Square*
*Rabat*
*27th Aug. 1941*

*Għażiż ħabib,*

*Jien lill-Attard ma għidtlux li mhux ser nibqa' segretarju, biss għidtlu li mħabba li għandi nagħmel kollox għal grad kont bi ħsiebni nħalli kollox f'idejk għal dan ix-xahar biss.*

*Dwar l-biċċa ta' Boffa-Caruana, malli għidt il-Profs. fuqha qabel miegħi għal kollox. Billi għidtlek illi l-għaqda mhix sejra tlaqqa .... mhix ħaġa li titlob soddisfazzjon. Is-soddisfazzjon għandi nitolbu jien ta' ħafna kliem li għadda fuqi bejn il-membri tal-Kumitat.*

*Boffa kitibli u qalli li l-biċċa tar-Rediffusion tajtuhomlu f'idejh u jieħu ħsiebhom hu. Jaqaw m'inhiex nissodisfakom fil-ħidma tiegħi? Jien jidhirli li qed nagħmel biżżejjed bħala Segretarju u l-biċċa tax-xandir għandha tkun fil-gazzetti u mhux qatt ma kiteb kelma fuq il-gazzetti. Qalli wkoll li bi ħsiebkhom issejjħu kumitat nhar is-Sibt fl-4.00. Naħseb illi aħjar inħalluh għal issa mħabba l-eżamijiet. Wara l-eżamijiet niltaqgħu malajr.*

*Fakkar il-Profs. fil-protesta tal-Gvernatur, u dwar il-'Fidwa' la jien bi ħsiebni nieħu x-xogħol f'idejja u l-anqas ma jien bi ħsiebni nieħu parti. Naħsel idejja wkoll.*

*dejjem tiegħek*
*Henry P. Copperstone*

## (36)
### A. ATTARD LIL K. SANT

*16, Trieq il-Wied,*
*Birkirkara.*
*29 - 8 - 41*

*Għażiż Karmenu,*

*Billi nhar is-Sibt aħna sejrin niltaqgħu biex nagħmlu l-ewwel prova ta' att mill-"Fidwa tal-bdiewa" u aktarx ikun hemm għadd kbir mill-membri tal-Kumitat, jien u Toni Agius xtaqna nagħmlu laqgħa ta' malajr biex niddiskutu xi affarijiet pendenti u xi affarjiet dwar t-tmienja ta' Settembru. Bit-tama li nhar is-Sibt, għada, ma tonqosx. Fis-2.30 il-Union il-Belt.*

*Insellilek dejjem*
*A. Attard*

## (37)
### A. CALLEJA LIL K. SANT

*Co/St. Paul's Church*
*Rabat*
*21 - 9 - 41*

*Għażiż Habib,*

*Micallef Joe qalli li l-prof. tat-Taljan kien tagħkom xi noti fuq Dante etc, u li fl-eżami aktarx isaqsi minnhom. Micallef ma setax itihomli għax qegħdin tas-Sliema; tlabthom lil Busuttil u lill-Mallia u qalul li ma sabuhomx. Għamilli pjaċir ara ssibhomlix jew tiddobahomx u ibagħthomli fl-indirizz ta' hawn fuq mill-aktar fis.*

*Dejjem tiegħek,*
*Anton Calleja*

## (38)

### Ġ. AQUILINA LIL K. SANT

27/11/1941

*Ħabib Sant,*

*Ħadt l-ittra tiegħek tal-24 ta' dan. L-aħbar li int issa jkollok tħalli t-tmexxija ta' Leħen il-Malti, li naf li hi għal qalbek, biex tidħol is-Seminarju fejn Alla sejjaħlek, kienet għalija aħbar daqsxejn iebsa. Ix-xogħol li int għamilt kien kbir. Tista' tgħid li int lili neħħejtli nofs, jekk mhux iżjed, mit-tagħbija ta' l-Għaqda tal-Malti (Università). Ħdimt tajjeb, sħiħ, mingħajr pretensjonijiet, għall-prinċipji. Niżżik ħajr ħafna. Jalla xi ħadd ieħor jidħol flokok fit-tmexxija tal-*Leħen *u l-*Għaqda *li jkollu l-ħeġġa tiegħek, il-ħila ta' l-organizzazzjoni u l-onestà tal-prinċipji. Jien inħoss li mhux jien biss imma sħabek ukoll, mhux inqas minni jgħożżu l-ħidma tiegħek. Mexxejt, u ktibt f'*Leħen il-Malti *u ma' sħabek ħadt l-eqqel sehem fit-tixrid tal-Malti minn fuq ir-Rediffusion, ukoll fi żmenijiet ta'* blitz *Ġermaniż.*

*Ħdimt tajjeb, ta' Malti. Kont aktar minn student. Kont raġel! Alla miegħek! Issa ma baqagħlix x'ingħidlek ħlief niżżikħajr mill-ġdid u nixtieqlek karriera sabiħa għall-ġid tal-Knisja f'Malta u ta' Art twelidek.*

*Ġ. Aquilina*

## (39)

### Ġ. AQUILINA LIL K. SANT

14/4/1942

*Ħabib Sant,*

*Nifraħlek minn qalbi li l-ebda ħsara ma ġiet lilek jew lil niesek. Id-dar tagħkom marret. Hemm Alla; jaħseb hu għal li ġej. Qatt daqs illum fil-ħajja il-Art tagħna mbiċċra hekk bl-ikrah ma kienet f'waqtha l-fidi wil-qawwa ta' Ġobb; dan għalkemm minn għani kbir safa fqir imċerċer kien jitfarraġ jgħid "Alla ta u Alla ħa, tkun magħmula r-rieda tiegħu."*

*Qrajt l-ittra tiegħek fit-*Times of Malta*. Ktibt sewwa u qawwi; ħadt pjaċir biha. Hekk għallinqas Malta qiegħed ikollha żgħażagħ li jaħsbu b'moħħhom u bil-prinċipji. Tajjeb. Ieqaf għas-sewwa u Alla jieqaf miegħek. Wara dil-gwerra Artna jkollha bżonn min imexxiha għall-ħajja ogħla mtellgħa mill-ġdid fuq ir-radam wil-ħerba li l-għadu ħalla f'pajjiżna. Il-passjonijiet jitħeġġu; il-mibegħda tagħhom wit-taħwid ikunu l-egħdewwa ġodda tagħna. Indawwruhom b'sens qawwi ta' ħila nisranija w ġieħ ċiviku u Malta tibqa' tikber u tistagħna sa ġol fdal wit-tifrik ta' l-istraġi tagħha. L-Unur Nazzjonali jisbaħ meta jkollna min iħabrek għalih.*

*Nhar il-Ġimgħa naħseb li naqbeż sa l-Università. Inselli għalik u għal niesek*

*Ġużè Aquilina*

P.S. *Dwar l-Università m'għandi l-ebda tagħrif uffiċjali. Kull ma naf hu li l-Aula Magna, u xi klassijiet iġġarrfu, li l-lectures kienu mwaqqfa għal xi ġranet sa nhar it-Tnejn li għadda. Jien ilni nieqes minn Malta dan iż-żmien kollu. Il-Ġermaniżi sikwit jimmaxinganjaw il-vapur wid-dgħajjes.*

## (40)

A. CALLEJA LIL K. SANT

*5 - viii - 42*

*Dear Sant,*

*Prof. Aquilina told me you had written to him for Scientia. I had spoken to him about it many times but you know the man, I went for it myself yesterday and here it is.*

*I wonder how life is with you these days: we have not met and we have not talked for a long time now. I am coming to Malta Monday next for the military so there is little hope of seeing you. Still it's only going to be a fortnight and after that we shall meet again. I hope you are enjoying your holidays: you ought to you know: they are well earned.*

*I cannot tell you what I have been reading, anything from Goethe to Sterne: everything, of course in disorder as usual.*

*There seem to be no heavy raids now: I hope we shall be free,, at least till winter comes. How I have come to hate this war — three years of it now and no sign of the end. Here I don't know how things are going with us: I even don't care very much to know. I hear Egypt may go: if Egypt goes, we shan't have a fine time of it here.*

*And still amid all this desolation and strife it is good to be alive — And I think there is still goodness & beauty in this world. I even believe that when this suicidal pact between the nations is over — when this nadir is left behind we may emerge better after all and Europe may once more become Christendom.*

*I do not know what is being done on the Catholic Social Guild at present. Has Armstrong left or is he still here? I no longer believe in his harking back to medievalism nor in his horror of the machine. I think that if there is ever to be any social progress at all we must not look on the machine as something to be suffered more than anything else: we should look upon it as an extension of man's personality — if anything showing not the Devil but the God in man. You perhaps remember the contrasts Armstrong used to draw between a medieval town with its cathedral & guild halls and a modern industrial town with it is factory in the centre. How we used to clatter away & pooh pooh. I have come to think that a town in the Middle Ages — the real one & not the one that exists only in the mind of Fascists & Catholics only — was as squalid as any modern town.*

*We have a Cathedral at Rabat (Gozo). I can imagine no duller town. Indeed I think that all this distrust against eigtheenth century liberalism and industrialism is nothing more than the cry of Catholics to hide the even more appalling middle ages: I think it is a shrinking of these people from meeting the challenge of this BRAVE NEW WORLD.*

*Prof. Aquilina in Gozo: working always as usual I have come to admire that man — I never did very much before now, you know: I think I never knew him well. He is here exercising his profession as lawyer, giving private lessons — writing lectures and poetry. He is getting an offprint from the journal — some 21 pages. There is in him a force and a will to work which one cannot help admiring. I don't know who was it that said that genius is an infinite capacity to take pains!*

*I have — or had — in embryo an idea which may perhaps strike you as worthy to be carried out. Let me first make a statement: I have come to disbelieve in this Maltese Movement: I think that too much has still to be done to graft it in the consciousness — literary & social — of our people. This may shock you but still I*

*have my reasons for it. Now I have an idea of issuing a magazine in English and call it MALTA which is to-day as dynamic a name, I think, as any other. The purpose of this magazine would be to make the people at home — At least the intellectual part of them & I think in matters like these it is only that part that matters — aware of the uniqueness in history and other things of their island home. Also to make them see the enormous responsibility which they owe to their fellow citizens. Such a magazine must be above all things* TRUE & SINCERE: *revolutionary (in a mild sense) with an eye to the future reshaping of Malta. It would treat of anything so long as it is connected with Malta: not least would it be interested, say, in Architecture: infusing in our people new ideas: making them see that it is they who are responsible for their future Malta. How I hate this our eternal shifting of our duties on England. With us its always Britain is to see to this & that. The Imperial Govt. is to blame or it: do we think that others will work for us if we sleep! I believe that we have rights but I also firmly believe that we have the correspondent duties. The second purpose of this magazine would be to make people abroad especially throughout the Empire know something about Malta. We have got to keep their memory of us fresh now and* after *the war that as they have been with us in our* glorious *sufferings so will they be in the time of our resurrection. We do not want to remain dead — Malta must not remain simply the most heavily bombed place in the World. Such a magazine would be issued, say, quarterly with as attractive a cover as possible. One could contact Sultana in England, the Maltese Societies of Egypt & USA & Australia. I think it would be an idea: but I fear I lack the energy to carry it out. Still it's a beautiful dream!*

*Well I think I have written enough to bore anybody now — if you wish to write to me address your letters to 50, St. Ursola St. Valletta.*

*With all the best wishes for you,*

*from,*
*Anton Calleja*

---

**BAQA' XI KOPJI TA':**

# Leħen il-Malti

Għadd 272/286 (1953-55); 287/289 (1956-58); Għadd 1 (1960), 2 (1960), 3 (1961), 7 (1964), 8 (1965), 9 (1965), 10 (1966), 11 (1966), 13 (1968), 16 (1971), 17 (1972), 18 — Ħarġa Speċjali f'Ġieħ Ninu Cremona (1973), 19 (1973), 20 (1976).

**Min jixtieq jakwista kopja**
**Jibgħat id-Dettalji u 20 ċenteżmu lis-**
**SEGRETARJA,**
**ID-DIPARTIMENT TAL-MALTI**
**L-UNIVERSITA', TAL-QROQQ.**

# ĠUŻÈ AQUILINA – KIF NAFU JIEN

OLIVER FRIGGIERI

Lil Ġużè Aquilina sirt nafu għall-ewwel darba mill-kotba. Kont ili li bdejt niddedika ruħi għall-qari u għat-tgħarbil tal-kotba Maltin sa mill-aħħar snin tal-ħamsinijiet meta la kienet moda li tħobb il-Malti, kif għadna ngħidu, u wisq anqas li tistudjah bir-reqqa u tidher fil-pubbliku b'kotba Maltin f'idek. Kien għadu ż-żmien li tistenna lil xi għalliem ta' l-iskola stess jitfa' xi kumment negattiv dwar il-Malti. Mhux darba u tnejn ġrali hekk jien ukoll; sibt ruħi fi klassi fejn l-għalliem deherlu li għandu jirrimarka b'mod ta' disprezz dwar il-Malti, u niftakar bi pjaċir li kemm-il darba kien hemm bżonn dendilt kusi ma' min inzerta. Sħabi kellhom sentimenti mħallta dwar il-lingwa, u kull min kien jidher dedikat, kif ma kienx suppost f'sistema edukattiva li kienet (jew għadha?) tagħti xi sagħtejn biss fil-ġimgħa lit-tagħlim tal-Malti, kien jitqies bħala l-iffissat, il-fanatiku.

Aquilina kien, fi ħsiebi, il-persunaġġ li jagħti tifsira lil dan il-kumpless u li juri li kien kumpless ta' marda nazzjonali. *Il-polz ta' Malta* offrieli l-argumenti kollha li ridt, u mbagħad tani s-setgħa nsawwar il-ħsus personali u nużahom skond kif kienet titlob l-okkażjoni. L-eżempju ta' Aquilina "ġellied" tal-Malti — u l-ġlieda niftakarha anki fi żmieni, u anki iżjed tard, meta jien ukoll sfajt għalliem tal-Malti fi skola sekondarja — laħaq tlaħħam miegħi u kien jonqos li nibda nara xi jsarraf. Minn Aquilina bdejt biex tgħallimt li m'għandix niskot meta jmissni nitkellem, m'għandix nibża' anki quddiem l-awtorità, tkun min tkun, jekk nemmen u naf inseddaq twemmini. U il-qawwa tal-mod kif kiteb id-difiża tal-Malti għallimni kif nikteb tiegħi, kif neħodha anki kontra xi Direttur ta' l-Edukazzjoni u xi kap ta' xi skola li ħaslu jaħsbu li l-Malti hu l-laqxa ta' l-imramma, il-kennies tat-triq tas-sinjuri, il-motto tal-medjokrità.

L-ewwel darba li ġejt wiċċ imb'wiċċ miegħu kien meta, tifel ta' xi erbatax-il sena, ngħażilt biex naqra xi versi tiegħi minn fuq ir-*Rediffusion* fil-programm tiegħu *Ġabra Letterarja*. Niftakarni sejjer, tard fil-għaxija lejn Gwardamanga bl-iskritt f'idi u niftakar li Aquilina dam xi ħin ikellimni u jagħmilli l-qalb biex nissokta nikteb bil-Malti. Dak iż-żmien, għad li mhux imbiegħed wisq, il-ħajra li tiddedika ruħek għall-kitba tal-Malti kienet għamlet ħabta ma tidhirx fost iż-żgħażagħ. Il-kittieba preżenti kienu kibru fiż-żmien u l-mixtla l-ġdida ma bdietx tidher wisq. Din l-aridità tista' tidher jekk wieħed mhux biss igħarbel kemm u liema kotba ħarġu bejn il-ħamsinijiet u l-ewwel nofs tas-snin sittin, iżda wkoll jekk iqalleb il-paġni tal-ġurnali. Kien wasal iż-żmien li jiġu l-irjieħ tal-bidla; dawn ġew fl-aħħar tlitt, erba' snin tas-sittinijiet, iżda kien għad fadal li jqum moviment magħqud li jxettel kuxjenza ġdida ta' interess fost iż-żgħażagħ u ta' tiġdid formali u tematiku fost il-ftit li riedu jieħdu l-letteratura bis-serjetà.

Il-*Ġabra Letterarja* kienet tinstema' darba fil-ġimgħa tard fil-għaxija, daqqa t-Tlieta u daqqa l-Erbgħa. Kont nissammar mar-*Rediffusion* u nsegwi. Minn dak in-nhar li ltqajt ma' Aquilina fi Gwardamanġa bqajt nagħarfu bħala xi ħadd li għamilli l-qalb biex inkompli, u bħala l-persuna li kont diġà' sirt naf mill-kotba.

Meta dħalt l-Università fl-1964 sirt nafu iżjed mill-qrib. Niftakru jippassiġġa minn naħa għal oħra tas-sala, ftit nervuż, ibiddel in-nuċċali ma nafx għalfejn, ibiddel leħnu skond l-argument u jagħtik impressjoni li qatt ma titbiddel: ta' bniedem għajjien li moħħu hu fl-istudju, kważi jitfixkel l-ismijiet u l-persuni u l-irqaqat kollha


OF

iżda jiftakar dak li jrid igħid. L-għeja tiegħu ma kinitx l-aljenazzjoni ta' kulħadd, iżda tal-moħħ għarriexi li jkun ġie quddiemek minn fuq ix-xogħol, u l-istess dehra tkun biżżejjed, aktar minn dak li jgħid, biex iġġiegħlek tifhem mhux biss kemm l-istudju hu xogħol iebes, iżjed iebes minn xi xogħol ieħor, iżda kemm hu għadma li titlob dgħif u saħħa minn min igerrimha.

Il-Malti fis-sistema edukattiva minn ċkuniti laqatni bħala xi ħaġa stramba. Li tkun għalliem jew professur ta' suġġetti oħra kont nifhimha, iżda tal-Malti? L-ambjent, anki fija li kont ili li bdejt nipprova nifhem il-problema ta' din il-lingwa, kien, u forsi għadu, setgħani wisq biex wieħed jirnexxilu jinża' għal kollox il-preġudizzju ta' ħaddieħor. Hu x'inhu, forsi hi d-dikotomija tal-bniedem il-qadim u l-bniedem il-ġdid f'taqbida ma' xulxin li jwasslu lil min jistaqsi: imma għaliex? U Aquilina kien sikwit jiftakar li fiż-żgħażagħ ta' madwaru kien hemm għalqa li għad trid tinħarat u tinħasad biex tagħti frott tajjeb jew ħażin. Flimkien mal-*lecture* kien idaħħal dejjem is-sens tal-valutazzjoni tal-lingwa ta' nazzjon, u jagħti ħjiel tal-preġudizzji li kienu jdawruna malli noħorġu 'l barra mill-awla.

L-impressjoni ta' inferjorità dwar il-Malti kont ili li ħadtha, b'diqa kbira, meta kont immur ngħaddi s-sigħat nifli l-kotba tat-taqsima tal-Malti fil-librerija ta' l-Università. Kienet għadha taqsima fqira ħafna, mimlija kotba qodma. Niftakar darba għidt lil Joe, il-kuġin tiegħi li kien miegħi fil-kors: Ara t-taqsima tal-Malti, ħlief kotba qodma ma fihiex! "Dawk għandhom valur storiku!" qalli u ħbatt naħseb li l-argument kien magħluq, iżda ma domtx ma ntbaħt li l-Malti kien għadu l-ispettru tal-kurituri fejn sħabi l-istudenti kienu jagħżlu li jitkellmu aktar bl-Ingliż tagħhom milli bil-Malti ta' kulħadd, u li l-għanqbut kien għadu jiżgħed f'kull kantuniera.

Matul is-snin tiegħi ta' l-istudji fl-Università u mbagħad fil-ħajja letterarja fil-pubbliku, il-ħajja laqqgħetni sikwit ma' Aquilina f'dibattiti fuq ix-Xandir, f'lokalitajiet kulturali u fi bnadi oħra. Dejjem bqajt nafu bħala l-bniedem li jkun ġie għall-appuntament wara ġurnata mimlija xogħol. U x-xogħol jidher anki fuq il-fiżiku tal-bniedem, anki fil-ħarsa għajjiena, fid-daqqa tar-ras li tkun waslet biex torqod.

Bħal oħrajn sibt f'Aquilina bniedem ta' inkuraġġiment u ta' tmexxija. Kemm-il darba urieni l-apprezzament għall-ħidma tal-Moviment Qawmien Letterarju, għall-pubblikazzjoni ta' *Il-polz*, fejn ġie li kiteb, u ta' *Sagħtar* li mill-1971 'l hawn nafu jsegwi l-progress tiegħu u juri pubblikament l-approvazzjoni u l-għoġba tiegħu għalih, ħjiel tas-sens ta' kontinwità storika li qatt ma ħeba.

Meta ngħażilt biex ingħallem il-Malti fl-Università, l-ewwel kelmtejn li qalli kienu l-istess kelmtejn li jissintetizzaw l-attività vasta tiegħu kollha: emmen fil-Malti billi tistudja kontinwament u billi tiġġieled għalih meta jeħtieġ. Jien nemmen, bħal Dun Karm u bħal Aquilina nnifsu, li l-aqwa rebħa tal-Malti (li għadha m'hix kompluta) tiġi l-ewwelnett billi wieħed jaħdem iebes u jipproduċi bil-ħila tiegħu kollha. Il-Malti kien u għadu jeħtieġ il-livell professjonali kull meta jrid jidher biex jikseb id-dinjità f'ambjent Malti li għadu ostili għal dak li hu Malti u tajjeb u ġeneruż għal dak li hu barrani mingħajr kundizzjoni u għal dak li hu Malti u ħażin. It-thedhida tal-medjokrità hi l-għadu l-kbir ta' l-iżvilupp lokali, u l-eżempju tal-konvinzjoni urieh Aquilina nnifsu bla ma waqaf jew għeja bis-saħħa tat-tiftix u tad-dedikazzjoni, bis-saħħa tat-twemmin fil-fakultajiet tal-lingwa bħala l-aqwa għodda, insuperabbli, għall-kultura ta' poplu li nzerta Malti.

Din l-impressjoni ħadtha aktar meta sirt nafu iżjed mill-qrib fil-ħajja tad-Dipartiment tal-Malti fl-Università. Kien u għadu jidħol għax-xogħol tat-tiftix minn madwar it-tmienja u nofs u joħroġ madwar il-ħamsa ta' filgħaxija. It-tiftix ma jsirx bil-fors fl-Università, iżda jekk fl-uffiċċju tiegħu għandu l-għodda li jeħtieġ, Aquilina jinstab f'kamartu, skrupluż għall-iqsar ħin li jista' jaħli.

Hemm ħwejjeġ oħra li nista' nsemmi iżda lkoll itennu l-istess verità ta' bniedem li ħabb il-Malti, identifikah ma' ħajtu u ddedika żmienu u saħħtu u dehnu kollha biex jarah jiżviluppa u jieħu identità rispettabbli. Din l-isfida tistieden lil kull min jixtieq li bħalu jagħti kontribut validu lil-lingwa u lil-letteratura, sehem mibni mhux fuq ir-rieda tajba jew fuq id-devozzjoni ammirevoli iżda ħawlija, iżda fuq il-viżjoni li dan il-patrimonju jissokta jinbena, jieħu statura u jinfetaħ kemm jista' biex ikun identifikabbli bil-ħeffa kollha ma' l-aħjar kisbiet tal-moħħ u ta' kull ħidma spiritwali ta' poplu.


GĦALL-AĦĦAR GĦAŻLA TA' KOTBA ĠODDA FOSTHOM IL "BESTSELLERS" KOLLHA.

GĦASLU WASLA S'GĦAND:

**SAPIENZA'S**

**26, TRIQ IR-REPUBBLLIKA,**
**VALLETTA.**
**Tel: 625621**

**UNIVERSITY BOOK SHOP**
**L-UNIVERSITA' TA' MALTA**
**MSIDA, Tel: 36451**

# ĠUŻÈ AQUILINA KIF NAFU JIEN

MARY ROSE GATT

Il-bniedem ma ssirx tafu f'daqqa. Irid igħaddi ż-żmien, u trid tkun tassew midħla tiegħu biex issir tafu sewwa.

Fost in-nies li jiena ltqajt magħhom s'issa, hemm ħafna li jiena ngħoddhom bħala ħbiebi. Fost dawn hemm il-Professur Ġużè Aquilina.

Kien fl-1960 li ltqajt mal-Professur Aquilina u bdejt inkun naf min kien tassew. Kont smajt bih kemm-il darba qabel, imma qatt ma kont kellimtu. L-aktar li kont narah kien jew f'xi purċissjoni ta' Kristu Re, jew f'xi okkażjoni ta' xi ċerimonja li kienet thejji l-Università.

F'dawn l-okkażjonijiet niftakru għaddej ma' sħabu l-professuri l-oħra ta' l-Università, liebes kollu aħmar, b'beritta tal-bellus sewda f'rasu, u kien jiġbed l-attenzjoni ta' kulħadd. Meta kont narah għaddej, min jaf kemm għidt bejni u bejn ruħi: "Mur kellmu 'l dan! Mur ejja taħt idejh dan!"

Hekk kienu l-ewwel impressjonijiet tiegħi fuq Aquilina. Għadda ż-żmien daqs disa' jew għaxar snin, u wasal Ottubru 1960. Għadni niftakar kien il-jum tal-ftuħ tal-kors ta' filgħaxija li kien beda għall-grad ta' B.A. (General). Jiena, flimkien ma' sħabi l-oħra tal-Kors, li għall-ewwel konna numru mhux ħażin, sibna ruħna fis-sala l-kbira Numru 8 ta' l-Università tal-Belt. Kulħadd kien qed jistenna bil-ħerqa ħalli jara x'kien sejjer jiġri. Kienu ġa saru s-sitta ta' filgħaxija imma ma domniex nistennew wisq għax, wara ftit, ġie l-persunaġġ li aħna konna qed nistennew.

Għadni niftakar, rajtu dieħel bi tbissima fuq wiċċu, b'xeħta ta' bniedem għajjien wara ġurnata xogħol, igħodd b'għajnejh in-numru ta' studenti li kellu quddiemu fil-bankijiet f'forma ta' taraġ. Għall-ewwel jiena ma għaraftux. Kont għadni ma nafx eżatt min kien, imma meta staqsejt lil ta' ħdejja fuqu, sirt naf li kien il-Professur Ġużè Aquilina, li dak iż-żmien, kien ukoll id-Dekan tal-Fakultà ta' l-Arti fl-Università Rjali ta' Malta.

Dak il-ħin, qalbi għamlet tikk u jiena ħadt nifs qawwi 'l ġewwa, u għidt bejni u bejn ruħi: "Ajma ħej! ara fejn hu! Alla magħna, ħalli naraw x'ġej!"

Għal ftit minuti waqa' s-skiet fis-sala, u għall-ewwel darba, smajt lill-Professur Aquilina jkellem lill-ġemgħa ta' studenti li kellu quddiemu. Għall-kuntrarju ta' dak li jien kont ħsibt fuqu ftit minuti qabel, kliemu kien taz-zokkor. Hu tkellem magħna daqs kemm kieku kien ilu jafna s-snin. Qalilna li kien hu li rsista, flimkien mal-President tal-"Malta Union of Teachers", is-Sur Alfred Buhagiar, illum mejjet, biex isir dan il-kors ta' filgħaxija għall-għalliema.

Bi kliemu ġibidna lejh mill-ewwel u mliena bil-kuraġġ għax-xogħol u studju li aħna konna ser nidħlu għalih. Minn dak il-ħin, l-ideja tiegħi dwar il-Prof. Aquilina nbidlet. Sewwa jgħidu t-Taljani li "l'apparenza inganna". Jiena ma bqajtx nibża' minnu, kif biex ingħid hekk, kont nagħmel qabel. Hu kien wieħed mill-professuri li beda jgħallimni u kien hu, li ġagħalni tassew ninteressa ruħi fil-Malti u nħobb ilsien art twelidi fuq kull suġġett ieħor ta' studju.

Dik il-ħabta, jiena kont ngħallem l-ilsien Franċiż, li dak iż-żmien, ma kont nibdlu ma' xejn. Imma ma domtx wisq għax il-Malti beda jogħġobni. It-tagħlim siewi tal-Prof. Aquilina beda jħalli frott tajjeb fija.

Il-Prof. Aquilina kien iħobb jiċċajta magħna. Ma kien supperv xejn. Kien

igħinna f'kull ma kellna bżonn u jħeġġiġna fuq kollox għall-palk. L-ewwel ma għamel kien li ħeġġiġna biex nidħlu membri fl-Għaqda tal-Malti Università. Kien iġibilna d-drammi tiegħu stess biex intellgħuhom aħna stess fuq il-palk. Tista' tgħid li matul dan il-kors, id-drammi ta' att wieħed li nsibu fil-ktieb tiegħu (l-ewwel edizzjoni) *Fit-Teatru* kienu kollha ntwerew, bejn l-1960 u l-1964. Min jaf kemm-il darba organizzajna flimkien miegħu "Soirées Lyriques" fit-Tejatru tal-Università l-Belt.

Kien hu wkoll, li bħala Kap ta' Dipartiment, ried li aħna l-istudenti tal-Malti nibdew xogħol ta' tiftix, u li f'għeluq il-Kors, kull student jippreżenta studju qasir fuq xi suġġett li għandu x'jaqsam mal-Malti, eżempju — il-ġurnaliżmu Malti, it-tagħlim tal-Malti fl-Iskejjel, il-Kwistjoni tal-Lingwa u oħrajn. Għalkemm bejn l-1960-1964, il-kitba ta' teżijiet biex wieħed jikseb il-grad ta' B.A. (Hons.) kienet għadha ma saretx liġi fl-Università, wieħed jista' jgħid, li permezz tat-tiftix li kien ġagħalna nagħmlu l-Prof. Aquilina, hu kien ġa beda t-triq biex ix-xogħol ta' tiftix mill-istudenti jsir obbligatorju, kif fil-fatt insibuh illum saħansitra fl-istudju akkademiku għal grad ta' B.A. (Hons.)

Matul dan il-kors, jiena sibt lil-Prof. Aquilina mhux biss bħala għalliem tas-sengħa tiegħu professjonali, imma wkoll bħala missier. Burraxki koroh jiġu fuq kulħadd. Is-sena 1962, kienet sena ħażina kemm għalija kif ukoll għalih. Fis-sajf ta' l-istess sena, jiena sibt ruħi fl-isptar b'operazzjoni ta' Peritonite li kważi wasslitni fit-tmiem ta' ħajti, u hu sab ruħu ma jiflaħx ukoll, imfarrak taħt il-qilla tal-għeja.

Billi hu kien id-Dekan tal-Fakultà tal-Arti, jiena kont ktibtlu mill-isptar tal-Blue Sisters, biex ninfurmah b'dak li kien ġrali u b'hekk ikun jista' jaqbeż għalija ħalli ma nitlifx il-Kors. Jiena ma kontx naf li hu kien jinsab ma jiflaħx ukoll. B'qalb kbira u sinċiera l-Professur Aquilina kitibli ittra ta' faraġ liema bħalu li nista' ngħid, lili għamlitli ħafna ġid. Qatt ma ninsa l-kliem sabiħ tiegħu li tassew farraġni hekk kif kont, nilgħabha mall-mewt, u mfarrka taħt il-qilla ta' uġigħ kbir u ta' qtigħ il-qalb, fl-aqwa żmien ta' żgħożiti. Minn dak in-nhar, jiena sirt inħobbu u nirrispettah daqs missieri. Fih bdejt nilmaħ kull tama u għajnuna u għalija hu kien sar tarka ta' faraġ u ta' kuraġġ.

Il-burraxka għaddiet b'wiċċ il-ġid minn fuqi u minn fuqu u sebaħ mill-ġdid il-bnazzi għalina t-tnejn. Jiena erġajt sibt ruħi ma' sħabi bħal qabel, naħdem għall-kisba tal-grad ta' B.A. (Gen), u fl-1964, jiena u sħabi kellna x-xorti nieħdu l-lawrja fil-preżenza tal-Prof. Aquilina li dak iż-żmien kien għadu d-Dekan tal-Fakultà tal-Arti. Għadni niftakar, dak in-nhar hu kien hemm liebes it-toga ħamra, viċin l-artal maġġur tal-Knisja tal-Ġeżwiti l-Belt, iħares lejna b'sodisfazzjon kbir u bi tbissima fuq wiċċu, hekk kif bdejna telgħin wieħed wara l-ieħor fuq l-artal ħdejn ir-Rettur, li dak iż-żmien kien għadu l-Professur Manché. Kellu tassew biex jitpaxxa għax in-numru ta' studenti għal grad ta' B.A. (Gen.) kien hekk kbir li aħna kellna nitqassmu f'żewż gruppi ta' mhux anqas minn 20 jew 25 il-wieħed. Ix-xewqa tiegħu seħħet dak in-nhar meta rana hekk ferħanin, bid-diploma f'idejna, induru miegħu fl-Aula Magna biex nieħdu ritratt miegħu.

Imma l-ħolma tiegħu ma spiċċatx hemm. Dik is-sena stess, hu beda jirsisti biex jerġa' jinbeda kors ieħor ta' studju, fil-għaxija, li ma damx ma nbeda. Hekk minn dak iż-żmien 'l hawn dawn il-korsijiet ta' filgħaxija baqgħu jsiru minn żmien għal żmien, u llum Malta tista' tiftaħar b'numru sabiħ ta' għalliema gradwati fil-qasam Edukattiv.

Dan l-istudju fl-Università, fetaħli toroq ġodda. Fis-sena 1967, jiena bdejt ngħallem il-Malti fil-Junior College il-Belt. Dak iż-żmien, id-Dipartiment tal-Malti fil-

Junior College, kien jaqa' taħt id-Dipartiment tal-Malti ta' l-Università. B'hekk, jiena bdejt ħidma oħra mal-Professur Aquilina; din id-darba mhux bħala studentessa tal-Malti, imma bħala waħda mill-membri ta' l-istaff tad-Dipartiment tiegħu.. F'din il-kariga, jiena dejjem imxejt idf'id mad-Dipartiment u mal-Kap tiegħi. Fil-bidu, in-numru ta' studenti biex jistudjaw il-Malti fil-Junior College kien żgħir wisq. Bil-għajnuna tas-Sur J. Vella u tal-"lecturers" l-oħra li ġew wara — is-Sur G. Degabriele u s-Sur S. Gibriil, il-Malti mexa 'l quddiem. Imma ma rridx inħalli barra l-għajnuna siewja li kien jagħti l-Professur Aquilina biex id-Dipartiment tal-Malti jissaħħaħ. Kien hu li ħadem bis-sħiħ biex daħal it-tagħlim tal-Għarbi fil-Junior College. Ta' sikwit, hu kien jiġi jkellem lill-istudenti tagħna, u xi drabi kien jiġi jagħtihom ukoll xi "lectures" fuq il-kotba tiegħu.

Meta l-Kunsill tal-Università ħatarni Kap tad-Dipartiment tal-Malti fil-Junior College, jiena żammejt kuntatt kontinwu mal-Professur Aquilina. Kont inżommu nfurmat b'dak kollu li kien jiġri fit-tmexxija tad-Dipartiment tiegħi. Kull meta jiena xtaqt l-għajnuna tiegħu, hu qatt ma ċaħadhieli. Hu għallimni ħafna ħwejjeġ siewja fuq kif għandi mmexxi d-Dipartiment u mill-esperjenza li jiena ħadt minnu, jiena stajt inkompli x-xogħol tiegħi bil-għaqal, għall-ġid tal-istudenti u tal-Junior College. In-numru ta' studenti issa kien kiber ġmielu. Ġieli laħaq aktar minn 150 student. B'din il-ħidma flimkien, inbniet ħolqa li rabtet iż-żewġ Dipartimenti flimkien, kemm lill-membri tal-istaff fil-ko-ordinazzjoni tax-xogħol, kif ukoll fil-ħbiberija ta' l-istudenti. L-Għaqda tal-Malti Università, li għal min ma jafx, hija għaqda tal-istudenti tal-Malti, laqgħet fi ħdanha lill-istudenti tal-Junior College, għamlithom membri tagħha, saħansitra b'membri rappreżentattivi fil-Kumitat. Din il-ħbiberija kienet seħħet bl-ħidma għaqlija tal-Professur Aquilina u tiegħi li dak iż-żmien, hu kien il-President u jiena kont it-Teżoriera tal-Għaqda tal-Malti, Università.

Meta fl-1973 il-Junior College spiċċa u nbidel fi Skola Sekondarja Għolja, din ir-rabta bejn id-Dipartiment tal-Malti ma nħallitx. Il-ħbiberija baqgħet sħiħa. Il-Prof. Aquilina baqa' jagħti kull għajnuna kull meta d-Dipartiment tal-Malti fl-Iskola Sekondarja Għolja kellu bżonn. L-istudenti tal-Malti komplew jissaħħu iżjed fil-ħbiberija lejn xulxin permezz tal-Għaqdiet tagħhom tal-Malti. Għal xi żmien, l-istudenti tiegħi — dawk tal-Iskola Sekondarja Għolja ma setgħux jibqgħu aktar membri tal-Għaqda tal-Malti Unversità, minħabba li din l-iskola ma baqgħetx tifforma parti mill-Università, bħal ma kien il-Junior College. Għalija din kienet daqqa ta' sejf imma ma qtajtx qalbi. Bqajt bqajt sakemm ġibtha kif xtaqt jien. Il-ħolma tiegħi kienet li nara li l-Malti jkompli jieħu postu fil-qlub taż-żgħażagħ tagħna. Għalhekk jiena rsistejt biex titwaqqaf Għaqda tal-Malti fost l-istudenti fl-Iskola Sekondarja Għolja. Il-ħsieb tiegħi seħħ u hekk kif jiena rajt din l-Għaqda titwaqqaf u tissaħħaħ, jiena erġajt mort għand il-Prof. Aquilina, urejtu x-xewqa tiegħi li nara l-Għaqda tal-Malti Università u dik tal-Iskola Sekondarja Għolja jaħdmu flimkien u għal darb'oħra, il-Prof. Aquilina waqaf miegħi u qatagħli xewqti. F'laqgħa Ġenerali tal-Għaqda tal-Malti Università, ġie deċiż li din l-istess Għaqda taċċetta li taħtar membri rappreżentattivi fil-Kumitat tagħha, mill-Għaqda tal-Malti tal-Iskola Sekondarja Għolja.

Hekk, għal darb'oħra dawn iż-żewġ Għaqdiet reġgħu saru ħaġa waħda, igħinu lil xulxin u jaħdmu flimkien għal għan wieħed — l-Ilsien Malti.

Barra dan il-kuntatt, jiena kelli xogħol ieħor mal-Prof. Aquilina. Il-ħidma tiegħu ma waqfetx mal-Junior College. Bħala għalliema fid-Dipartiment tiegħu tal-Junior College, hu dejjem kien iħeġġiġni biex inkompli nistudja. Kien hu li ħajjarni nibda l-istudju tiegħi għal-grad ta' M.A. fil-Malti. Bħal bidwi għaqli li jagħraf iż-żerriegħa

tajba u jibża' għaliha għax jaf li dik tagħtih frott tajjeb 'il quddiem, hekk inħoss li għamel il-Prof Aquilina miegħi. Hekk kif jiena aċċettajt, hu reġa' beda jgħallimni mill-ġdid. L-għerf tiegħu, l-aktar fl-istudju tal-Lingwistika kien igħaġġibni. Ġagħalni nħobb is-suġġett hekk tajjeb, li bħala tiftix għat-teżi tiegħi, għażilt xogħol lessikali u lingwistiku. Dan ix-xogħol ma kienx ħafif, imma l-għajnuna tal-imgħallem ma naqsitni qatt. Hu stess ħarriġni fix-xogħol u għallimni l-metodu ta' kif isir tiftix tajjeb. Barra dan, għal tliet snin sħaħ, hu dejjem ħa interess kbir fix-xogħol tiegħi. Ta' sikwit hu kien jibgħat għalija u għal sigħat sħaħ kien jiddiskuti miegħi u jikkoreġili xi żbalji. Kien iqawwili qalbi ta' sikwit, l-iżjed meta kont naħbat ser naqta' qalbi, għax ix-xogħol li għażilt kien qisu m'hu ser jispiċċa qatt. Naf li kien iħoss ħafna għalija meta hu kien jarani nogħtor bil-piż tat-toqol tax-xogħol u tal-għeja, għax barra dan l-istudju jien kelli x-xogħol tat-tagħlim. Imma bħal kull missier li jifraħ u jitkabbar bir-riżultati tajba ta' wliedu, hekk feraħ il-Professur Aquilina mal-wasla tar-riżultat tajjeb tiegħi.

Din l-imħabba, il-Prof. Aquilina juriha ma' kulħadd. Ma jistax jilmaħ student magħkus taħt xi toqol ta' għeja, mard jew inġustizzja, li ma tarahx imur u jgħinu u jieqaf miegħu.

Kien hu li bena l-Istaff tad-Dipartiment tal-Malti. Kull min illum jinsab igħallem, jew għal xi żmien għallem fid-Dipartiment tiegħu tal-Università, kollha kienu studenti tiegħu. Anki hawn kien hu li permezz tar-rakkomandazzjoni tajba tiegħu, il-Kunsill tal-Università kien ħatarni bħala "Additional Lecturer" u Eżaminatur fid-Dipartiment tal-Malti l-Università fl-1970.

Ħaġa li lili dejjem laqtitni fih, hi l-ħidma bla heda għall-kitba. Il-Professur Aquilina ma jafx joqgħod kwiet. Kemm fl-uffiċċju, kif ukoll id-dar, dejjem għandek issibu mdawwar bil-kotra, issa jfittex xi kelma, jew xi tagħrif ieħor f'xi dizzjunarju, issa jiddetta xi artiklu għall-gazzetti lis-segretarja tiegħu, issa jikteb xi dramm jew ilesti xi "paper" għal xi Kungress. Dan l-aħħar, hu nxteħet b'ruħu u ġismu għall-kitba tad-Dizzjunarju li nittama, għad ikun tassew il-kapulavur tiegħu.

F'Ottubru 1976, il-Professur Aquilina spiċċa mill-kariga tiegħu bħala Kap tad-Dipartiment tal-Malti fl-Università tagħna. F'Ottubru 1976, jiena wkoll kelli nara t-tmiem tal-kariga tiegħi bħal għalliema tal-Malti fl-Iskola Sekondarja Għolja, minħabba l-ħatra ġdida tiegħi ta' Assistent Kap fl-Iskola Sekondarja tal-Bniet tal-Blata l-Bajda. Inħoss li l-ħidma tiegħi għall-Malti hija ferm żgħira meta nqabbilha ma' dik tal-Professur Aquilina. Il-mixtla li ħawwel hu erbgħin sena ilu, illum saret ġnien kbir, waqt li l-mixtla tiegħi għadha ċkejkna u għad trid tikber. Jalla l-ħidma tagħna li issa tħalliet f'idejn ħaddieħor, tkompli titkattar biex ikompli jinkiseb il-ġid għall-ilsien Malti li jagħtina identità bħala Nazzjon u jagħmilna dak li aħna.

# KELMTEJN FUQ AQUILINA

*Longitudo dierum in dextera eius et in sinistra gloria*

**Dr. JOE ZAMMIT TABONA**

Sa mis-sena li kien ħa l-ewwel fil-konkors tal-gvern, qabel it-tieni gwerra dinjija, il-ħajja tal-Professur Ġużè Aquilina insibuha waħda ta' ħidma bla waqfien għall-ilsien il-poplu Malti; u issa li s-seklu għoxrin resaq ġmielu lejn it-tarf tiegħu, naraw li l-livell għoli tax-xogħol li għamel u tas-suċċess li kiseb iqiegħed lil dan l-imgħallem għaref f'qatgħa għalih waħdu fil-qasam tal-kultura Maltija.

Dan għad jidher aktar ċar fis-seklu ta' warajna, għax illum kif igħidu l-Ingliżi, bis-siġar quddiemna ma narawx il-masġar. U għalhekk l-apprezzament tas-siwi tiegħu hija l-għanja ta' għada. Iżda illum nistgħu wkoll nistaqsu: X'kienet il-ħidma ta' dan il-awtur, u x'inhi l-importanza tiegħu għall-istudjuż tal-Malti? Għal din il-mistoqsija, it-tweġiba jien naraha ħafifa ħafna; ħafifa, daqs kemm minn naħa l-oħra, kienet iebsa u tqila il-missjoni akkademika tiegħu.

B'sengħa lħiħa, kif jitlob id-dmir ta' studju għoli, huwa ġabar il-frak kollu lingwistiku u letterarju imxerred u mormi ta' l-imgħoddi. Għaqqdu u waħħdu mal-kontemporanju, jiġifieri max-xogħol tal-Malti ta' żmienu; u b'hekk ġieb quddiemna l-Maltin stampa tal-kontinwità tal-letteratura ta' dawn il-gżejjer. Ħabrek, u ħadem, fil-biċċa l-kbira għar-rasu, iżda wkoll mal-ftit studjużi ta' madwaru, fil-frieghi kollha ta' l-ilsien u tal-lingwistika. Għarbel, bil-għarbiel akkademiku, u tista' tgħid mix-xejn, ix-xogħol kollu ta' qablu u ta' żmienu, u daħħal ix-xjenza fil-lingwistika u fil-letteratura, b'mod li qatt ma rajna qabel, bi kritika lħiħa fl-oqsma kollha. Kiteb proża mill-aqwa, u wera fil-kitba, kif Dun Karm wera fil-poeżija, kemm tista' tkun sabiħa u mexxejja il-kelma Maltija meta tkun mirquma, mogħnija bi ħsibijiet għolja u argumenti mdawlin, meta tkun maħduma bis-sengħa. Fl-istil tal-kitba, fil-qosor jew fit-tul, idu id l-imgħallem. Aquilina kien l-ewwel professur tal-Malti fl-ogħla istituzzjoni kulturali tagħna, u dan għal biċċa ġmielha tas-seklu, kolonna u pijonier fl-istudju attiv u t-tiftix tal-għerf. Is-sehem tiegħu huwa kbir u siewi, għax bena jew dawwal is-sisien. Bil-ħidma tiegħu, aktar minn ta' ħaddieħor, l-ilsien Malti llum qed jara wiċċ imb'wiċċ is-sebħ ta' dejjem.

U naħsbu fl-imgħoddi: naraw kemm kien kbir il-preġudizzju nazzjonali kontra l-Malti preġudizzju l-aktar imlaħħam u fl-aqwa tiegħu fl-intelligentsia; niftakru kemm kienet iebsa t-triq għall-kelma Maltija, u rridu nħarsu lejn Aquilina f'dan id-dawl, bix-xejra kollha kemm hi kontrih. Għax fl-ilsien u fil-lingwistika Aquilina ma wiret lil ħadd, u beda, kif igħid il-Malti, b'idu f'idu. Mhux ħaġa kbira, għalhekk, li laħaq għadda ħafna żmien u nefħu bosta rwiefen, sakemm sebaħ il-jum mistenni 'aktar ħlejju'. Huwa għen mhux ftit biex berred dan il-preġudizzju nazzjonali li, kif illum kulħadd jaf, kellu l-egħruq tiegħu imsemmna fil-qagħda politika, soċjoloġika u reliġjuża tal-gżejjer tagħna. Il-qawmien lingwistiku mexa, biex ngħidu hekk, id f'id mal-qawmien politiku, u din hija l-istorja tal-aħħar ħamsin sena. Jekk l-ilsien Malti llum sar hekk sħiħ u hekk kotran, aħna fuq Aquilina wkoll nistgħu ngħannu mal-poeta, li r-rebħa mxiet miegħu u nfirex standard: għax kien hu fil-bidu, kif għadu llum, mhux biss ir-ras, iżda wkoll ir-ruħ, ta' aktarx l-għaqdiet kollha tal-kultura Maltija, attivissmu fiż-żerniq fl-Università, barra minn ħitanha, u barra minn Malta wkoll. Kien hu li daħħal it-tagħlim tal-Malti u l-idea tal-kultura letterarja

fix-xandir. Li dan huwa minnu ħadd ma jista' jmerih. Smajnieh għal mijiet ta' sigħat sħaħ, tul is-snin, ġimgħa wara l-oħra, bla waqfien u mingħajr serħan. U b'hekk xerred il-kelma letterarja fil-kenn tad-dar privata. Hadem fl-oqsma kollha, ngħidu aħna: fir-rumanz u fl-'essay'; fil-bijografija u fil-kritika letterarja; fid-drama u fil-palk; fil-qwiel u fit-traduzzjoni; fil-Bibbja; fil-filoloġija u fil-fonetika; fis-Semantika u fix-xogħol tad-dizzjunarju Malti; fit-terminoloġija legali, fix-xandir, fil-friegħi tal-lingwistika kollha, xogħol siewi ta' studjuż ewlieni, biex iħalli warajh wirt kbir, kelma Maltija wisq aktar għonja, aere perennius.

Il-Professur Saydon, għaref u studjuż miet mimli bil-għomor, u kien kritiku ta' Aquilina. Dan kien igħid li fix-xogħol ta' dan l-awtur tidher qabel kollox il-qawwa ta' moħħ tajjeb, erudit, imsaħħaħ bil-qari u bil-kultura liberali li tħaddan bosta friegħi ta' għerf, ta' siwi kbir ukoll fil-prattika, fil-ħajja ta' kuljum. U minn dan jiġi li fil-kitba tiegħu insibu għerf li jgħin il-qarrej fil-problemi tiegħu materjali, għerf li jgħin lil Malta fil-problemi nazzjonali, qabel xejn dawk soċjoloġiċi u morali kif ukoll kulturali — iżda dejjem imdawwlin bl-ideal uman, ideal li joħroġ mill-qiegħ tar-ruħ ta' bniedem fin u sensittiv. Tidher għalhekk, fil-kitba tiegħu, il-kultura sħiħa, u il-paġna tiegħu mimlija referenzi għall-oqsma kollha ta' l-għerf u tal-letteratura, b'għaqda perfetta u għaqlija biex isaħħaħ jew idawwal dak li jgħid. Fix-xogħol tiegħu, timraħ fil-beraħ il-qawwa ta' l-imħabba u tal-għożża għal dak kollu li hu sabiħ u sewwa. Din hi n-nixxiegħa tal-ġenerożità tiegħu, imħabba lejn it-twemmin tagħna, lejn Malta, lejn l-ilsien Malti, lejn il-familja, soċjetà u l-kultura Maltija kif ukoll barranija, b'għożża għall-istudji u għall-wirt nazzjonali tagħna, nieżel mill-qedem. Dawn huma s-sisien tal-kitba u tal-personalità tiegħu.

"Emminni," qalli darba waħda, bil-akbar serjetà u bis-sinċerità kollha, "Emminni ma nafx ngħaddi ġurnata waħda biss bla ma ngħaddi għallanqas siegħa jew tnejn fix-xogħol ta' l-intellett. Il-ħidma tal-moħħ irridha kuljum, bħall-ikel u bħall-irqad. Ma nafx kif bniedem jista' jgħix, jiekol u jorqod biss", qalli, "bla ma jmiss, għal-lanqas, is-saltna ta' l-ispirtu". Niftakar donnu l-bieraħ, niftakar qalli hekk b'dik l-ħarsa soda, ħarsa ta' wieħed li jemmen f'li qed jgħid, ġejja mill-qalb u r-ruħ, b'leħen li ma jħalli fih ebda dubju ta' konvinzjoni, b'għajnejh kbar taħt in-nuċċali iħarsu lejja, wiċċu mimli, donnu qed jistenna tweġiba. U dak in-nhar kien tani im-pressjoni, li għadha sal-lum tqajjimli tbissima kull darba li niftakar fiha, li hawn kelli bniedem quddiemi donnu jħossu għaddej waħdu fost poplu mingħajr ras, bir-rispett kollu, forsi madwaru ma ra xejn ħlief merħla! "Mil-librerija tagħhom intom tagħarfuhom", qalilna, waqt li kien qed jilmenta minn nuqqas ta' mħabba lejn l-istudju għalih innifsu li jsaltan fostna l-Maltin. "Agħtu ħarsa lejn id-dar Maltija," kien qal, "kemm hawn ftit li għandhom librerija sura ta' nies. Ftit li xejn huma kburin b'hekk. Anke fost l-intelligentsia tagħna, l-imħabba għall-kultura fqira ħafna. Il-kotba tad-dar jixhdu u jirriflettu, tista' sserraħ rasek". Jekk taħseb ftit, tara kemm dan huwa minnu, kemm hu fqir, jew inesistenti, l-ambjent ta' l-istudju fid-dar Maltija. Donnu lanqas il-perit ma jaħseb għalih, u ftit huma s-sidien li jaħsbu għall-kotba. Niftakru fil-kumditajiet kollha, iżda ftit li xejn għal-librerija, għall-ambjent ta' l-istudju fid-dar. U naħseb u nirrifletti. Fost il-qatgħa żgħira li hija eċċezzjoni. Għal din ix-xejra, hija d-dar tal-professur. Anke fid-djar tiegħu tal-belt u tal-Furjana il-librerija u l-ambjent ta' l-istudju dejjem ġie mogħti l-importanza li jixraqlu. Għax l-aċċent kien dejjem fuq it-tagħlim u fuq is-saltna ta' l-intellett. Dan illum jidher aktar ċar fil-villa tiegħu ħdejn Sant Anton, mixħuta għax-xemx tat-tliet irħula, fost il-ġonna tal-lumi u tal-laring. Mal-kobor u l-marmettone, mal-ħadid maħdum bis-sengħa u ma' l-irħam — jiġifieri fost dak kollu li jinseġ u jżewwaq il-villa moderna u li jisimha 'Riħana' — issaltan l-għaxqa waħdiena ta' sid kburi,

isaltan l-ambjent ta' l-istudju fejn jimraħ l-ispirtu mdawwar bil-kotba ta' l-istudjuż. "Mil-librerija tagħhom intom tagħarfuhom", kien qal, u kien sewwa li xi ġranet qabel kien iltaqa' ma' professjonist fi stedina li kellu, — professjonist imdaħħal fiż-żmien, għani u meqjum, kien iqis ruħu xi dawl għall-poplu — u dan kien saqsieh, bis-serjetà kollha, jekk ir-Rumani kinux ġew Malta qabel il-Għarab jew wara!

U għalhekk niftakar fih għall-ħidma akkademika u għall-istudju attiv tiegħu; niftakar fih bħala ħolqa waħdiena bejn l-imgħoddi u l-ġejjieni, fil-katina tal-letteratura; u niftakru fih ukoll purament bħala kittieb, fure proprio, kittieb ewlieni ta' proża Maltija, fejn il-kelma tiegħu magħżula u maħduma, tixrob mill-għejjun tal-ilsna kollha ta' madwarna u tieħu s-sura Maltija fit-tifsila u fil-qagħda; għax il-"puristi", huwa jgħid huma ħbieb bla għaqal u ilsien ħaj huwa eklektiku u assorbenti.

Dawn huma xi ħsibijiet li qed jiġuni dalgħodu, hawn fuq is-swar ta' l-Imdina, fil-ġnejna sbejħa u qadima ta' 'Comilla', fost ħitan għolja u kennija, fejn ktibt dawn il-kelmtejn dwar dan l-imgħallem għaref. Hawn illum, lilu nsellem, f'jum it-twelid tal-ħabib tiegħu, il-Qassis Poeta, li hu tant ħabb. Lilu nixxiħajr, f'egħluq il-missjoni tiegħu fl-Università, — f'ismi u f'isem il-poplu Malti; bit-tama li, hekk kif il-Professur Aquilina kellu ħsad kotrani u waħdieni tul is-snin,, hekk ukoll issa jissokta jkattar dan ix-xogħol bl-istess fejda u kburija, u jdawwal ġensna bil-lwien ta' nżul ix-xemx, li qatt ma tinżel; bin-nirien imwaħħra u sajrana tal-milja tiegħu.

# IX-XOGHLIJIET TA' AQUILINA

Ward ta' Qari Malti (3 Volumi) ma' P.P. Saydon (1936)
Taħt Tliet Saltniet (1945)
Antoloġija (1946)
L-Ilsien Malti (1948)
Il-Muża Maltija (Antoloġija ta' Poeti Maltin (1948)
Il-Polza ta' Malta (1948)
Studji Kritiċi Letterarji (1949)
Madwar il-Ħajja 1 — 9 (1953-72)
Il-Bniedem li Ċaħdu (1955)
Lexical Material in Maltese Folklore (ma' G. Cassar Pullicino — 1957)
The Structure of Maltese (1959)
Maltese Meteorological & Agricultural Proverbs (1961)
Papers in Maltese Linguistics (1961)
Fit-Teatru (1962)
L-Istorja taċ-Ċiviltà (1964)

*(AKTAR XOGĦLIJIET PAĠNA 54)*

# HAJJA TA' HIDMA U TAQBID

## ĠUŻE' CARDONA

Ma nistax ngħid sewwa meta se joħroġ LEHEN IL-MALTI, hux dis-sena 1976, jew fil-bidu tas-sena d-dieħla, meta l-Prof. Ġużè Aquilina jagħlaq 40 sena mill-ħatra tiegħu ta' Professur tal-Malti. Ftit huma l-professuri li baqgħu jokkupaw il-katedra għal dan it-tul ta' żmien. Il-Prof. A. Cuschieri O.C., l-aktar li joqrob lejh, jekk inħallu barra lil-Prof. Sigismondo Dimech, li skond il-Minuti ta' l-Università, dam jgħallem 75 sena, l-ewwel ir-Rettorika, imbagħad il-liġi. Biss dik il-ħabta ma kien hemm ebda liġi li tobbliga lil dak li jkun li jirtira, u kienu jżommu l-katedra sakemm jibqgħu jifilħu. Jiena żgur li Aquilina tant għandu enerġija li ma kienx jaħsibha darbtejn biex jikkompetilu lil Dimech, kieku kien possibbli. U dan hu sewwa sew dak li jolqtok fil-Professur tal-Malti — il-ħidma li għadu jwettaq meta għalaq 65 sena f'April li għadda. Ta' min jinnota wkoll li xogħlu ma kienx ħafif, għax kellu kontrieh il-preġudizzju ta' għadd ta' Maltin influwenti. Kellu joħloq katedra fi żmenijiet meta l-Politika kienet kemmxejn anti-maltija, ftit familji favur l-ingliż u oħrajn lejn it-taljan.

Hafna mit-tagħrif dwar lingwa u politika nsibuhom fil-ktieb ta' Ġ. Cassar Pullicino, AQUILINA U L-MALTI. Barra din l-għajn siewja ta' nformazzjoni kellna lis-sur Ninu Cremona, li kien jaf bid-dettalji kollha ż-żmenijiet imwiegħra li minnhom għadda l-Malti. Barra minn hekk hu kien dejjem qrib ħafna ta' Aquilina sa mill-1930 meta dan ta' l-aħħar ġie Malta biex jibda l-kors tal-Liġi. Aquilina stess isemmi l-laqgħat li kien ikollhom il-Birgu, imma għalina l-aktar li jinteressana hu ż-żmien tal-ħatra ta' Aquilina bħala professur.

Cremona li kien ħabib tal-qalb u xtaqni nikteb il-bijografija tiegħu wkoll, wara li għidtlu li kont qed nikteb dik ta' Dun Karm, kien qalli b'inċident interessanti ħafna. Fost l-applikanti għall-katedra tal-Malti li kienu sebgħa, kien hemm Cremona, Aquilina, Dun Ġwann Theuma Relf, E.B. Vella u l-Avukat Ġuże' Micallef. Cremona għarrafni li ħafna nies kienu jistennew li jsir hu, billi kien l-aktar wieħed anzjan, u fi ħdan l-Għaqda kien l-aktar li ħadem għar-regoli tal-Grammatika. Biss Cremona kien onest u żied li kemm lil Micallef u lil Vella ma kienx ta' min jarmihom, b'danakollu l-għażla aktarx kienet sa tmiss lil wieħed li fil-Malti ma tantx kien wisq interessat u ftit li xejn kien jafu. Is-sur Nin irriferili li dan kienu jafuh minn għand Saydon, li bħas-soltu ma baqax x'ma għamilx biex l-affarijiet isiru sewwa. Cremona kompla jgħidli li hu u Aquilina tħabtu mhux ftit biex kellmu 'l dak u lil ieħor biex il-Katedra tingħata lil min tabilħaqq seta' jagħmlilha l-aktar ġid.

Semmieli wkoll li E.B. Vella kellu xi pretensjonijiet, għax il-Gvern kien ġa bagħtu sena Londra fl-Iskola ta' l-Istudji Orjentali; mill-banda l-oħra Micallef li kien ġa mħarreġ fil-Filoloġija xtaq isir b'ruħu u ġismu. Is-sur Nin kien jaf minn għand Micallef li għalkemm dik il-ħabta l-professorati kienu kollha *part-time*, lil Micallef kienu għamlulu kondizzjoni li jekk jingħażel hu jkollu jħalli minn Kap tad-dipartiment tal-Biedja b'sagrifiċċju finanzjarju li kien lest jagħmel. Aktarx kif qalli Cremona, il-Gvern Ingliż ma xtaqx lil Micallef, imħabba raġunijiet politiċi. Żied jgħidli li lil dik il-persuna li ma tantx kienet imħarrġa fil-Malti, tawha katedra oħra u speċi saret għamla ta' *short listing*. F'dil-lista kien baqa' Cremona u Aquilina. Jekk niftakar sewwa, darba Temi Zammit għarrfu li waqt li kien jitkellem mal-Logotenent Ġenerali, dan ta' l-aħħar stqarr lil Zammit: *It is a pity that Cremona is*

*over 55 .... the new chair requires a young, promising and energetic man like Aquilina ....* Dan inħoss li għandi ngħidu biex ma jintilifx, aktar w aktar billi, kif jgħid sewwa Ġ. Cassar Pullicino, il-Minuti tal-Kunsill ta' l-Università ta' dik il-ħabta huma neqsin u x'sar minnhom ħadd ma jaf.

Dan juri ċar u tond il-fehma tajba li kellhom l-awtoritajiet dwar Aquilina u kienu tassew profetiċi l-aġġettivi *promising and energetic*. Nagħtihom ukoll ħafna importanza, għax irriferihomli bniedem li, biex ngħid hekk kien ir-rival ta' Aquilina għall-Katedra, iżda b'danakollu kien sinċier biżżejjed biex isemmihomli. Fuq kollox ta' l-istess fehma ken Dun Karm Psaila, u fl-ittra lil Laurent Ropa tal-31 ta' Diċembru 1936 ifaħħar ħafna lil Aquilina. Saydon dejjem ra f'Aquilina l-aqwa tamiet ta' l-Ilsien Malti sakemm il-Professur Aquilina b'qima għal Saydon nesa l-inċident li kien il-*causa causarum* ta' dawk il-famużi epigrammi miż-żewġ naħat.

Ma rridx ninsa nsemmi n-nomenklatura tal-Katedra l-ġdida: *Professor of Maltese & Oriental Languages* li xi għedewwa tal-Malti baqgħu jħarsu lejha bl-ikraħ sal-lum ... u bil-kemm ma ħasbux li dan l-isem kien xi suġġeriment ta' l-okkupant. Xejn minn dan: din kienet idea ta' Temi Zammit. Basar, u kellu raġun, li dawk li qatt ma riedu jġerrgħu l-Malti bħala lsien, kienu sa jopponuh biex ikollu Katedra fl-Università u biex jinstab kompromess ħareġ dan it-titlu. Kien biss espedjent politiku biex il-mozzjoni ma tiġbidx l-għadab u l-istmerrija ta' l-egħdewwa tal-Malti fil-Kunsill u fost l-*intelligentsia* ta' dik il-ħabta. U dan it-titlu jispiċċa mal-Professur Aquilina u 'l quddiem se jkun magħruf bħala d-*Dipartiment ta' l-Istudji tal-Malti* (Maltese Studies).

Kos kemm kellu raġun min kien għamel dik il-lista qasira ta' dawk iż-żewġ ismijiet: Aquilina u Cremona, u baqgħu dejjem jaħdmu għall-Malti, fil-waqt li l-kandidati l-oħra kollha mietu qasir il-għomor u żgur ma kienx sa jkollhom iż-żmien jibnu l-katedra tal-Malti b'sisien tal-qawwi, hekk li tkun tiflaħ għall-ħalel li baqgħu jħabbtuha minn dak iż-żmien sal-lum.

Cremona, aktar minn kulħadd, u l-ħbieb kollha tal-Malti dejjem qbilna li l-għażla ta' Aquilina kienet providenzjali biex il-Katedra titwieled, tixxettel u tissaħħaħ. Il-programm kellu jkun ħidma u taqbid: ħidma biex toħloq kors mix-xejn, tikteb it-testi, u titqabad il-ħin kollu ma' l-Awtoritajiet Universitarji u ma' l-opinjoni pubblika, li dejjem raw l-importanza ta' kull suġġett barra tal-Malti. Kellu wkoll Aquilina taqbida ma' l-ewwel studenti universitarji, li jien ilħaqt sewwa l-ewwel darba li dħalt l-Università fl-1944. Għadni niftakar sewwa, aħna studenti ta' l-ewwel sena u huma waslu biex jieħdu l-lawrja. Mill-laboratorji primittivi ta' dik il-ħabta kienu jiġu fis-sala tagħna qabel il-lezzjoni u jistaqsuna x'lezzjoni se jkollna. Malli ngħidulhom Malti ... erħilhom isemmu il-praspar li kienu jagħmlu ... biex mingħalihom iwaqqgħu għaċ-ċajt ilsien pajjiżna ... Mhux biss ... imma malli l-Professur Aquilina kien jasal, flok joħorġu 'l barra kienu jisgiċċaw mill-garigor ta' l-anfiteatru u qabel joħorġu mil-laboratorju ta' l-anatomija juru għerfhom b'xi esklamazzjoni. Imma dik l-oppożizzjoni ftit ftit ġiet fix-xejn u Aquilina rebaħ aktar minn taqbida waħda. B'daqshekk jien ma rridx ngħid li jien kont xi qaddis! Xejn minn dan, għax bħala student tax-Xjenza u aktar w aktar bħala rappreżentant tal-Kors, flimkien ma' Ġorġ Hyzler, mhux darba jew tnejn ipprotestajna meta dehrilna li kellna programm twil iżżejjed tal-Malti u rrapportajna dan il-fatt lill-Kunsill. Aquilina ħadha qatta bla ħabel kontra tagħna, talli l-ewwel ma kellimniex lilu ... u forsi mħabba f'dan l-inċident li ftit ġimgħat wara kien hedded lil Hyżler quddiemi u Saydon ... Biss nista' ngħid li minn dak iż-żmien li bdejt nieħu nteress fil-Malti, għax intbaħt li Aquilina barra Professur kien ukoll ġellied għall-jeddijiet tal-Malti, ta' l-Università u tal-formazzjoni ta' kuxjenza nazzjonali.

Għal ħafna nies li jafu lill-Prof. Aquilina sewwa, ma jien qed ngħid xejn ġdid; imma għaż-żgħażagħ li għandhom mnejn jaħsbu li kull ħaġa tajba li hawn waqgħet sħiħa mis-sema, nixtieq infakkarhom li fis-swali ta' l-Università dejjem ħambaq għal Tijatru Nazzjonali u bħala bidu, għal wieħed fost l-Istudenti għal Librerija tajba ta' Riferenza, għal Laboratorji xierqa u Riċerki serji f'kull qasam. U biex jixterdu dawn il-fehmiet għoddhom ġodda għal Malta ried jaħdem u jitqabad: bil-kitba tista' tgħid fil-gazzetti kollha u jiġġieled b'argumenti sodi ma' l-awtoritajiet li donnhom qatt ma riedu jifhmu. U xi ngħidu dwar l-Edukazzjoni awtokrata f'idejn Dr. A.V. Laferla, li għalkemm kulħadd jaqbel li għamel ħafna ġid, kien iridha wisq tgħaddi tiegħu. Ħadem mhux ftit, u tqabad wisq aktar, Aquilina biex fl-aħħar inħoloq *The Board of Education,* biss tax-xogħol li ħa l-professur ħallewh barra mill-Board. U fl-istess qasam ta' l-Edukazzjoni minn daqs Aquilina ħadem u tqabad biex l-għalliema jkollhom korsijiet ta' fil-għaxija l-Università u ħarġu l-ewwel Dip. Educ. u B. Educ. u wara l-korsijiet tal-B.A. u l-ischolarship fl-Università ta' Malta li bdew fl-1960 ... biex wara waqqfuhom. Ta' min isemmi hawn kemm kienet siewja l-koperazzjoni ta' Aquilina u Freddie Buhagiar President tal-M.U.T. f'dan il-kamp.

Mhux il-għan tiegħi li nitkellem dwar Aquilina bħala studjuż, kittieb u l-ħafna attivitajiet oħra tiegħu, għax naħseb li hemm artikolisti oħra li se jiflu dawn l-oqsma. L-iskop tiegħi f'dawn il-kelmtejn kien li nirreġistra l-importanza ta' dan il-bniedem fit-twaqqif u t-twettiq tal-katedra tal-Malti u nfakkar kemmxejn il-ħidma twila u kostanti ta' dawn l-40 sena u kemm-il taqbida raw dawn is-snin b'riżq il-Malti u l-kultura tagħna.

# AKTAR XOGĦLIJIET TA' AQUILINA

Teach Yourself Maltese (1965)

L-Ikkundannata u Żewġ Drammi Oħra (1969)

Nomi Maltesi di Pesci, Mollusci e Crostacei del Mediterraneo (1969)

Mal-Kordi ta' l-Arpa (Leħen il-Malti, Nru. 17. 1972)

A Comparative Dictionary of Maltese Proverbs (1972)

Maltese Etimological Glossary (J. M. S. No. 8. 1973)

Teżor ta' Qwiel Maltin (1975)

Maltese Linguistic Surveys (1976)

**Lesti għall-istampa:**

Antoloġija ta' Proza Maltija

Focus on Malta

# IL-PROFESSUR ĠUŻÈ AQUILINA

ĠUŻE' DELIA S. J.

Min iħobb il-Malti u jinteressa ruħu mill-ġrajjiet tal-poplu tagħna, ma jistax ma jkunx jaf b'xi mod jew ieħor lill-Professur Ġużè Aquilina. Sar hekk ħaġa waħda mal-moviment tal-Malti, u mal-ġrajjiet ta' Malta li mingħajru, il-kwadru ta' l-istorja ta' lsienna u ta' gżiritna ma jista' qatt ikun sħiħ u bilfors ikun nieqes minn xi ħaġa essenzjali.

Jien ili nafu minn mindu ġie lura mill-Ingilterra, fejn kien mar biex jagħmel kors ta' studji speċjali fuq il-ilsna tal-Lvant, qabel ma beda l-karriera tiegħu, bħala Professur tal-Malti u ta' l-ilsna Semitiċi, fl-Università tagħna.

Kien l-ewwel darba li nħolqot din il-katedra, li kienet qed timla vojt, li kien ilu jinħass il-bżonn li jimtela' u l-Professur Aquilina kien il-bniedem li kellu t-talenti kollha, li kienu meħtieġa għall-post bħal dan.

Ma kenux wisq l-okkażjonijiet li kelli x'naqsam miegħu direttament, f'dawn is-snin twal li ilna nafu lil xulxin. Imma ltqajna kemm-il-darba u kelli ħafna kuntatti miegħu, li tawni ċ-ċans li nkun nafu u li nkun nista' napprezza l-kwalitajiet mhux ordinarji li jżejnuh.

L-okkażjonijiet, fejn kelli x'naqsam miegħu iktar direttament kienu dawn:

(i) Qabel il-gwerra, il-gvern kien nieda konkors letterarju għall-aħjar rumanz bil-Malti. Jien kont wieħed mill-bord ta' l-eżaminaturi ta' dan il-konkors, taħt it-tmexxija ta' Dr. Laferla, li kien id-Direttur ta' l-edukazzjoni. Kienu ħafna dawk li daħlu għal dan il-konkors, fosthom il-Prof. Aquilina, bir-rumanz storiku tiegħu "Taħt Tliet Saltniet". Safejn naf jien, kien l-ewwel rumanz, li kien qed joħroġ u kien kitbu f'nifs wieħed fil-vaganzi tas-sajf. L-eżaminaturi għażilnieh bħala l-aħjar wieħed fost l-oħrajn. F'dak ir-rumanz, Aquilina wera l-kapaċità tiegħu kreativa, lingwistika u psikoloġika. Kien għadu fl-aħjar tiegħu, fl-aħjar snin ta' żgħożitu u dak ir-rumanz ħareġ minn moħħu u minn qalbu, qisu gelgul ilma frisk ibaqbaq bil-ħajja. Dak ir-rumanz kien qisu bħal introduzzjoni fostna tal-ħidma li kien għadu ser jibda u li qatt ma qatgħet s'issa, fil-qasam letterarju u filoloġiku tal-Malti.

(ii) Darb'oħra ltqajna flimkien fl-okkażjoni tal-Ġublew tal-fidda ta' l-Episkopat ta' l-Arċisqof Mons. Gonzi. Kienet saritlu Akkademja mużiko-letterarja fit-teatru Manoel. Il-Prof. Aquilina kien magħżul biex jagħmillu d-diskors ta' l-okkażjoni bil-Malti, jiena bl-Ingliż u l-Prof. Curmi bit-Taljan. F'dik l-okkażjoni stajt nara r-rabta ta' qima li l-Prof. Aquilina kellu u baqa' dejjem ikollu, mal-persuna ta' Mons. Arċisqof u mal-knisja, bħala nisrani ta' fibbra sħiħa u ġenwina.

(iii) Kelli wkoll miegħu iktar minn intervista, fejn għamilli tape recording, fuq il-karriera tiegħu letterarja fil-qasam tal-Malti, biex jinżamm bħala tifkira, f'bib-bjoteka apposta, fl-università.

(iv) Okkażjoni oħra li kelli miegħu, kienet dik tal-Ġublew tiegħi tad-deheb tal-ħajja tiegħi reliġjuża. Fl-akkademja li saritli fis-sala tal-Kulleġġ ta' B'Kara hu kien wieħed miż-żewġ oraturi, li ġew mistidnin mis-Superjuri biex jitkellmu fuqi li bil-kelma tiegħu, mimlija b'sentimenti sbieħ u ħajjin u bi ħsibijiet għoljin, sebbaħ dik l-okkażjoni.

Dawn kienu okkażjonijiet fejn iktar direttament kelna kuntatt ma' xulxin u fejn sirt naf il-personalità tal Prof. Aquilina iktar mill-qrib.

Sirt nafu f'okkażjonijiet oħra. Imma bniedem ta' kultura hekk wiesgħa u hekk profonda bħal tiegħu mhux malajr tkun tista' tagħarfu fil-faċċati kollha tiegħu u tqis bir-reqqa l-kalibru tas-siwi tiegħu.

Dak li dejjem laqatni l-iktar, fil-Prof. Aquilina, kienu dawn in-naħat tal-personalità tiegħu:

(i) L-imħabba u l-interess li dejjem kellu lejn il-Malti u lejn dak kollu illi jmiss il-lingwistika Maltija.

(ii) Il-kapaċità letterarja u artistika li biha Alla l-Imbierek għoġbu jżejnu u l-użu għaqli li dejjem għamel minnha, b'sens tassew patrijottiku.

(iii) Il-karattru sħiħ li dejjem wera matul is-snin twal tal-karriera tiegħu bħala mgħallem u bħala kittieb u li bih ta dejjem xhieda qalbiena ta' kattoliku ġenwin.

## (i) L-imħabba lejn il-Malti

Miniex sejjer nitkellem fit-tul fuq l-imħabba u l-interess li dejjem wera li kellu għal ilsien art twelidna. Oħrajn, li jafuh aħjar f'dan il-qasam ikunu kapaċi li jiktbu u jitkellmu fuqu ferm aħjar minni.

Dak li naf ngħid fuqu, li l-Prof. Aquilina bil-kitba u bil-kelma dejjem ta l-aqwa enerġija ta' moħħu għall-istudju u għall-kultura tal-Malti, mhux biss f'dak li hu qasam letterarju, fil-proża u fil-poeżija, imma wkoll fil-qasam filoloġiku.

L-istudju li għamel fl-ilsna tal-lvant setgħu jifthulu quddiemu viżjoni iktar ċara u iktar preċiża u xjentifika tas-siwi tal-Malti u tal-post importanti li għandu fil-familja ta' l-ilsna semitiċi. Bħall-ilsna l-oħra ta' l-istess familja, li huma magħrufin bħala ilsna ta' l-azzar, għall-qawwa ta' reżistenza li għandhom, il-Malti għandu din il-karatteristika li wara sekli ta' dominazzjonijiet barranin għalkemm mingħajr letteratura li tirfdu, baqa' dejjem ħaj fuq fomm il-poplu u għadu sallum l-ilsien nazzjonali, li jagħżilna minn popli oħra. Anzi, nistgħu ngħidu, illi llum ħa ħajja ġdida bid-demm ġdid li l-ġenerazzjonijiet li telgħin qed jixħtu fil-vini tiegħu. Fost dawn illi taw kontribut qawwi biex il-Malti jarġa' jqum u jarġa' jiġbor ġieħu u jieħu post li jixraqlu, ngħoddu minn ta' l-ewwel lill-Prof. Aquilina. Bis-saħħa tal-konferenzi tiegħu fl-aqwa universitajiet ta' l-Ewropa u ta' l-Amerka, u tal-kitba tiegħu fl-aqwa rivisti lingwistiċi, bħalma huma "Orbis", "Lingua", "Journal of Semitic Languages", il-Malti sar magħruf u mweġġagħ minn ħafna nies għorrief li għandhom isem kbir f'dan il-qasam ta' l-istudji lingwistiċi tal-ilsna tal-lvant.

L-ikbar ħidma tiegħu favur il-Malti kienet fost l-istudenti ta' l-università tagħna, għax fosthom għaraf bl-entużjażmu tiegħu inissel dik l-imħabba u interess lejn ilsienna, li llum qed tixgħel fil-qalb taż-żgħażagħ tal-lum li bil-kitba tagħhom qed jagħtu dawl u ġmiel ġdid lil-letteratura tagħna.

Dejjem interessa ruħu minn kull moviment u minn kull għaqda li għandha bħala għan, l-iżvilupp tal-Malti.

Dejjem ipprova jgħin u jagħmel qalb lil dawk kollha li juru interess fl-istudju tal-Malti.

Ngħid għalija, kien bis-saħħa tiegħu; bl-insistenza li għamilli u bil-ħila li rabbieli, li ħriġt l-ewwel ġabra tal-poeżiji "Meta toħlom il-Qalb" u tal-Leġġendi.

Fuq il-Leġġendi dejjem kien igħidli biex nikteb aktar, għax kif kien itennili kemm-il darba: "Inti fil-Leġġendi sibt u lqatt il-vina poetika tiegħek!"

Fost il-poeżiji li ktibt, l-aktar li kien igħidli li kienu jolqtuh, kienu: "Quddiem xbieha ta' Ġesù" u "Tiftakar, ħi!"

Il-Prof. Aquilina, għalkemm hu lingwista mill-aħjar u għandu ħakma kbira fuq l-Ingliż u t-Taljan u naħseb fuq ilsna oħra, imma l-passjoni tiegħu hija u kienet dejjem għal ilsien art twelidna. Kiteb ħafna, speċjalment bl-Ingliż, imma donnu l-Ingliż inqeda l-aktar bih biex imexxi 'l quddiem u jagħmel propaganda għall-Malti fost il-barranin.

Bil-jedd kollu, fl-1966, ġie mogħti l-ikbar ġieħ li stajna ntuh hawn fil-gżira tagħna bħala rikonoxxenza tal-ħidma tiegħu għall-iżvilupp tal-kultura tal-Malti, il-medalja tad-deheb ta' Ġużè Muscat Azzopardi.

## (ii) Kapaċità intellettwali

Dan hu wieħed mid-doni kbar, li bih Alla l-Imbierek għoġbu jżejnu u li minnu għaraf jagħmel użu l-iktar għaqli, għall-ġieħ ta' pajjiżna u għall-ġid ta' l-oħrajn. Għandu ħażna f'moħħu ta' idejjiet, li biżżejjed daqsxejn ta' konċentrazzjoni biex jiġborlok f'sintesi ta' l-għaġeb diskors jew essay mill-isbaħ.

Għandu penetrazzjoni ta' kritika, li biha jaf jidħol 'il ġewwanett biex jikxef il-ħsibijiet l-aktar moħbija li jgħaddu mill-moħħ tal-kittieb, li jaqa' taħt il-misturi ta' l-analiżi rqiqa tiegħu.

Tiskanta kif isib iż-żmien biex jipproduċi dak kollu li joħroġ mill-pinna tiegħu jew minn fommu.

Igħiduli li ħafna drabi, biex jirbaħ iż-żmien u jlaħħaq max-xogħol li għandu f'idejh, ikollu jinqeda b'ħaddieħor. Hu jippassiġġa u jiddetta u ħaddieħor fuq it-typewriter jikteb.

Barra x-xogħol ta' l-università, tiskanta r-rabtiet li għandu ma universitajiet ta' barra, ma' għaqdiet internazzjonali u nazzjonali. Moħħu dejjem sejjer, donnu ma jafx b'mistrieħ. Dejjem joħloq il-ġdid. Kiteb bil-Malti, bl-Ingliż, bit-Taljan. Kiteb fuq kull xorta ta' suġġetti. U meta jikteb jew jitkellem, jikteb jew jitkellem ta' wieħed espert, li jaf jidħol fil-fond, li dak li jgħid hu frott ta' studju serju. Kiteb proża u poeżija, iktar proża milli poeżija. Imma l-ftit poeżija li kiteb hi ta' kwalità għolja, li turi maturità fil-ħsieb u leħma qawwija.

Sa fejn naf jien, kien hu l-ewwel wieħed li daħħal fil-poeżija Maltija, il-forma tas-Salm, bi kliem u b'espressjonijiet u b'dik il-fantasija simbolika, li biha kienu jinqdew il-Profeti tat-Testment il-Qadim.

## Karattru

Barra dawn it-talenti li jżejnuh u jagħmlu mill-Prof. Aquilina waħda mill-figuri intellettwali li l-iktar jolqtuk f'pajjiżna, hemm kwalità oħra ġibdet dejjem l-ammirazzjoni tiegħi lejh: il-karattru tiegħu, mibni fuq prinċipji sħaħ. Bniedem ta' karattru hu bniedem ta' kuxjenza, bniedem li jaf igħix skond dak li jemmen, bniedem tal-linja dritta, li jaf jgħid iva jew lè, skond kif tgħidlu l-kuxjenza retta, imdawla mill-fidi.

Il-Prof. Aquilina wera dan il-karattru tiegħu fix-xhieda qawwija li dejjem ta, tal-konvinzjonijiet tiegħu reliġjużi, bil-kitba u bil-kelma, fl-okkażjonijiet kollha li fihom sab ruħu.

Qatt ma kien vittma tar-rispett uman. L-unuri u l-glorja li kiseb matul is-snin tal-karriera tiegħu ma ħassruhx u qatt m'għamlu bih.

Qatt ma staħa juri s-sentimenti tiegħu bħala iben ġenwin tal-knisja u f'kull

okkażjoni li kellu, dejjem qabeż biex jiddefendi il-patrimonji qaddisa li writna minn missirijetna u li fih kien imrobbi minn tfulitu.

Niftakar is-sensiela ta' essays mill-isbaħ li darba kien kiteb bl-Ingliż f'wieħed mill-ġurnali lokali, ta' natura apoloġetika, li kienu ġibdu l-attenzjoni anki tal-barranin. Dawk l-essays dejjem rajt fihom l-aqwa stqarrija fil-beraħ tal-fidi li dejjem kienet hekk għażiża għal qalbu.

F'kull kontroversja li kienet tinqala, fuq xi pont li għandu x'jaqsam ma xi prinċipji ta' fidi jew ta' morali, dejjem dehret il-kitba tiegħu, biex jiċċara l-idejjiet u jiddritta l-imgħawweġ, b'kelma miftuħa, awtorevoli u b'argumenti qawwija, imdawla bil-verità tal-vanġelu u tal-Maġisteru tal-knisja.

Niftakru dan l-aħħar l-ittri tiegħu sodi fit-*Times of Malta* u fis-*Sunday Times* biex jeħodha kontra s-sofiżmu qarrieq tal-Marxiżmu, fl-isforzi li qed jagħmel biex ixerred il-velenu tiegħu fost l-intelletwali u li mhux intellettwali tal-poplu tagħna.

Niftakru wkoll l-ittri tiegħu biex jiddefendi l-integrità morali tal-Poeta Nazzjonali tagħna, Dun Karm Psaila, mit-tajn li xi ħadd ipprova jixħetlu.

Il-katedra li l-Prof. Aquilina qed jokkupa fl-università tagħna, ma nqediex biha biss biex ixerred minnha l-għerf profan tas-suġġett tiegħu, imma wkoll biex ixerred id-dawl tal-verità u biex ikun bħal fanal, biex juri fid-dlamijiet tad-dinja mħawda tal-lum it-triq tas-sewwa li mhix imħalta bil-qerq.

Għaraf jinqeda bit-talenti li Alla l-Imbierek tah, mhux biex imexxi 'l quddiem lil dawk ta' madwaru fl-għerf tad-dinja, imma wkoll f'dak li hu il-veru għerf, fl-għerf tas-sema.

Il-Prof. Aquilina ġab dejjem ruħu bħall-qaddej fidil tal-vanġelu li għaraf jaqdi dmiru ta' veru qaddej billi fittex il-glorja t'Alla u l-ġid ta' l-erwieħ. Kemm-il darba kelli miegħu konverżazzjonijiet familjari u dawn kienu dejjem is-sentimenti reliġjużi li rajt fih.

Il-veru każ tal-bniedem għaqli li bena l-kobor tiegħu mhux fuq ir-ramel, li meta jvenvnu l-irwiefen kollox jiġġarraf u jsir gozz ħerba, imma li għaraf jibni fuq il-blata samma u nefħu l-irwiefen u l-bini ma ġġarrafx.

F'dan l-iktar li nara il-kobor tal-Prof. Aquilina u f'dan l-iktar li jistħoqqlu, barra minn kull mertu ieħor, il-ġieħ u l-istima u l-ammirazzjoni ta' kull min hu Malti tabilħaqq. Din inqisuha bħala waħda mill-ikbar glorji tiegħu; li tagħti ġieħ lil Malta, lil din l-art ħelwa li tatna t-twelid u isimha.

# IR-RUH U L-MOHH TAL-PROFESSUR ĠUŻÈ AQUILINA

## TIFKIRIET TA' EX-KOLLEGA U ĦABIB

**Prof. RENATO CIRILLO (KANADA)**

Hu ta' ferħ u ġieħ għalija li ġejt mistieden biex nagħti l-impressjonijiet tiegħi dwar il-Professur Ġużè Aquilina f'din il-ħarġa speċjali ta' *Leħen il-Malti*. Bħala wieħed mill-ewwel studenti tiegħu, kif ukoll bħala wieħed li dejjem għożżejt il-ħbiberija tiegħu, inħossni mkabbar li qed nagħmel din il-kontribuzzjoni żgħira; iżda fl-istess ħin nifhem li mhu xejn ħafif għalija li nfassal kitba li tista' tagħmel ħaqq lill-kwalitajiet uniċi ta' wieħed mill-akbar studjużi kif ukoll mill-aqwa rġiel li tat Artna.

Ilni ħdax-il sena 'l bogħod minn Malta. Dawn kienu snin li fihom għallimt u ħdimt f'universitajiet u f'artijiet kbar tal-kontinent tal-Amerika. Matul dan iż-żmien stajt niżen wisq aħjar il-kwalitajiet tajba u ħżiena ta' pajjiżna, tal-istorja u l-kultura tiegħu. Il-bogħod, iż-żmien u l-kobor ta' fejn qed ngħix kollha għinuni biex inħares lejn pajjiżna minn perspettiva ġdida. Kemm affarijiet li kont narahom importanti u kbar meta kont ngħix f'Malta jidhru llum żgħar u bla importanza! Kemm oħrajn li bilkemm kont nagħti każ tagħhom, illum inħosshom għeżież u sehem essenzjali tal-wirt tiegħi bħala Malti!

Hi sewsew din il-perspettiva ġdida li tagħtini vantaġġ fuq ħafna oħrajn li nagħti impressjonijiet objettivi fuq il-Professur Aquilina. L-ewwel mistoqsija li nagħmel lili nnifsi hi din: illum li għixt u ħdimt ma' nies ta' kull lewn u fehma, illum li sirt naf mill-qrib ħafna ġganti ntellettwali f'ambjenti wisq aktar kbar u għonja minn Malta, kif nilmaħ minn hawn lill-Professur Aquilina? L-idejat għolja li kelli tiegħu meta kont ngħix f'Malta tbiddlu, jew le'? U jekk tbiddlu, kif?

It-tweġiba għal dawn il-mistoqsijiet intiha bla tlaqliq. L-esperjenza tiegħi mhux biss ma tnaqqas xejn minn kif dejjem kont ħarist lejn Aquilina, iżda bil-maqlub issaħħaħ il-konvinzjoni tiegħi li dan il-Malti hu 'kbir' f'liema lsien issejjaħlu u f'liema pajjiż tiltaqa' miegħu. Mhux biss għax ix-xogħol tiegħu hu llum magħruf lilhinn mix-xtut ta' pajjiżna, iżda wisq aktar għax għandu *kwalitajiet universali* hekk għolja li jagħmlu ġieħ lil kull pajjiż ieħor. Dan nittama li nuri fil-kumplament ta' dan l-artiklu.

Nibda biex immur lura fit-tifkiriet tiegħi fl-ewwel snin bħala student fl-Università ta' Malta. Dawn kienu żmenijiet meta l-preġudizzji kontra l-ilsien Malti kienu fl-aqwa tagħhom. Għalkemm personalment kont inħobb il-Malti, bħal ħafna oħrajn kont inqis is-siwi tiegħu limitat ħafna. Bl-ebda mod ma kont lest nilqa' t-tagħlim tiegħu fl-Università jew inħares lejn il-letteratura Maltija b'entużjażmu. Fi ftit żmien il-Professur tiegħi tal-Malti mhux biss irnexxielu jirbaħ il-preġudizzji tiegħi, iżda ġagħlni għall-ewwel darba inħossni mkabbar bl-ilsien tiegħi. U ma kontx waħdi li għaddejt minn din l-esperjenza. Dan ma kien xejn xogħol ħafif għal Aquilina li sab quddiemu klassijiet aktarx ostili li xejn ma kienu lesti li jikkoperaw miegħu. Iżda l-kompetenza u l-entużjażmu tiegħu kienu hekk qawwija li quddiemhom kull reżistenza ntellettwali preġudikata kienet fl-aħħar jew tisfa fix-xejn jew tiffjakka għal kollox.

Aquilina kien jaf igħallem il-Malti b'mod li jġagħlek tħoss għall-ewwel darba li l-Malti daqs kull ilsien ieħor hu kapaċi li jfisser ħsebijiet għolja kif ukoll il-ħsus kollha tar-ruħ ta' pajjiżna. Jiena u studenti oħra bdejna nifhmu li bħal kull poplu ċivilizzat kellna letteratura, li għalkemm żagħżugħa, fqira u mingħajr pretensjonijiet eżaġerati, kienet kapaċi tikber u tisseddaq jekk konna lesti li nikkultivawha. Aktarx li aħna konna l-ewwel ġenerazzjoni ta' gradwati tal-Università ta' Malta li ma ħassejnix bħal ta' qabilna li l-Malti kif għallmuna l-preġudizji, kien ilsien li jħammarlek wiċċek. Bil-maqlub kxifna li fil-Malti kienet tinsab l-identità tagħna bħala Maltin. Is-siwi ta' dan ħassejtu wisq aktar meta mħabba l-istudji u x-xogħol tiegħi kelli ngħix snin sħaħ barra minn pajjiżi. Kemm-il darba kelli ngħid, u kont naf ingħid bla tlaqliq, xi jfisser li jiena Malti!

Iżda l-influwenza tal-Professur tiegħi tal-Malti ma kinetx tieqaf hawn. Il-Professur Aquilina kien professur fis-sens oriġinali tal-kelma meta fl-universitajiet medjevali bħal dawk ta' Bolonja, Pariġi, Oxford u Louvain, kien mistenni minnu li jiġbor fih il-medda wisa' tal-għerf ta' żmienu. Fl-istess ħin Aquilina kien ukoll il-professur modern, speċjalizzat fil-fergħa tax-xjenza tiegħu. Dawn iż-żewġ kwalitajiet, magħqudin flimkien fl-istess persuna, huma doni rari ħafna llum. F'dinja ta' speċjalizazzjoni dejqa u limitata, dan it-tip ta' professur qed jisparixxi għal kollox bi ħsara għal kull progress uman. Imħabba f'hekk fl-universitajiet tal-lum, l-aktar f'dawk tal-pajjiżi hekk imsejħa żviluppati, it-tagħlim hu għoli u tekniku ħafna, iżda ma għadux aktar uman. Imħabba f'hekk il-ġenerazzjonijiet ġodda ta' studjużi u professjonisti huma ħafna drabi neqsin minn viżjoni wiesa' u bnina tal-valuri umani. Din hi theddida serja għall-ġejjieni taċ-ċiviltà u ta' l-umanità.

Imħabba dawn il-kwalitajiet li semmejt, il-Professur Aquilina rnexxielu iġagħlna ninteressaw ruħna fl-istudji xjentifiċi tal-fonetika, fl-istudji lingwistiċi komparattivi u b'mod speċjali fil-bżonn ta' riċerka xjentifika serja. Iżda fl-istess ħin kien jaf iwassal fl-imħuħ tagħna l-interessi tiegħu filosofiċi, letterarji, storiċi u soċjali. Kien jaf jispirak. Il-ħidma ta' ħafna mill-ex-studenti tiegħu hi l-aħjar xhieda ta' dan.

Ftit snin wara meta bdejt ngħallem l-Ekonomija fl-Università ta' Malta sirt naf lil Professur Aquilina l-ewwel bħala kollega u aktar tard bħala wieħed minn ta' quddiem nett fil-kamp intellettwali u soċjali ta' Malta. It-tifkiriet li għandi tiegħu bħala kollega huma mill-aħjar. Kien jaf jinkoraġġik meta mħabba n-nuqqas ta' esperjenza l-ħidma tiegħek kienet tinħass tqila; kien jaf jagħtik pariri mingħajr ma jippatruċinak. Kont tħossok tiddakkar mill-lejaltà assoluta tiegħu lejn il-kollegi tiegħu, lejn l-università u l-istituzzjonijiet kollha tal-pajjiż. Bħala Dekan tal-Fakultà tal-Arti ħadem bis-sħiħ ħalli d-dipartimenti jissaħħu u l-fakulta' tikseb il-ġieħ tal-Maltin kif ukoll tal-barrani. F'din il-ħidma tiegħu waħda mill-aħjar kwalitajiet li kont nilmaħ fih kien is-sens ta' flessibiltà li kellu kull meta kien jifhem li ħaddieħor kellu raġunijiet li mhux bilfors kienu jaqblu ma tiegħu. Rajt bosta xhieda fih ta' moħħ superjuri li ma jħallix il-kburija twaqqfu li jifhem l-imħuħ ta' l-oħrajn.

Rajtu wkoll jissielet bla biża' għall-jeddijiet tal-professuri tal-Università. Kien jaf jissielet bla kompromessi fejn jidħlu prinċipji għall-interessi ta' kulħadd. Ma' kienx jistmerr li jaqa' fl-odjożità ta' l-awtoritajiet kull meta ħass id-dmir li joħroġ fil-beraħ u jikkritika.

Ħdimna wkoll għal żmien sewwa qrib xulxin mhux biss fl-Università iżda wkoll fi sferi ta' mportanza nazzjonali. Wassalna l-fehma tagħna fuq ir-radju u t-televiżjoni. Kien żmien meta flimkien qsamna ħafna qtiegħ ta' qalb kif ukoll l-aħjar tamiet li kellna dwar il-ġejjieni ta' pajjiżna. F'dan iż-żmien, aktarx aktar minn kull żmien ieħor, għaraft kemm Aquilina ma kienx iħalli l-kritika nġusta u l-attakki persunali jnaqqsu l-ħila tiegħu.

Nixtieq issa nħares lejn il-Professur Aquilina 'l bogħod mis-swali universitarji u nagħrbel is-siwi tiegħu fil-ħajja nazzjonali ta' Malta. Kull tant żmien fl-istorja ta' pajjiż jitfaċċa bniedem jew bnedmin li bil-ħidma u l-kitba tagħhom jippersonifikaw ir-ruħ u l-moħħ tal-pajjiż. Għalija Aquilina hu wieħed minn dawn. Il-kitba tiegħu hija mera ta' ruħ Malta. L-għeruq ta' pajjiżna huma imxittla profondament fit-twemmin u t-tradizzjonijiet nisranija. Kieku Malta ma kellix tibqa' nisranija ma tibqax Malta kif tafha l-istorja u kif dejjem kienu jafuha l-ġnus l-oħra. Tkun tilfet ruħha. Twemmin, kultura u storja huma magħġunin flimkien fil-ħajja ta' pajjiżna. Il-kitba ta' Aquilina kemm dik letterarja (ibda minn *Taħt Tliet Saltniet* u ibqa' sejjer sas-Salmi), kif ukoll il-kitba semi-popolari tiegħu, jimru fihom sekli ta' twemmin nisrani. Iżda hu twemmin sod u żonqri, 'il bogħod mis-sentimentaliżmu u minn ideat preġudikati jew superstizjużi. Hu twemmin imdawwal minn viżjoni dinamika tal-Kristjaniżmu. Xi drabi l-idejat ta' Aquilina jidhru kontroversjali u għalhekk mhux dejjem jogħġbu lill-mentalità konvenzjonali, iżda huma dejjem idejat ortodossi mxittla f'filosofija għal kollox nisranija. Tiegħu hu twemmin ħaj bħal dak li seddaq u nebbaħ ġenerazzjonijiet sħaħ ta' Maltin li kellhom jissiltu ma' kull għawġ u qawwa ħalli jżommu bla mittiefes il-patrimonju ta' pajjiżhom. Il-viżjoni nisranija li jfisser Aquilina hija fl-aħjar tradizjonijiet ta' filosfi nsara ta' żmienna li bihom huma mkabbra bosta mill-pajjiżi ta' l-Ewropa.

Aquilina hu wkoll xempju tal-moħħ ta' Malta. Għad jibqa' magħruf bħala wieħed mill-aħjar studjużi u ntellettwali ta' pajjiżna. Mhux għalih il-medjokrità; mhux għalih id-dilettantiżmu. Il-kitba tiegħu hi llum magħrufa sewwa f'ħafna pajjiżi. Għalkemm l-għodda li kellu f'idejh kienu limitati ħafna, kien jaf jużahom b'mod li seta jikkompeti ma oħrajn li mħabba l-għana ta' pajjiżhom, kienu jistgħu jużaw mezzi aktar setgħana. Il-ħidma dinamika tiegħu fid-dinja tal-moħħ bil-kotba ħaj f'laqgħat importanti internazzjonali, tat xhieda lill-barrani sa fejn għandu l-ħila jasal l-intellettwali Malti meta jieħu x-xogħol tiegħu bis-serjetà u jinqata' minn medjokrità li tmarrad.

Nasal issa għall-aħħar riflessjoni li nixtieq nagħmel. Ftit huma fl-istorja dawk li rnexxilhom jaraw f'ħajjithom stess ir-rebħa ta' ħidmithom u t-twettiq tal-idejali tagħhom. Il-Professur Aquilina f'anqas minn erbgħin sena ra' mhux biss il-Malti jieħu l-post li jixraqlu f'pajjiżu iżda ra' wkoll lil dawk li kienu jissieltu miegħu u sa kienu jirridikulawh, ineħħu l-preġudizji qodma tagħhom, jilqgħu lil Malti u jagħmluh tagħhom. Ra' ukoll letteratura fqira tikber u tissaħħaħ u tnebbaħ l-imħuħ ta' madwar żewġ ġenerazzjonijiet. Dan kien trijonf kbir. Kienet rebħa ta' bniedem li bil-perseveranza tiegħu flimkien ma' determinazjoni tal-azzar irnexxielu jikkonvinċi lil min kien qed jeħodha kontrih, li l-imħabba għal Malti mhux biss ma kinetx ta' ħsara għall-kultura qadima ta' Malta iżda bil-maqlub kienet garanzija ta' kultura wisq aktar għolja u tabilħaqq Maltija.

Dawn huma l-ħsebijiet li qed igħaddu minn moħħi meta nħares lejn il-karriera twila akkademika tal-Professur Aquilina. Dan kien żmien li fih mhux biss ta kontribut akkademiku uniku, iżda rnexxielu jwettaq ħidma hekk kbira għall-ġid tal-professuri sħabu kif ukoll għal pajjiżu li dejjem ħabb. Jien żgur li Aquilina, li għadu żagħżugħ fil-moħħ u fl-ispirtu, mhux ser jieqaf għalissa mill-ħidma tiegħu. Sakemm Alla jtih is-saħħa u l-għomor hu t-tip li ma jafx igħid 'finis'. Imma jiġri x'jiġri 'l quddiem, jien żgur li l-patrimonju mill-isbaħ li ġa ta lil Malta jibqa' minqux fl-istorja ta' pajjiżna u jibqa' ta' ispirazzjoni għall-ġenerazjonijiet sħaħ li għad jiġu warajha.

TAKE YOUR INSURANCE PROBLEMS TO

# THE MEN FROM THE PRUDENTIAL



For many years the man from the prudential in Malta has given expert professional advice on all types of insurance. To learn more about the company's policies complete and post the coupon below.

**THE PRUDENTIAL ASSURANCE COMPANY LIMITED**
**HOLBORN BARS, LONDON**

**ASSETS EXCEED £2,300,000,000**

**The Company that every one knows and trusts**

---

**To the Prudential Assurance Company Ltd.,**
**Malta Branch Office: 225, Merchants Street, Valetta.**
**Tel: 28201**

Please send me information on your policies.
I am interested in the Insurance marked ✕

**PERSONAL**

| | | | |
|---|---|---|---|
| **LIFE ASSURANCE** | ( ) | **FIRE** | ( ) |
| **MORTGAGE PROTECTION** | ( ) | **HOUSEHOLDERS** | ( ) |
| **STAFF PENSION SCHEME** | ( ) | **MOTOR** | ( ) |

**Any other risks not mentioned above** .................

**NAME** ..........................................

**ADDRESS** ..........................................

........................



*K.* **Sant, G. Cassar Pullicino, Ninu Cremona, Salvinu Boffa, is-Surmast A. Muscat Azzopardi. Waqt eżami fil-Knisja ta' San Duminku, Valletta — Ottubru 1940.**

*(Artiklu f'paġna 15)*